Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel

2025/0391(COD)

24.6.2026

EMENDI
31 - 229

Abbozz ta' rapport
Emma Wiesner
(PE788.874v01-00)

It-tħaffif tal-valutazzjonijiet ambjentali

Proposta għal regolament
(COM(2025)0984 – C10-0337/2025 – 2025/0391(COD))

Emenda 31
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

– Il-Parlament Ewropew jirrifjuta [il-proposta tal-Kummissjoni].

Or. fr

Emenda 32
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	***imħassar***
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	
dwar it-tħaffif tal-valutazzjonijiet ambjentali	

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Emenda ta' ċaħda

Emenda 33
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Il-valutazzjonijiet ambjentali llum spiss qed ikunu dgħajfa wisq jew saħansitra inežistenti għal ċerti proġetti u

qegħdin iwasslu għal rimedji legali li jirriżultaw fl-annullament tal-proġetti.

Il-proġetti annullati xi drabi jkunu bdew il-ħidma tagħhom, u għalhekk ikunu kkawżaw ħsara irriversibbli lill-ekosistemi.

Għalhekk, jenħtieġ li l-valutazzjonijiet ambjentali jissaħħu u mhux jiddgħajfu, sabiex tiġi evitata l-qerda tal-bijodiversità minn proġetti li fl-aħħar mill-aħħar jiġu annullati mill-qrati.

Or. fr

Emenda 34
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa -1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1 a) Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini hija element essenzjali tat-tranżizzjoni ekoloġika, u jenħtieġ li l-ebda proġett ma jsir mingħajr il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini permezz ta' proċessi demokratiċi.

Or. fr

Emenda 35
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa -1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1b) Is-sitt estinzjoni tal-massa hija prinċipalment dovuta għall-attività tal-bniedem, u jenħtieġ li l-proġetti jitfasslu mill-ġdid biex jitnaqqas l-impatt tagħhom fuq l-ekosistemi, inkella l-utilità tagħhom

jenħtieġ li tiġi ddubitata.

Or. fr

Emenda 36
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa -1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1c) L-episodji u l-intensifikazzjoni tal-mewġiet tas-sħana li qed tesperjenza l-Unjoni Ewropea huma dovuti għan-nuqqas ta' tħejjija ekoloġika, u jenħtieġ li l-ebda proġett ġdid ma jiġi awtorizzat mingħajr ma jitqiesu l-isfidi tal-adattament għat-taqlib fil-klima.

Or. fr

Emenda 37
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-linji gwida politiċi għat-terminu tal-2024-2029 tal-Kummissjoni Ewropea[3] jistabbilixxu pjan għall-prosperità u għall-kompetittività sostenibbli tal-Unjoni. Li n-negozju jsir aktar faċli u li s-Suq Uniku jiġi approfondit huma fost il-prijoritajiet ewlenin.	***imħassar***
[3] L-Għażla Quddiem l-Ewropa, Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029, Ursula von der Leyen	

Or. en

Emenda 38
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-linji gwida politiċi għat-terminu tal-2024-2029 tal-Kummissjoni Ewropea[3] jistabbilixxu pjan għall-prosperità u għall-kompetittività sostenibbli tal-Unjoni. Li n-negozju jsir aktar faċli u li s-Suq Uniku jiġi approfondit huma fost il-prijoritajiet ewlenin.	(1) Il-linji gwida politiċi għat-terminu tal-2024-2029 tal-Kummissjoni Ewropea[3] jistabbilixxu pjan għall-prosperità u għall-kompetittività sostenibbli tal-Unjoni. Li n-negozju jsir aktar faċli u li s-Suq Uniku jiġi approfondit huma fost il-prijoritajiet ewlenin***, flimkien mal-fatt li tinżamm it-triq lejn l-għanijiet kollha tagħna, inkluż dawk stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, u l-implimentazzjoni tal-qafas legali eżistenti għall-2030***.
[3] L-Għażla Quddiem l-Ewropa, Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029, Ursula von der Leyen	[3] L-Għażla Quddiem l-Ewropa, Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029, Ursula von der Leyen

Or. en

Emenda 39
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-Unjoni impenjat ruħha favur id-dekarbonizzazzjoni aċċellerata tal-ekonomija tagħha biex tikseb in-newtralità klimatika, jiġifieri emissjonijiet żero netti jew inkella emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, sal-2050. Dak l-objettiv jinsab fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u huwa konformi mal-impenn tal-Unjoni favur azzjoni klimatika globali	(2) L-Unjoni impenjat ruħha favur id-dekarbonizzazzjoni aċċellerata tal-ekonomija tagħha biex tikseb in-newtralità klimatika, jiġifieri emissjonijiet żero netti jew inkella emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, sal-2050. Dak l-objettiv jinsab fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u huwa konformi mal-impenn tal-Unjoni favur azzjoni klimatika globali

skont il-Ftehim ta' Pariġi.	skont il-Ftehim ta' Pariġi. ***L-Unjoni impenjat ruħha wkoll li tikseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, l-irkupru fit-tul u sostnut ta' ekosistemi bijodiversi u reżiljenti, kif ukoll it-trasparenza u l-parteċipazzjoni pubblika effettiva fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali, f'konformità ma' ftehimiet internazzjonali bħall-Konvenzjonijiet ta' Espoo, Aarhus u tad-Diversità Bijoloġika.***

Or. en

Emenda 40
Paolo Inselvini, Sergio Berlato, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-Unjoni impenjat ruħha ***favur id-dekarbonizzazzjoni aċċellerata tal-ekonomija tagħha biex tikseb in-newtralità klimatika, jiġifieri emissjonijiet żero netti jew inkella emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, sal-2050. Dak l-objettiv jinsab fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u huwa konformi mal-impenn*** tal-Unjoni ***favur azzjoni klimatika globali skont*** il-Ftehim ta' Pariġi.	(2) ***L-Unjoni impenjat ruħha li progressivament tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tippromwovi t-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar sostenibbli, filwaqt li tikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi tal-Unjoni b'mod konsistenti mal-kompetittività tal-industrija Ewropea, is-sigurtà tal-enerġija, is-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza ekonomika u soċjali. Jenħtieġ li dik it-tranżizzjoni tiġi segwita b'mod teknoloġikament newtrali, proporzjonat u ekonomikament vijabbli, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi differenti tal-Istati Membri u f'konformità mal-impenji internazzjonali*** tal-Unjoni***, inkluż*** il-Ftehim ta' Pariġi.

Or. it

Emenda 41
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-Unjoni impenjat ruħha favur id-dekarbonizzazzjoni aċċellerata tal-ekonomija tagħha biex tikseb in-newtralità klimatika, jiġifieri emissjonijiet żero netti jew inkella emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, sal-2050. Dak l-objettiv jinsab fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ***u*** huwa konformi mal-impenn tal-Unjoni favur azzjoni klimatika globali skont il-Ftehim ta' Pariġi.	(2) L-Unjoni impenjat ruħha favur id-dekarbonizzazzjoni aċċellerata tal-ekonomija tagħha biex tikseb in-newtralità klimatika, jiġifieri emissjonijiet żero netti jew inkella emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, sal-2050. Dak l-objettiv jinsab fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew***,*** huwa konformi mal-impenn tal-Unjoni favur azzjoni klimatika globali skont il-Ftehim ta' Pariġi ***u jenħtieġ li jinkiseb fir-rigward tal-għanijiet tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal***.

Or. en

Emenda 42
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-Unjoni impenjat ruħha favur id-dekarbonizzazzjoni aċċellerata tal-ekonomija tagħha biex tikseb in-newtralità klimatika, jiġifieri emissjonijiet żero netti jew inkella emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, sal-2050. ***Dak l-objettiv jinsab*** fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u ***huwa*** konformi mal-impenn tal-Unjoni favur ***azzjoni klimatika*** globali skont il-Ftehim ta' Pariġi.	(2) L-Unjoni impenjat ruħha favur id-dekarbonizzazzjoni aċċellerata tal-ekonomija tagħha biex tikseb in-newtralità klimatika, jiġifieri emissjonijiet żero netti jew inkella emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, sal-2050. ***Barra minn hekk, l-Unjoni impenjat ruħha li tipproteġi n-natura u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistema. Dawk l-objettivi jinsabu*** fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u ***huma*** konformi mal-impenn tal-Unjoni favur ***azzjonijiet klimatiċi u tal-bijodiversità*** globali skont il-Ftehim ta' Pariġi ***u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal***.

Or. en

Emenda 43
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-Unjoni impenjat ruħha favur id-dekarbonizzazzjoni aċċellerata tal-ekonomija tagħha biex tikseb in-newtralità klimatika, jiġifieri emissjonijiet żero netti jew inkella emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, sal-2050. Dak l-objettiv jinsab fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u ***huwa konformi mal-impenn*** tal-Unjoni favur azzjoni klimatika globali skont il-Ftehim ta' Pariġi.	(2) L-Unjoni impenjat ruħha favur id-dekarbonizzazzjoni aċċellerata tal-ekonomija tagħha biex tikseb in-newtralità klimatika, jiġifieri emissjonijiet żero netti jew inkella emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, sal-2050 ***u n-negattività klimatika minn hemm 'il quddiem***. Dak l-objettiv jinsab fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u ***l-impenn*** tal-Unjoni favur azzjoni klimatika globali skont il-Ftehim ta' Pariġi.

Or. en

Emenda 44
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) ***Fl-istess ħin, is-sejbiet tar-rapport ta' Draghi tal-2024[4] jindikaw li l-proċeduri twal u inċerti tal-għoti tal-permessi huma ostaklu għall-varar ta' proġetti kritiċi bħall-provvista u l-grilji tal-enerġija ġodda.*** Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa[5] tindika li din trid tħaffef il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, b'mod partikolari għall-varar ta' proġetti tal-grilji, tal-ħżin tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli, l-aċċess industrijali għall-enerġija u l-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali kif ukoll il-manifattura ta' teknoloġiji nodfa. ***Huma meħtieġa proċeduri aktar rapidi tal-għoti tal-permessi, fost l-oħrajn, għal proġetti ta' ċentri tad-data, faċilitajiet ta'***	(3) Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa[5] tindika li din trid tħaffef il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, b'mod partikolari għall-varar ta' proġetti tal-grilji, tal-ħżin tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli, l-aċċess industrijali għall-enerġija u l-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali kif ukoll il-manifattura ta' teknoloġiji nodfa.

supercomputers tal-EuroHPC, fabbriki tal-IA, gigafabbriki tal-IA, proġetti ta' semikondutturi. Barra minn hekk, dan huwa meħtieġ għal proġetti li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali, għal dawk relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-portijiet marittimi u interni, l-ajruporti u l-ferroviji tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Huwa meħtieġ li l-permessi jingħataw aktar malajr ukoll għal proġetti li huma kritiċi biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni.

---

[4] Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness (Il-futur tal-kompetittività Ewropea). Disponibbli hawnhekk: Ir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Frar 2025, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni (COM(2025) 85 final).

---

[4] Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness (Il-futur tal-kompetittività Ewropea). Disponibbli hawnhekk: Ir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Frar 2025, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni (COM(2025) 85 final).

Or. en

Emenda 45
Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-istess ħin, is-sejbiet tar-rapport ta' Draghi tal-2024[4] jindikaw li l-proċeduri twal u inċerti tal-għoti tal-permessi huma ostaklu għall-varar ta' proġetti kritiċi bħall-provvista u l-grilji tal-enerġija ġodda. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa[5] tindika li din trid tħaffef il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, b'mod	(3) Fl-istess ħin, is-sejbiet tar-rapport ta' Draghi tal-2024[4] jindikaw li l-proċeduri twal u inċerti tal-għoti tal-permessi huma ostaklu għall-varar ta' proġetti kritiċi bħall-provvista u l-grilji tal-enerġija ġodda. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa[5] tindika li din trid tħaffef il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, b'mod

partikolari għall-varar ta’ proġetti tal-grilji, tal-ħżin tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli, l-aċċess industrijali għall-enerġija u l-proġetti ta’ dekarbonizzazzjoni industrijali kif ukoll il-manifattura ta’ teknoloġiji nodfa. Huma meħtieġa proċeduri aktar rapidi tal-għoti tal-permessi, fost l-oħrajn, għal proġetti ta’ ċentri tad-data, faċilitajiet ta’ supercomputers tal-EuroHPC, fabbriki tal-IA, gigafabbriki tal-IA, proġetti ta’ semikondutturi. Barra minn hekk, dan huwa meħtieġ għal proġetti li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali, għal dawk relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-portijiet marittimi u interni, l-ajruporti u l-ferroviji tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Huwa meħtieġ li l-permessi jingħataw aktar malajr ukoll għal proġetti li huma kritiċi biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni.

partikolari għall-varar ta’ proġetti tal-grilji, tal-ħżin tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli, l-aċċess industrijali għall-enerġija u l-proġetti ta’ dekarbonizzazzjoni industrijali kif ukoll il-manifattura ta’ teknoloġiji nodfa. Huma meħtieġa proċeduri aktar rapidi tal-għoti tal-permessi, fost l-oħrajn, għal proġetti ta’ ċentri tad-data, faċilitajiet ta’ supercomputers tal-EuroHPC, fabbriki tal-IA, gigafabbriki tal-IA, proġetti ta’ semikondutturi. Barra minn hekk, dan huwa meħtieġ għal proġetti li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali, għal dawk relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-portijiet marittimi u interni, l-ajruporti u l-ferroviji tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Huwa meħtieġ li l-permessi jingħataw aktar malajr ukoll għal proġetti li huma kritiċi biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni. ***Għall-proġetti ta’ ċentri tad-data, faċilitajiet ta’ supercomputers, fabbriki tal-IA u ġigafabbriki tal-IA, din l-aċċellerazzjoni jenħtieġ li tqis il-konsum tal-enerġija, tal-ilma u tal-art tagħhom, kif ukoll kwistjonijiet relatati maċ-ċibersigurtà, mal-protezzjoni tad-data u mas-sovranità diġitali Ewropea.***

[4] Draghi, M. (2024) The future of European competitiveness. Disponibbli hawnhekk: Ir-rapport ta’ Draghi dwar il-kompetittività tal-UE.

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta’ Frar 2025, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni (COM(2025) 85 final).

[4] Draghi, M. (2024) The future of European competitiveness. Disponibbli hawnhekk: Ir-rapport ta’ Draghi dwar il-kompetittività tal-UE.

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta’ Frar 2025, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni (COM(2025) 85 final).

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Dawn l-infrastrutturi jistgħu jkunu strateġiċi, iżda jikkunsmaw l-ilma, l-enerġija u l-art. L-

aċċellerazzjoni tagħhom trid tkun kundizzjonali fuq il-garanziji taċ-ċibersigurtà, tad-data u tas-sovranità diġitali.

Emenda 46
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-istess ħin, is-sejbiet tar-rapport ta' Draghi tal-2024[4] jindikaw li l-proċeduri twal u inċerti tal-għoti tal-permessi huma ***ostaklu*** għall-varar ta' proġetti kritiċi bħall-provvista u l-grilji tal-enerġija ġodda. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa[5] tindika li din trid tħaffef il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, b'mod partikolari għall-varar ta' proġetti tal-grilji, tal-ħżin tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli, l-aċċess industrijali għall-enerġija u l-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali kif ukoll il-manifattura ta' teknoloġiji nodfa. ***Huma meħtieġa proċeduri aktar rapidi*** tal-għoti tal-permessi***, fost l-oħrajn, għal proġetti ta' ċentri tad-data, faċilitajiet ta' supercomputers tal-EuroHPC, fabbriki tal-IA, gigafabbriki tal-IA, proġetti ta' semikondutturi. Barra minn hekk, dan*** huwa meħtieġ ***għal proġetti li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali, għal*** dawk ***relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-portijiet marittimi u interni, l-ajruporti u l-ferroviji tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Huwa meħtieġ li l-permessi jingħataw aktar malajr ukoll għal proġetti li huma kritiċi biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni***.	(3) Fl-istess ħin, is-sejbiet tar-rapport ta' Draghi tal-2024[4] jindikaw li l-proċeduri twal u inċerti tal-għoti tal-permessi huma ***huma wieħed mill-ostakli*** għall-varar ta' proġetti kritiċi bħall-provvista u l-grilji tal-enerġija ġodda. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa[5] tindika li din trid tħaffef il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, b'mod partikolari għall-varar ta' proġetti tal-grilji, tal-ħżin tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli, l-aċċess industrijali għall-enerġija u l-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali kif ukoll il-manifattura ta' teknoloġiji nodfa. ***Matul dawn l-aħħar ftit snin, diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni introduċew skedi ta' żmien massimi u qosra għall-proċeduri*** tal-għoti tal-permessi ***f'diversi setturi. Peress li l-biċċa l-kbira ta' dawk l-iskedi ta' żmien għadhom ma ġewx applikati, u peress li ħafna minnhom ma kinux sostnuti minn Valutazzjoni tal-Impatt,*** huwa meħtieġ ***iż-żmien qabel ma jkunu jistgħu jiġu vvalutati l-impatti ta'*** dawk ***l-iskedi ta' żmien, kemm fuq l-aċċellerazzjoni tal-varar tal-proġetti kif ukoll fuq l-ambjent***.
[4] Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness (Il-futur tal-kompetittività Ewropea). Disponibbli hawnhekk: Ir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE	[4] Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness (Il-futur tal-kompetittività Ewropea). Disponibbli hawnhekk: Ir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Frar 2025, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni (COM(2025) 85 final).

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Frar 2025, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni (COM(2025) 85 final).

Or. en

Emenda 47
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-istess ħin, is-sejbiet tar-rapport ta' Draghi tal-2024[4] jindikaw li l-proċeduri twal u inċerti tal-għoti tal-permessi huma ostaklu għall-varar ta' proġetti kritiċi bħall-provvista u l-grilji tal-enerġija ġodda. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa[5] tindika li din trid tħaffef il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, b'mod partikolari għall-varar ta' proġetti tal-grilji, tal-ħżin tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli, l-aċċess industrijali għall-enerġija u l-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali kif ukoll il-manifattura ta' teknoloġiji nodfa. Huma meħtieġa proċeduri aktar rapidi tal-għoti tal-permessi, fost l-oħrajn, għal proġetti ta' ċentri tad-data, faċilitajiet ta' supercomputers tal-EuroHPC, fabbriki tal-IA, gigafabbriki tal-IA, proġetti ta' semikondutturi. Barra minn hekk, dan huwa meħtieġ għal proġetti li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali, għal dawk relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-portijiet marittimi u interni, l-ajruporti u l-ferroviji tan-network trans-Ewropew tat-trasport. ***Huwa meħtieġ li l-permessi jingħataw aktar malajr ukoll għal proġetti li huma kritiċi biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel***	(3) Fl-istess ħin, is-sejbiet tar-rapport ta' Draghi tal-2024[4] jindikaw li l-proċeduri twal u inċerti tal-għoti tal-permessi huma ostaklu għall-varar ta' proġetti kritiċi bħall-provvista u l-grilji tal-enerġija ***rinnovabbli u nadifa*** ġodda. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa[5] tindika li din trid tħaffef il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, b'mod partikolari għall-varar ta' proġetti tal-grilji, tal-ħżin tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli***, inkluża l-enerġija ġeotermali***, l-aċċess industrijali għall-enerġija u l-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali kif ukoll il-manifattura ta' teknoloġiji nodfa. Huma meħtieġa proċeduri aktar rapidi tal-għoti tal-permessi, fost l-oħrajn, għal proġetti ta' ċentri tad-data, faċilitajiet ta' supercomputers tal-EuroHPC, fabbriki tal-IA, gigafabbriki tal-IA, proġetti ta' semikondutturi. Barra minn hekk, dan huwa meħtieġ għal proġetti li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali, għal dawk relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-portijiet marittimi u interni, l-ajruporti u l-ferroviji tan-network trans-Ewropew tat-trasport.

fl-Unjoni.

---

[4] Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness (Il-futur tal-kompetittività Ewropea). Disponibbli hawnhekk: Ir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Frar 2025, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni (COM(2025) 85 final).

---

[4] Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness (Il-futur tal-kompetittività Ewropea). Disponibbli hawnhekk: Ir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Frar 2025, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni (COM(2025) 85 final).

Or. en

Emenda 48
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Andrea Wechsler, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fl-istess ħin, is-sejbiet tar-rapport ta' Draghi tal-2024[4] jindikaw li l-proċeduri twal u inċerti tal-għoti tal-permessi huma ostaklu għall-varar ta' proġetti kritiċi bħall-provvista u l-grilji tal-enerġija ġodda. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa[5] tindika li din trid tħaffef il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, b'mod partikolari għall-varar ta' proġetti tal-grilji, tal-ħżin tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli, l-aċċess industrijali għall-enerġija u l-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali kif ukoll il-manifattura ta' teknoloġiji nodfa. Huma meħtieġa proċeduri aktar rapidi tal-għoti tal-permessi, fost l-oħrajn, għal proġetti ta' ċentri tad-data, faċilitajiet ta' supercomputers tal-EuroHPC, fabbriki tal-IA, gigafabbriki tal-IA, proġetti ta'	(3) Fl-istess ħin, is-sejbiet tar-rapport ta' Draghi tal-2024[4] jindikaw li l-proċeduri twal u inċerti tal-għoti tal-permessi huma ostaklu għall-varar ta' proġetti kritiċi bħall-provvista u l-grilji tal-enerġija ġodda. Il-Komunikazzjoni dwar il-Patt għal Industrija Nadifa[5] tindika li din trid tħaffef il-proċeduri tal-għoti tal-permessi, b'mod partikolari għall-varar ta' proġetti tal-grilji, tal-ħżin tal-enerġija***, tal-irkupru tal-materjali*** u tal-enerġija rinnovabbli, l-aċċess industrijali għall-enerġija u l-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni industrijali kif ukoll il-manifattura ta' teknoloġiji nodfa. Huma meħtieġa proċeduri aktar rapidi tal-għoti tal-permessi, fost l-oħrajn, għal proġetti ta' ċentri tad-data, faċilitajiet ta' supercomputers tal-EuroHPC, fabbriki tal-IA, gigafabbriki tal-IA, proġetti ta'

semikondutturi. Barra minn hekk, dan huwa meħtieġ għal proġetti li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali, għal dawk relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-portijiet marittimi u interni, l-ajruporti u l-ferroviji tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Huwa meħtieġ li l-permessi jingħataw aktar malajr ukoll għal proġetti li huma kritiċi biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni.

semikondutturi. Barra minn hekk, dan huwa meħtieġ għal proġetti li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali, għal dawk relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-portijiet marittimi u interni, l-ajruporti u l-ferroviji tan-network trans-Ewropew tat-trasport. Huwa meħtieġ li l-permessi jingħataw aktar malajr ukoll għal proġetti li huma kritiċi biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni.

---

[4] Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness (Il-futur tal-kompetittività Ewropea). Disponibbli hawnhekk: Ir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Frar 2025, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni (COM(2025) 85 final).

[4] Draghi, M. (2024), The future of European competitiveness (Il-futur tal-kompetittività Ewropea). Disponibbli hawnhekk: Ir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Frar 2025, Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni (COM(2025) 85 final).

Or. en

Emenda 49
Jeannette Baljeu, Andreas Glück, Katri Kulmuni, Olivier Chastel, Engin Eroglu, Ana Vasconcelos, Ilhan Kyuchyuk

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Fil-kuntest ġeopolitiku kurrenti, is-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha jikkostitwixxu raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku prevalenti. Diġà jeżistu derogi f'diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni u jipprovdu raġunijiet ta' "interess pubbliku prevalenti", "sikurezza pubblika" jew, f'każ ta' "kriżi", li l-Istati

Membri jistgħu jużaw fejn xieraq għal skopijiet ta' attivitajiet u investimenti tal-prontezza tad-difiża. L-infrastruttura relatata mad-difiża, il-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża, l-infrastruttura tal-mobbiltà militari u l-provvista tal-enerġija tas-siti tad-difiża huma essenzjali għar-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni. Permessi aktar rapidi u aktar prevedibbli huma meħtieġa għal tali proġetti, filwaqt li tiġi rrispettata l-kompetenza tal-Istati Membri għas-sigurtà nazzjonali skont l-Artikolu 4(2) tat-TUE u l-Artikolu 346 tat-TFUE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tipprovdi ankraġġ politiku u legali għad-dispożizzjonijiet operattivi tad-difiża, li jirrifletti l-premessa 3, filwaqt li tissalvagwardja l-kompetenza tal-Istati Membri dwar is-sigurtà nazzjonali.

Emenda 50
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Jenħtieġ li jkun hemm disponibbli akkomodazzjoni affordabbli għall-unitajiet domestiċi li ma jkunux jistgħu, minħabba l-eżiti tas-suq u b'mod partikolari l-fallimenti tas-suq, jaċċessaw akkomodazzjoni b'kundizzjonijiet affordabbli. Għal dan il-għan, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni jenħtieġ li titkejjel abbażi ta' indikaturi ta' min joqgħod fuqhom, bħal pereżempju r-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni, il-proporzjon bejn il-kera u l-introjtu, il-proporzjon bejn il-ħlas tal-ipoteka u l-introjtu, il-proporzjon bejn il-prezz u l-introjtu jew is-snin ta' introjtu biex tinxtara dar. Il-kostijiet tal-enerġija	***imħassar***

jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni, tal-anqas għall-binjiet b'rendiment baxx fl-użu tal-enerġija.

Or. en

Emenda 51
Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Jenħtieġ li jkun hemm disponibbli akkomodazzjoni affordabbli għall-unitajiet domestiċi li ma jkunux jistgħu, minħabba l-eżiti tas-suq u b'mod partikolari l-fallimenti tas-suq, jaċċessaw akkomodazzjoni b'kundizzjonijiet affordabbli. Għal dan il-għan, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni jenħtieġ li titkejjel abbażi ta' indikaturi ta' min joqgħod fuqhom, bħal pereżempju r-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni, il-proporzjon bejn il-kera u l-introjtu, il-proporzjon bejn il-ħlas tal-ipoteka u l-introjtu, il-proporzjon bejn il-prezz u l-introjtu jew is-snin ta' introjtu biex tinxtara dar. Il-kostijiet tal-enerġija jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni, tal-anqas għall-binjiet b'rendiment baxx fl-użu tal-enerġija.	(4) Jenħtieġ li jkun hemm disponibbli akkomodazzjoni affordabbli għall-unitajiet domestiċi li ma jkunux jistgħu, minħabba l-eżiti tas-suq u b'mod partikolari l-fallimenti tas-suq, jaċċessaw akkomodazzjoni b'kundizzjonijiet affordabbli. Għal dan il-għan, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni jenħtieġ li titkejjel abbażi ta' indikaturi ta' min joqgħod fuqhom, bħal pereżempju r-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni, il-proporzjon bejn il-kera u l-introjtu, il-proporzjon bejn il-ħlas tal-ipoteka u l-introjtu, il-proporzjon bejn il-prezz u l-introjtu jew is-snin ta' introjtu biex tinxtara dar. Il-kostijiet tal-enerġija jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni, tal-anqas għall-binjiet b'rendiment baxx fl-użu tal-enerġija. ***Il-miżuri relatati mal-aċċellerazzjoni tal-proġetti tal-akkomodazzjoni jenħtieġ li jirrispettaw bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet reġjonali u tal-awtoritajiet lokali fir-rigward tal-ippjanar urban, tal-art, l-ippjanar spazjali u l-politika tal-akkomodazzjoni.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-akkomodazzjoni hija primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. It-tħaffif tal-proċeduri ma għandux jippermetti lill-Kummissjoni tinterferixxi mal-għażliet tal-ippjanar u l-iżvilupp lokali.

Emenda 52
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-proċeduri marbuta mal-valutazzjonijiet ambjentali jenħtieġ li jitħaffu u jiġu razzjonalizzati għal pjanijiet, programmi u proġetti fis-setturi kollha tal-ekonomija billi jiġi stabbilit qafas ta' aċċellerazzjoni komuni għall-valutazzjonijiet ambjentali sabiex tingħata spinta lill-varar fl-UE ta' teknoloġiji ewlenin, jitnaqqsu d-dipendenzi u tissaħħaħ il-kompetittività. Dan ir-Regolament jipprevedi qafas bħal dan, filwaqt li jżomm l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.	***imħassar***

Or. en

Emenda 53
Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-proċeduri marbuta mal-valutazzjonijiet ambjentali jenħtieġ li jitħaffu u jiġu razzjonalizzati għal pjanijiet, programmi u proġetti fis-setturi kollha tal-ekonomija billi jiġi stabbilit qafas ta' aċċellerazzjoni komuni għall-	(5) Il-proċeduri marbuta mal-valutazzjonijiet ambjentali jenħtieġ li jitħaffu u jiġu razzjonalizzati għal pjanijiet, programmi u proġetti fis-setturi kollha tal-ekonomija billi jiġi stabbilit qafas ta' aċċellerazzjoni komuni għall-

valutazzjonijiet ambjentali sabiex tingħata spinta lill-varar fl-UE ta' teknoloġiji ewlenin, jitnaqqsu d-dipendenzi u tissaħħaħ il-kompetittività. Dan ir-Regolament jipprevedi qafas bħal dan, filwaqt li jżomm l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.	valutazzjonijiet ambjentali sabiex tingħata spinta lill-varar fl-UE ta' teknoloġiji ewlenin, jitnaqqsu d-dipendenzi u tissaħħaħ il-kompetittività. Dan ir-Regolament jipprevedi qafas bħal dan, filwaqt li jżomm l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent***, kif ukoll salvagwardji essenzjali fir-rigward tal-protezzjoni ċivili, il-prevenzjoni ta' diżastri naturali u riskji industrijali, jew is-sikurezza pubblika***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ambjentali trid tħaffef il-proġetti utli mingħajr ma ddgħajjef is-salvagwardji essenzjali għas-sikurezza, is-saħħa pubblika u l-prevenzjoni tar-riskji industrijali.

Emenda 54
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-proċeduri marbuta mal-valutazzjonijiet ambjentali jenħtieġ li jitħaffu u jiġu razzjonalizzati għal pjanijiet, programmi u proġetti fis-setturi kollha tal-ekonomija billi jiġi stabbilit qafas ta' aċċellerazzjoni komuni għall-valutazzjonijiet ambjentali sabiex tingħata spinta lill-varar fl-UE ta' teknoloġiji ewlenin, jitnaqqsu d-dipendenzi u tissaħħaħ il-kompetittività. Dan ir-Regolament jipprevedi qafas bħal dan, filwaqt li jżomm l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.	(5) Il-proċeduri marbuta mal-valutazzjonijiet ambjentali jenħtieġ li jitħaffu u jiġu razzjonalizzati għal pjanijiet, programmi u proġetti fis-setturi kollha tal-ekonomija ***billi jiġu żgurati persunal kwalifikat, għarfien espert u riżorsi kwalifikati fl-awtoritajiet kompetenti, billi jiġi żgurat li l-applikazzjonijiet sottomessi huma ta' kwalità għolja u kompluti, u*** billi jiġi stabbilit qafas ta' aċċellerazzjoni komuni għall-valutazzjonijiet ambjentali sabiex tingħata spinta lill-varar fl-UE ta' teknoloġiji ewlenin, jitnaqqsu d-dipendenzi u tissaħħaħ il-kompetittività. Dan ir-Regolament jipprevedi qafas bħal dan, filwaqt li jżomm l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kawża ewlenija tad-dewmien proċedurali għandha tiġi indirizzata qabel ma ssir pressjoni addizzjonali fuq awtoritajiet b'nuqqas ta' persunal.

Emenda 55
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-proċeduri marbuta mal-valutazzjonijiet ambjentali jenħtieġ li jitħaffu u jiġu razzjonalizzati għal pjanijiet, programmi u proġetti fis-setturi kollha tal-ekonomija ***billi jiġi stabbilit*** qafas ***ta' aċċellerazzjoni*** komuni ***għall-valutazzjonijiet ambjentali*** sabiex tingħata spinta lill-varar fl-UE ta' teknoloġiji ewlenin, jitnaqqsu d-dipendenzi u tissaħħaħ il-kompetittività***. Dan ir-Regolament jipprevedi qafas bħal dan***, filwaqt li ***jżomm*** l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.	(5) Il-proċeduri marbuta mal-valutazzjonijiet ambjentali jenħtieġ li jitħaffu u jiġu razzjonalizzati għal pjanijiet, programmi u proġetti fis-setturi kollha tal-ekonomija***. Dan ir-Regolament jistabbilixxi*** qafas komuni ***għad-definizzjoni u l-komunikazzjoni mill-Istati Membri ta' proċeduri u skedi ta' żmien proporzjonati mal-kapaċità amministrattiva tagħhom u mad-daqs u l-impatt tal-pjanijiet, il-programmi u l-proġetti,*** sabiex tingħata spinta lill-varar fl-UE ta' teknoloġiji ewlenin, jitnaqqsu d-dipendenzi u tissaħħaħ il-kompetittività, filwaqt li ***jinżamm*** l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

Or. en

Emenda 56
Paolo Inselvini, Sergio Berlato, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-proċeduri marbuta mal-valutazzjonijiet ambjentali jenħtieġ li	(5) Il-proċeduri marbuta mal-valutazzjonijiet ambjentali jenħtieġ li

jitħaffu ***u*** jiġu razzjonalizzati għal pjanijiet, programmi u proġetti fis-setturi kollha tal-ekonomija billi jiġi stabbilit qafas ta' aċċellerazzjoni komuni ***għall-valutazzjonijiet ambjentali sabiex tingħata*** spinta lill-varar ***fl-UE*** ta' teknoloġiji ***ewlenin***, ***jitnaqqsu d-dipendenzi*** u ***tissaħħaħ*** il-kompetittività. Dan ir-Regolament jipprevedi qafas bħal dan***,*** filwaqt li ***jżomm l-istess*** livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.	jitħaffu***,*** jiġu razzjonalizzati ***u jsiru proporzjonati*** għal pjanijiet, programmi u proġetti fis-setturi kollha tal-ekonomija***, filwaqt li jiġu eliminati duplikazzjonijiet u pożijiet amministrattivi bla bżonn u*** billi jiġi stabbilit qafas ta' aċċellerazzjoni komuni ***maħsub biex jagħti*** spinta lill-varar ta' teknoloġiji ***strateġiċi***, ***inaqqas id-dipendenzi u jsaħħaħ*** il-kompetittività ***u r-reżiljenza tal-Unjoni***. Dan ir-Regolament jipprevedi qafas bħal dan filwaqt li ***jiżgura fl-istess ħin*** livell ***ogħla*** ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

Or. it

Emenda 57
Jeannette Baljeu, Olivier Chastel, Engin Eroglu, Ana Vasconcelos, Ilhan Kyuchyuk, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(5a) Sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali għall-investimenti li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, għaċ-ċirkolarità, għall-effiċjenza fir-riżorsi, għall-produzzjoni sostenibbli tal-ikel, għall-prontezza tad-difiża, għall-akkomodazzjoni u għall-infrastruttura, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni għas-siti ta' Natura 2000, l-istadju tal-iskrinjar skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill92/43/KEE jenħtieġ li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw l-effetti probabbli ta' modifika ta' proġett legali eżistenti b'referenza għas-sitwazzjoni bażi legali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jqisu wkoll il-karatteristiċi tal-proġett u l-effetti possittivi li huma direttament marbuta mal-proġett li jkun qed jiġi vvalutat u inerenti fih, dment li l-objettivi ta' konservazzjoni tas-sit**

ikkonċernat jiġu rrispettati bis-sħiħ. Jenħtieġ li dan ma jaffettwax ir-rekwiżit li jiġi vvalutat kwalunkwe effett sinifikanti probabbli ieħor fuq is-sit ikkonċernat, individwalment jew flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra, u li titwettaq valutazzjoni xierqa meta, abbażi ta' informazzjoni oġġettiva speċifika għas-sit, l-effetti sinifikanti probabbli ma jkunux jistgħu jiġu esklużi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tħaffif tal-valutazzjonijiet ambjentali għandu jiffaċilita wkoll l-investimenti li jnaqqsu l-emissjonijiet jew il-pressjoni ambjentali meta mqabbla mas-sitwazzjoni legali eżistenti. Dan jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jqisu l-linja bażi legali u l-effetti possittivi marbuta direttament mal-proġett u inerenti fih, filwaqt li jippreżervaw ir-rekwiżit li jiġu vvalutati impatti possibbli oħra u li titwettaq valutazzjoni xierqa fejn l-effetti sinifikanti probabbli ma jkunux jistgħu jiġu esklużi. Dan jipprovdi ċertezza legali għall-investimenti fis-sostenibbiltà mingħajr ma titnaqqas il-protezzjoni ta' Natura 2000.

Emenda 58
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-effiċjenza u l-ħeffa tal-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali jiddependu prinċipalment fuq il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti, id-disponibbiltà ta' informazzjoni ambjentali affidabbli u l-kwalità tal-applikazzjonijiet sottomessi mill-promoturi tal-proġetti. Għalhekk, il-miżuri ta' simplifikazzjoni jenħtieġ li jiġu kkomplementati minn riżorsi adegwati, taħriġ u għarfien espert tekniku għall-awtoritajiet kompetenti, aċċess imtejjeb għal data ambjentali interoperabbli, u mekkaniżmi li jiżguraw li l-applikazzjonijiet għall-proġetti jkunu kompluti biżżejjed qabel ma jibdew l-iskadenzi proċedurali.

Or. en

Emenda 59
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw regolarment jekk l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-valutazzjonijiet ambjentali humiex mgħammra b'mod adegwat biex iwettqu l-kompiti tagħhom sal-iskadenzi applikabbli. Tali valutazzjonijiet jenħtieġ li jqisu l-ammont ta' xogħol reali u l-kumplessità tal-proċeduri kkonċernati. Meta jiġu imposti tariffi jew imposti amministrattivi b'rabta mal-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li dak id-dħul jikkontribwixxi għaż-żamma u t-tisħiħ tal-kapaċità operazzjonali tal-awtoritajiet kompetenti. It-trasparenza fl-użu ta' tali dħul u l-monitoraġġ regolari tal-kapaċità amministrattiva jistgħu jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet strutturali u għall-appoġġ tat-titjib kontinwu tas-sistemi ta' valutazzjoni ambjentali madwar l-Unjoni.

Or. en

Emenda 60
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Madankollu, xi setturi jaf ikunu jeħtieġu valutazzjonijiet ambjentali saħansitra aktar rapidi. Għalhekk, sabiex tiġi ssalvagwardjata l-koerenza tal-qafas legali tal-valutazzjonijiet ambjentali, filwaqt li jiġu permessi l-ħtiġijiet addizzjonali għall-aċċellerazzjoni f'ċerti setturi strateġiċi, jenħtieġ li jiġi pprovdut sett ta' għodod iddedikat li japplika fejn xieraq, b'enfasi partikolari fuq id-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fir-riżorsi u r-reżiljenza. Dan jenħtieġ li japplika fejn il-leġiżlazzjoni settorjali eżistenti tal-Unjoni, bħal dik dwar il-materja prima kritika[6], l-industrija b'emissjonijiet żero netti[7], is-semikondutturi[8] kif ukoll il-portijiet marittimi u interni, l-ajruporti, il-ferroviji, li huma parti min-network trans-Ewropew tat-trasport[9] u l-leġiżlazzjoni settorjali futura tal-Unjoni tiddefinixxi setturi strateġiċi jew kategoriji ta' proġetti għall-fini ta' għoti aktar malajr tal-permessi. ***[6] Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (ĠU L 1252, 3.5.2024, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj).*** ***[7] Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 tat-ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1735/oj***	***imħassar***

).

[8] Ir-Regolament (UE) 2023/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/694 (l-Att dwar iċ-Ċipep), ĠU L 229, 18.9.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1781/oj.

[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013, ĠU L, 2024/1679, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1679/oj.

Or. en

Emenda 61
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Madankollu, xi setturi jaf ikunu jeħtieġu valutazzjonijiet ambjentali saħansitra aktar rapidi. Għalhekk, sabiex tiġi ssalvagwardjata l-koerenza tal-qafas legali tal-valutazzjonijiet ambjentali, filwaqt li jiġu permessi l-ħtiġijiet addizzjonali għall-aċċellerazzjoni f'ċerti setturi strateġiċi, jenħtieġ li jiġi pprovdut sett ta' għodod iddedikat li japplika fejn xieraq, b'enfasi partikolari fuq id-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fir-riżorsi u r-reżiljenza. Dan jenħtieġ li japplika fejn il-leġiżlazzjoni settorjali eżistenti tal-Unjoni, bħal dik dwar il-materja prima kritika[6], l-industrija b'emissjonijiet żero netti[7], is-semikondutturi[8] kif ukoll il-	***imħassar***

portijiet marittimi u interni, l-ajruporti, il-ferroviji, li huma parti min-network trans-Ewropew tat-trasport[9] u l-leġiżlazzjoni settorjali futura tal-Unjoni tiddefinixxi setturi strateġiċi jew kategoriji ta' proġetti għall-fini ta' għoti aktar malajr tal-permessi.

---

[6] Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (ĠU L 1252, 3.5.2024, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj).

semikondutturi, il-proġetti tal-iżvilupp ta' akkomodazzjoni affordabbli, u l-proġetti ta' punti tal-irriċarġjar għall-vetturi elettriċi li jaqgħu fi ħdan l-Anness II tad-Direttiva 2011/92/UE. Il-proġetti li jaqgħu fi ħdan dak l-Anness ma humiex soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali obbligatorja. Minflok, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw jekk dawk il-proġetti jeħtiġux li jkunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali minħabba l-effetti sinifikanti probabbli tagħhom fuq l-ambjent jew każ każ jew billi jistabbilixxu limiti jew kriterji oħra.

semikondutturi, il-proġetti tal-iżvilupp ta' akkomodazzjoni affordabbli, u l-proġetti ta' punti tal-irriċarġjar għall-vetturi elettriċi li jaqgħu fi ħdan l-Anness II tad-Direttiva 2011/92/UE. Il-proġetti li jaqgħu fi ħdan dak l-Anness ***għadhom*** ma humiex soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali obbligatorja. Minflok, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw jekk dawk il-proġetti jeħtiġux li jkunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali minħabba l-effetti sinifikanti probabbli tagħhom fuq l-ambjent jew każ każ jew billi jistabbilixxu limiti jew kriterji oħra.

---

[16] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1732 tat-17 ta' Ġunju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1173 fir-rigward ta' inizjattiva EuroHPC għan-negozji ġodda sabiex tingħata spinta lit-tmexxija Ewropea f'intelliġenza artifiċjali affidabbli, ĠU L, 2024/1732, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1732/oj.

[16] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1732 tat-17 ta' Ġunju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1173 fir-rigward ta' inizjattiva EuroHPC għan-negozji ġodda sabiex tingħata spinta lit-tmexxija Ewropea f'intelliġenza artifiċjali affidabbli, ĠU L, 2024/1732, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1732/oj.

Or. en

Emenda 78
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt ambjentali għall-valutazzjonijiet ambjentali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu, fid-dawl tal-organizzazzjoni interna tagħhom, jagħżlu jekk jistabbilux jew jiddeżinjawx il-punti ta' kuntatt tagħhom fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, jew fi kwalunkwe livell amministrattiv rilevanti ieħor. Barra minn	(15) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt ambjentali***, fi ħdan l-istruttura amministrattiva tal-awtorità unika rispettiva responsabbli*** għall-valutazzjonijiet ambjentali***, inkluż għad-deċiżjoni li tiddetermina jekk proġett speċifiku jeħtieġx li jkun soġġett għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali u għall-koordinazzjoni tal-kompetenzi tal-***

hekk, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jenħtieġ li jispeċifikaw u jagħmlu disponibbli għall-punt uniku ta' kuntatt ambjentali r-rekwiżiti u l-kwantità ta' informazzjoni li għandha tintalab mill-iżviluppatur. Il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali, fir-rwol tiegħu bħala koordinatur, jenħtieġ li jiffaċilita l-għoti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.

awtoritajiet kompetenti skont id-dritt nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu, fid-dawl tal-organizzazzjoni interna tagħhom, jagħżlu jekk jistabbilux jew jiddeżinjawx il-punti ta' kuntatt tagħhom fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, jew fi kwalunkwe livell amministrattiv rilevanti ieħor***. F'każ li l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali teskludi l-opportunità għal punt uniku ta' kuntatt għal proċedura konġunta, tkun meħtieġa emenda għal-leġiżlazzjoni nazzjonali***. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jenħtieġ li jispeċifikaw u jagħmlu disponibbli għall-punt uniku ta' kuntatt ambjentali r-rekwiżiti u l-kwantità ta' informazzjoni li għandha tintalab mill-iżviluppatur. Il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali, fir-rwol tiegħu bħala koordinatur, jenħtieġ li jiffaċilita l-għoti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 79
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt ambjentali għall-valutazzjonijiet ambjentali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu, fid-dawl tal-organizzazzjoni interna tagħhom, jagħżlu jekk jistabbilux jew jiddeżinjawx il-punti ta' kuntatt tagħhom fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, jew fi kwalunkwe livell amministrattiv rilevanti ieħor. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jenħtieġ li jispeċifikaw u jagħmlu disponibbli għall-punt uniku ta' kuntatt ambjentali r-rekwiżiti u l-kwantità ta'	(15) L-Istati Membri jenħtieġ li ***jaderixxu mal-għanijiet tat-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE, l-Istrateġija għall-Bijodiversità sal-2030 u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero u meta jagħmlu dan*** jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt ambjentali għall-valutazzjonijiet ambjentali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu, fid-dawl tal-organizzazzjoni interna tagħhom, jagħżlu jekk jistabbilux jew jiddeżinjawx il-punti ta' kuntatt tagħhom fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, jew fi kwalunkwe livell amministrattiv rilevanti ieħor. Barra minn

informazzjoni li għandha tintalab mill-iżviluppatur. Il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali, fir-rwol tiegħu bħala koordinatur, jenħtieġ li jiffaċilita l-għoti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.

hekk, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jenħtieġ li jispeċifikaw u jagħmlu disponibbli għall-punt uniku ta' kuntatt ambjentali r-rekwiżiti u l-kwantità ta' informazzjoni li għandha tintalab mill-iżviluppatur. Il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali, fir-rwol tiegħu bħala koordinatur, jenħtieġ li jiffaċilita l-għoti ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 80
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex in-negozji u l-iżviluppaturi, inkluż għal proġetti transfruntiera, ikunu jistgħu jgawdu direttament mill-benefiċċji tas-suq intern mingħajr ma jġarrbu piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn, ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], li stabbilixxa l-Gateway Diġitali Unika, jipprevedi regoli ġenerali għall-għoti online ta' informazzjoni, proċeduri u servizzi ta' assistenza rilevanti għall-funzjonament tas-suq intern. Il-punti uniċi ta' kuntatt stabbiliti jew iddeżinjati skont dak ir-Regolament huma inklużi fil-lista ta' servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi fl-Anness III ta' dak ir-Regolament. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri ***jkunu jistgħu*** jiddeżinjaw punti uniċi ta' kuntatt li jikkoinċidu mal-punt uniku ta' kuntatt iddeżinjat skont ir-Regolament (UE) 2018/1724.	(16) Sabiex in-negozji u l-iżviluppaturi, inkluż għal proġetti transfruntiera, ikunu jistgħu jgawdu direttament mill-benefiċċji tas-suq intern mingħajr ma jġarrbu piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn, ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], li stabbilixxa l-Gateway Diġitali Unika, jipprevedi regoli ġenerali għall-għoti online ta' informazzjoni, proċeduri u servizzi ta' assistenza rilevanti għall-funzjonament tas-suq intern. Il-punti uniċi ta' kuntatt stabbiliti jew iddeżinjati skont dak ir-Regolament huma inklużi fil-lista ta' servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi fl-Anness III ta' dak ir-Regolament. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeżinjaw punti uniċi ta' kuntatt li jikkoinċidu mal-punt uniku ta' kuntatt iddeżinjat skont ir-Regolament (UE) 2018/1724.
[17] Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway	[17] Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway

diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1724/oj).

diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1724/oj).

Or. en

Emenda 81
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex jiżdiedu l-ħeffa, l-effettività u l-kosteffiċjenza tal-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni, u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-valutazzjonijiet ambjentali jiġu kkombinati kemm jista' jkun, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi organizzattivi speċifiċi tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-fatt li l-valutazzjonijiet jiġu kkombinati ma ***jaffettwax*** il-kontenut jew il-kwalità tagħhom. Il-valutazzjonijiet ikkombinati jenħtieġ li jitwettqu b'tali mod li ma jwasslux għal estensjoni tal-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament.	(17) Sabiex jiżdiedu l-ħeffa, l-effettività u l-kosteffiċjenza tal-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni, u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-valutazzjonijiet ambjentali jiġu kkombinati kemm jista' jkun, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi organizzattivi speċifiċi tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-fatt li l-valutazzjonijiet jiġu kkombinati ma ***jaffettwa bl-ebda mod*** il-kontenut jew il-kwalità tagħhom. Il-valutazzjonijiet ikkombinati jenħtieġ li jitwettqu b'tali mod li ma jwasslux għal estensjoni tal-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Il-valutazzjonijiet ma għandhomx jiġu kkombinati meta l-proġetti jkunu kumplessi jew meta l-Istati Membri jqisu li jkun aktar xieraq li jkun hemm valutazzjonijiet separati.***

Or. en

Emenda 82
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex jiżdiedu l-ħeffa, l-effettività u l-kosteffiċjenza tal-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni, u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-valutazzjonijiet ambjentali jiġu kkombinati kemm jista' jkun, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi organizzattivi speċifiċi tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-fatt li l-valutazzjonijiet jiġu kkombinati ma jaffettwax il-kontenut jew il-kwalità tagħhom. Il-valutazzjonijiet ikkombinati jenħtieġ li jitwettqu b'tali mod li ma jwasslux għal estensjoni tal-limiti ta' żmien stabbiliti ***f'dan ir-Regolament***.	(17) Sabiex jiżdiedu l-ħeffa, l-effettività u l-kosteffiċjenza tal-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni, u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-valutazzjonijiet ambjentali jiġu kkombinati kemm jista' jkun, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi organizzattivi speċifiċi tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-fatt li l-valutazzjonijiet jiġu kkombinati ma jaffettwax il-kontenut jew il-kwalità tagħhom. Il-valutazzjonijiet ikkombinati jenħtieġ li jitwettqu b'tali mod li ma jwasslux għal estensjoni ***eċċessiva u sproporzjonata*** tal-limiti ta' żmien stabbiliti ***mill-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 83
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex jiżdiedu l-ħeffa, l-effettività u l-kosteffiċjenza tal-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni, u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-valutazzjonijiet ambjentali jiġu kkombinati ***kemm jista' jkun, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi organizzattivi speċifiċi tal-Istati Membri***. Jenħtieġ li l-fatt li l-valutazzjonijiet jiġu kkombinati ma jaffettwax il-kontenut jew il-kwalità tagħhom. Il-valutazzjonijiet ikkombinati jenħtieġ li jitwettqu b'tali mod li ma jwasslux għal estensjoni tal-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament.	(17) Sabiex jiżdiedu l-ħeffa, l-effettività u l-kosteffiċjenza tal-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni, u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-valutazzjonijiet ambjentali jiġu kkombinati. Jenħtieġ li l-fatt li l-valutazzjonijiet jiġu kkombinati ma jaffettwax il-kontenut jew il-kwalità tagħhom. Il-valutazzjonijiet ikkombinati jenħtieġ li jitwettqu b'tali mod li ma jwasslux għal estensjoni tal-limiti ta' żmien stabbiliti f'dan ir-Regolament***, u li jipprevjeni d-duplikazzjoni bla bżonn tat-talbiet għal informazzjoni, il-passi proċedurali u l-komunikazzjoni amministrattiva mal-iżviluppatur tal-proġett***.

Or. en

Emenda 84
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-koordinazzjoni jew it-tagħqid ta' proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali applikabbli għal pjan, għal programm jew għal proġett għandhom l-għan li jevitaw id-duplikazzjoni u r-ridondanza, filwaqt li jieħdu wkoll vantaġġ sħiħ mis-sinerġiji, u li jimminimizzaw iż-żmien meħtieġ għall-awtorizzazzjoni. Meta jitwettqu tali proċeduri kkoordinati jew konġunti skont, b'mod partikolari, id-Direttivi 2001/42/KE u 2011/92/UE, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-passi proċedurali tal-valutazzjonijiet ambjentali, inklużi d-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, it-tħejjija ta' rapport ta' valutazzjoni ambjentali, it-twettiq ta' konsultazzjonijiet u l-ħruġ ta' konklużjoni motivata dwar l-effetti ambjentali, jiġu kkombinati.	(18) Il-koordinazzjoni jew it-tagħqid ta' proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali applikabbli għal pjan, għal programm jew għal proġett għandhom l-għan li jevitaw id-duplikazzjoni u r-ridondanza, filwaqt li jieħdu wkoll vantaġġ sħiħ mis-sinerġiji, u li jimminimizzaw iż-żmien meħtieġ għall-awtorizzazzjoni. Meta jitwettqu tali proċeduri kkoordinati jew konġunti skont, b'mod partikolari, id-Direttivi 2001/42/KE u 2011/92/UE, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-passi proċedurali tal-valutazzjonijiet ambjentali, inklużi d-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, it-tħejjija ta' rapport ta' valutazzjoni ambjentali, it-twettiq ta' konsultazzjonijiet u l-ħruġ ta' konklużjoni motivata dwar l-effetti ambjentali, jiġu kkombinati***, filwaqt li kull rekwiżit taħt kull valutazzjoni jinżamm intatt***.

Or. en

Emenda 85
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) ***Il-koordinazzjoni jew*** it-tagħqid ta' proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali applikabbli għal pjan, għal programm jew għal proġett għandhom l-għan li jevitaw id-	(18) It-tagħqid ta' proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali applikabbli għal pjan, għal programm jew għal proġett għandhom l-għan li jevitaw id-

duplikazzjoni u r-ridondanza, filwaqt li jieħdu wkoll vantaġġ sħiħ mis-sinerġiji, u li jimminimizzaw iż-żmien meħtieġ għall-awtorizzazzjoni. Meta jitwettqu tali proċeduri ***kkoordinati jew*** konġunti skont, b'mod partikolari, id-Direttivi 2001/42/KE u 2011/92/UE, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-passi proċedurali tal-valutazzjonijiet ambjentali, inklużi d-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, it-tħejjija ta' rapport ta' valutazzjoni ambjentali, it-twettiq ta' konsultazzjonijiet u l-ħruġ ta' konklużjoni motivata dwar l-effetti ambjentali, jiġu kkombinati.	duplikazzjoni u r-ridondanza, filwaqt li jieħdu wkoll vantaġġ sħiħ mis-sinerġiji, u li jimminimizzaw iż-żmien meħtieġ għall-awtorizzazzjoni. Meta jitwettqu tali proċeduri konġunti skont, b'mod partikolari, id-Direttivi 2001/42/KE u 2011/92/UE, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-passi proċedurali tal-valutazzjonijiet ambjentali, inklużi d-determinazzjoni ***ta' jekk hijiex meħtieġa valutazzjoni ambjentali għall-proġett speċifiku, id-determinazzjoni*** tal-kamp ta' applikazzjoni, it-tħejjija ta' rapport ta' valutazzjoni ambjentali, it-twettiq ta' konsultazzjonijiet u l-ħruġ ta' konklużjoni motivata dwar l-effetti ambjentali, jiġu kkombinati.
	Or. en

Emenda 86
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-koordinazzjoni jew it-tagħqid ta' proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali applikabbli għal pjan, għal programm jew għal proġett għandhom l-għan li jevitaw id-duplikazzjoni u r-ridondanza, filwaqt li jieħdu wkoll vantaġġ sħiħ mis-sinerġiji, u li jimminimizzaw iż-żmien meħtieġ għall-awtorizzazzjoni. Meta jitwettqu tali proċeduri kkoordinati jew konġunti skont, b'mod partikolari, id-Direttivi 2001/42/KE u 2011/92/UE, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-passi proċedurali tal-valutazzjonijiet ambjentali, inklużi d-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, it-tħejjija ta' rapport ta' valutazzjoni ambjentali, it-twettiq ta' konsultazzjonijiet u l-ħruġ ta' konklużjoni motivata dwar l-effetti ambjentali, jiġu kkombinati.	(18) Il-koordinazzjoni jew it-tagħqid ta' proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali applikabbli għal pjan, għal programm jew għal proġett għandhom l-għan li jevitaw id-duplikazzjoni u r-ridondanza, filwaqt li jieħdu wkoll vantaġġ sħiħ mis-sinerġiji, u li jimminimizzaw iż-żmien meħtieġ għall-awtorizzazzjoni. Meta jitwettqu tali proċeduri kkoordinati jew konġunti skont, b'mod partikolari, id-Direttivi 2001/42/KE u 2011/92/UE, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jkunu jistgħu*** jiżguraw li l-passi proċedurali tal-valutazzjonijiet ambjentali, inklużi d-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, it-tħejjija ta' rapport ta' valutazzjoni ambjentali, it-twettiq ta' konsultazzjonijiet u l-ħruġ ta' konklużjoni motivata dwar l-effetti ambjentali, jiġu

kkombinati.

Or. en

Emenda 87
Paolo Inselvini, Sergio Berlato, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18 bis) Sabiex tiġi żgurata s-simplifikazzjoni effettiva tal-proċessi tal-għoti tal-permessi, jenħtieġ li jiġi evitat li l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament twassal għal duplikazzjoni ta' valutazzjonijiet ambjentali multipli jew għall-introduzzjoni ta' esklużjonijiet ex ante awtomatiċi mhux previsti fid-dritt tal-Unjoni. Il-proċeduri integrati jridu jiżguraw valutazzjoni ta' każ b'każ tal-effetti ambjentali tal-proġetti, filwaqt li jirrispettaw l-objettivi ta' protezzjoni stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, filwaqt li jevitaw restrizzjonijiet ġenerali li mhumiex appoġġati minn valutazzjoni xierqa skont id-direttivi ambjentali applikabbli.

Or. it

Emenda 88
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti u l-punt uniku ta' kuntatt ambjentali ***jikkooperaw u jikkoordinaw*** fir-rigward tal-proċeduri ta' skrinjar u ta' valutazzjoni ambjentali fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni	(19) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti ***responsabbli għal kwalunkwe pjan, programm jew proġett*** u l-punt uniku ta' kuntatt ambjentali ***jkunu f'subordinazzjoni u koordinazzjoni funzjonali sħiħa*** fir-

kif xieraq. Tali ***kooperazzjoni*** u koordinazzjoni jenħtieġ li ***jkollhom l-għan li jiżguraw*** prijoritajiet komuni u fehim tar-relazzjoni bejn il-pjanijiet, il-programmi u l-proġetti u l-impatt tagħhom fuq l-ambjent; l-iskambju ta' informazzjoni għal finijiet strateġiċi u operazzjonali, fil-limiti stabbiliti fid-dritt applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali; it-titjib ***tal-konsultazzjoni*** bejn l-awtoritajiet rilevanti; l-iskambju tal-aħjar prattiki; kif ukoll l-iżvilupp ulterjuri ta' għodod diġitali insostenn ta' valutazzjonijiet ambjentali aktar effiċjenti inkluż f'kuntest transkonfinali. Il-mekkaniżmi ta' ***kooperazzjoni*** u ta' koordinazzjoni ***jistgħu*** jieħdu l-forma ta' korpi speċjalizzati ta' koordinazzjoni***, memoranda ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti***, attivitajiet konġunti ta' taħriġ, jew kooperazzjoni u koordinazzjoni xierqa oħra identifikati mill-Istati Membri.

rigward tal-proċeduri ta' skrinjar u ta' valutazzjoni ambjentali fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni kif xieraq. Tali ***subordinazzjoni*** u koordinazzjoni ***funzjonali*** jenħtieġ li ***jiżguraw*** prijoritajiet komuni u fehim tar-relazzjoni bejn il-pjanijiet, il-programmi u l-proġetti u l-impatt tagħhom fuq l-ambjent; l-iskambju ta' informazzjoni għal finijiet strateġiċi u operazzjonali, fil-limiti stabbiliti fid-dritt applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali; it-titjib ***tal-koordinazzjoni*** bejn l-awtoritajiet rilevanti; l-iskambju tal-aħjar prattiki; kif ukoll l-iżvilupp ulterjuri ta' għodod diġitali insostenn ta' valutazzjonijiet ambjentali aktar effiċjenti inkluż f'kuntest transkonfinali. Il-mekkaniżmi ta' ***subordinazzjoni*** u ta' koordinazzjoni ***jenħtieġ li*** jieħdu l-forma ta' korpi speċjalizzati ta' koordinazzjoni, attivitajiet konġunti ta' taħriġ, jew kooperazzjoni u koordinazzjoni xierqa oħra identifikati mill-Istati Membri. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-punt uniku ta' kuntatt ambjentali jkollu s-setgħat proċedurali u r-responsabbiltà meħtieġa biex jimmaniġġja perkors proċedurali uniku għall-proċedura ta' skrinjar u ta' valutazzjoni ambjentali, biex jidderieġi s-sekwenzjar tal-passi proċedurali, biex jikkoordina t-talbiet għal informazzjoni, l-iskadenzi u l-kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet u l-korpi involuti, u biex jiżgura li applikant ma jkunx meħtieġ jikkomunika ma' aktar minn awtorità waħda għall-ġestjoni proċedurali tal-proċedura ta' skrinjar jew ta' valutazzjoni ambjentali. Meta jkun jeżisti punt uniku ta' kuntatt, punt uniku ta' servizz jew awtorità responsabbli għall-koordinazzjoni proċedurali jew ikun meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali għall-istess pjan, programm jew proġett, il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali jenħtieġ li jiżgura l-koordinazzjoni ma' tali punt ta' kuntatt, punt uniku ta' servizz jew awtorità u jenħtieġ li jorganizza l-interazzjoni tagħhom mal-iżviluppatur permezz ta'***

mezz proċedurali uniku, sabiex jiġu evitati interfaċċi amministrattivi paralleli, passi proċedurali duplikati jew talbiet separati għal informazzjoni.

Or. en

Emenda 89
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Bil-għan li jiġi rrazzjonalizzat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet filwaqt li jiġu żgurati konsultazzjonijiet effettivi u f'waqthom tal-pubbliku kkonċernat u tal-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati mill-pjan, mill-programm u mill-proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom jew il-kompetenzi lokali u reġjonali, tali konsultazzjonijiet jenħtieġ li jsiru b'mod parallel. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-konsultazzjonijiet jitwettqu bl-aktar mod effettiv biex isiru dawn il-konsultazzjonijiet. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jirrikjedux ***b'mod espliċitu u ġenerali*** li l-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati mill-proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi jew il-kompetenzi lokali u reġjonali tagħhom jiġu kkonsultati qabel il-pubbliku kkonċernat. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kkonċernat jiġi kkonsultat dwar l-elementi essenzjali kollha ta' pjan, programm jew proġett, li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem.	(20) Bil-għan li jiġi rrazzjonalizzat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet filwaqt li jiġu żgurati konsultazzjonijiet effettivi u f'waqthom tal-pubbliku kkonċernat u tal-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati mill-pjan, mill-programm u mill-proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom jew il-kompetenzi lokali u reġjonali, tali konsultazzjonijiet jenħtieġ li jsiru b'mod parallel***, taħt il-koordinazzjoni tal-awtorità kompetenti ddeżinjata u l-punt uniku ta' kuntatt ambjentali***. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-konsultazzjonijiet jitwettqu bl-aktar mod effettiv biex isiru dawn il-konsultazzjonijiet. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jirrikjedux li l-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati mill-proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi jew il-kompetenzi lokali u reġjonali tagħhom jiġu kkonsultati qabel il-pubbliku kkonċernat. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kkonċernat jiġi kkonsultat dwar l-elementi essenzjali kollha ta' pjan, programm jew proġett, li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem.

Or. en

Emenda 90
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Bil-għan li jiġi rrazzjonalizzat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet filwaqt li jiġu żgurati konsultazzjonijiet effettivi u f'waqthom tal-pubbliku kkonċernat u tal-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati mill-pjan, mill-programm u mill-proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom jew il-kompetenzi lokali u reġjonali, tali konsultazzjonijiet ***jenħtieġ li jsiru*** b'mod parallel. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-konsultazzjonijiet jitwettqu bl-aktar mod effettiv biex isiru dawn il-konsultazzjonijiet. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jirrikjedux b'mod espliċitu u ġenerali li l-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati mill-proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi jew il-kompetenzi lokali u reġjonali tagħhom jiġu kkonsultati qabel il-pubbliku kkonċernat. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kkonċernat jiġi kkonsultat dwar l-elementi ***essenzjali*** kollha ta' pjan, programm jew proġett, ***li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem***.	(20) Bil-għan li jiġi rrazzjonalizzat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet filwaqt li jiġu żgurati konsultazzjonijiet effettivi u f'waqthom tal-pubbliku kkonċernat u tal-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati mill-pjan, mill-programm u mill-proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom jew il-kompetenzi lokali u reġjonali, ***jista' jkun xieraq li*** tali konsultazzjonijiet ***isiru*** b'mod parallel. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-konsultazzjonijiet jitwettqu bl-aktar mod effettiv biex isiru dawn il-konsultazzjonijiet. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jirrikjedux b'mod espliċitu u ġenerali li l-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati mill-proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi jew il-kompetenzi lokali u reġjonali tagħhom jiġu kkonsultati qabel il-pubbliku kkonċernat. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kkonċernat jiġi kkonsultat dwar l-elementi ***rilevanti*** kollha ta' pjan, programm jew proġett, ***u jkollu l-opportunità li jesprimi l-fehmiet qabel ma tittieħed deċiżjoni, b'mod partikolari meta huma probabbli impatti ambjentali jew tas-saħħa***.

Or. en

Emenda 91
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Bil-għan li jiġi rrazzjonalizzat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet filwaqt li jiġu żgurati konsultazzjonijiet effettivi u f'waqthom tal-pubbliku kkonċernat u tal-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati mill-pjan, mill-programm u mill-proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom jew il-kompetenzi lokali u reġjonali, tali konsultazzjonijiet jenħtieġ li jsiru b'mod parallel. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-konsultazzjonijiet jitwettqu ***bl-aktar mod*** effettiv ***biex isiru dawn il-konsultazzjonijiet***. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jirrikjedux b'mod espliċitu u ġenerali li l-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati mill-proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi jew il-kompetenzi lokali u reġjonali tagħhom jiġu kkonsultati qabel il-pubbliku kkonċernat. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kkonċernat jiġi kkonsultat dwar l-elementi essenzjali kollha ta' pjan, programm jew proġett, li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem.	(20) Bil-għan li jiġi rrazzjonalizzat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet filwaqt li jiġu żgurati konsultazzjonijiet effettivi u f'waqthom tal-pubbliku kkonċernat u tal-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati mill-pjan, mill-programm u mill-proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom jew il-kompetenzi lokali u reġjonali, tali konsultazzjonijiet jenħtieġ li jsiru b'mod parallel. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-konsultazzjonijiet jitwettqu ***b'mod*** effettiv ***filwaqt li jiżguraw l-allinjament mal-Konvenzjoni ta' Aarhus***. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jirrikjedux b'mod espliċitu u ġenerali li l-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati mill-proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi jew il-kompetenzi lokali u reġjonali tagħhom jiġu kkonsultati qabel il-pubbliku kkonċernat. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kkonċernat jiġi kkonsultat dwar l-elementi essenzjali kollha ta' pjan, programm jew proġett, li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem.

Or. en

Emenda 92
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u r-ridondanza, filwaqt li jittieħed vantaġġ sħiħ mis-sinerġiji, jiġi minimizzat iż-żmien meħtieġ għall-awtorizzazzjoni u tiġi massimizzata l-effiċjenza fil-ġbir tad-data, huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tal-Istati	(21) Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u r-ridondanza, filwaqt li jittieħed vantaġġ sħiħ mis-sinerġiji, jiġi minimizzat iż-żmien meħtieġ għall-awtorizzazzjoni u tiġi massimizzata l-effiċjenza fil-ġbir tad-data, huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tal-Istati

Membri jagħmlu disponibbli għall-iżviluppatur f'perjodu ta' żmien raġonevoli u kmieni biżżejjed fil-proċess, kwalunkwe riżultat disponibbli ta' valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali għat-tħejjija tar-rapport ambjentali għal proġett partikolari, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni ta' alternattivi raġonevoli, fejn disponibbli.	Membri jagħmlu disponibbli għall-iżviluppatur f'perjodu ta' żmien raġonevoli u kmieni biżżejjed fil-proċess, kwalunkwe riżultat disponibbli ta' valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali għat-tħejjija tar-rapport ambjentali għal proġett partikolari, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni ta' alternattivi raġonevoli, fejn disponibbli. ***Dan jenħtieġ li jappoġġa l-prinċipju ta' talba għal informazzjoni ta' darba biss, sabiex l-iżviluppatur ma jkunx meħtieġ jissottometti l-istess informazzjoni jew dokumenti aktar minn darba meta tali informazzjoni jew dokumenti jkunu diġà ġew sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti involuti fil-proċedura, jew ikunu disponibbli għalihom.***
	Or. en

Emenda 93
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea konsistentement iddeċidiet li l-formulazzjoni tad-Direttiva 2011/92/UE tindika li għandha kamp ta' applikazzjoni u għan wiesgħa[18], hija qieset ukoll li dik id-Direttiva trid tiġi interpretata bħala li ma tirrikjedix li kwalunkwe proġett li x'aktarx ikollu effett sinifikanti fuq l-ambjent ikun soġġett għall-valutazzjoni tal-impatt ambjentali prevista f'dik id-Direttiva, iżda dawk imsemmija fl-Annessi I u II ta' dik id-Direttiva biss[19]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ċerti estensjonijiet għal proġetti li jaqgħu taħt l-Annessi I u II ta' dik id-Direttiva ma jaqgħux, bħala tali, taħt il-kategoriji ta'	***imħassar***

proġetti koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet[20].

---

[18] C-72/95, C-435/97, C-227/01, C-486/04, C-2/07, C-142/07, C-205/08, C-275/09, C-404/09, C-560/08, C-300/13, C-156/07, C-329/17.

[19] C-156/07, C-275/09.

[20] C-300/13.

Or. en

Emenda 94
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea konsistentement iddeċidiet li l-formulazzjoni tad-Direttiva 2011/92/UE tindika li għandha kamp ta' applikazzjoni u għan wiesgħa[18], hija ***qieset*** ukoll li ***dik id-Direttiva trid tiġi interpretata bħala li ma tirrikjedix li kwalunkwe proġett li x'aktarx ikollu effett sinifikanti fuq l-ambjent ikun soġġett għall-valutazzjoni*** tal-impatt ambjentali ***prevista f'dik id-Direttiva, iżda dawk imsemmija fl-Annessi I u II*** ta' dik id-Direttiva ***biss***[19]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ***ċerti estensjonijiet għal proġetti li jaqgħu taħt*** l-Annessi I u II ta' dik id-Direttiva ***ma jaqgħux, bħala tali,*** taħt ***il-kategoriji ta' proġetti koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet[20]***.	(22) Filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea konsistentement iddeċidiet li l-formulazzjoni tad-Direttiva 2011/92/UE tindika li għandha kamp ta' applikazzjoni u għan wiesgħa[18], hija ***sostniet*** ukoll li ***l-Istati Membri jżommu grad ta' diskrezzjoni fid-determinazzjoni ta' jekk il-bidliet jew l-estensjonijiet għall-proġetti eżistenti jirrikjedux valutazzjoni sħiħa*** tal-impatt ambjentali***, dment li l-effett prattiku*** ta' dik id-Direttiva ***ma jiġix imminat***[19]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ***l-iskrinjar tal-bidliet jew tal-estensjonijiet irid iqis l-istat kurrenti tal-ambjent fiż-żona li x'aktarx tiġi affettwata u l-effetti kumulattivi tal-bidla jew tal-estensjoni flimkien mal-proġett oriġinali[20]. Minn dan isegwi li l-bidliet jew l-estensjonijiet għall-proġetti elenkati*** fl-Annessi I u II ta' dik id-Direttiva ***jenħtieġ li jkunu soġġetti għal valutazzjoni sħiħa tal-impatt ambjentali meta l-iskrinjar jikkonkludi li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Meta l-proġett oriġinali ma kienx soġġett***

	għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali taħt ***dik id-Direttiva, l-iskrinjar jenħtieġ li ma jkunx limitat għall-effetti tal-bidla jew tal-estensjoni biss***.
[18] C-72/95, C-435/97, C-227/01, C-486/04, C-2/07, C-142/07, C-205/08, C-275/09, C-404/09, C-560/08, C-300/13, C-156/07, C-329/17.	[18] C-72/95, C-435/97, C-227/01, C-486/04, C-2/07, C-142/07, C-205/08, C-275/09, C-404/09, C-560/08, C-300/13, C-156/07, C-329/17.
[19] ***C-156/07***, ***C-275/09***.	[19] ***C-72/95***, ***C-300/13***.
[20] ***C-300/13***.	[20] ***C-244/12, C-75/08***.
	Or. en

Emenda 95
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea konsistentement iddeċidiet li l-formulazzjoni tad-Direttiva 2011/92/UE tindika li għandha kamp ta' applikazzjoni u għan wiesgħa[18], hija qieset ukoll li dik id-Direttiva trid tiġi interpretata bħala li ma tirrikjedix li kwalunkwe proġett li x'aktarx ikollu effett sinifikanti fuq l-ambjent ikun soġġett għall-valutazzjoni tal-impatt ambjentali prevista f'dik id-Direttiva, iżda dawk imsemmija fl-Annessi I u II ta' dik id-Direttiva biss[19]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ċerti estensjonijiet għal proġetti li jaqgħu taħt l-Annessi I u II ta' dik id-Direttiva ma jaqgħux, bħala tali, taħt il-kategoriji ta' proġetti koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet[20].	(22) Filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea konsistentement iddeċidiet li l-formulazzjoni tad-Direttiva 2011/92/UE tindika li għandha kamp ta' applikazzjoni u għan wiesgħa[18], hija qieset ukoll li dik id-Direttiva trid tiġi interpretata bħala li ma tirrikjedix li kwalunkwe proġett li x'aktarx ikollu effett sinifikanti fuq l-ambjent ikun soġġett għall-valutazzjoni tal-impatt ambjentali prevista f'dik id-Direttiva, iżda dawk imsemmija fl-Annessi I u II ta' dik id-Direttiva biss[19]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ċerti ***bidliet jew*** estensjonijiet għal proġetti li jaqgħu taħt l-Annessi I u II ta' dik id-Direttiva ma jaqgħux, bħala tali, taħt il-kategoriji ta' proġetti koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet[20].
[18] C-72/95, C-435/97, C-227/01, C-486/04, C-2/07, C-142/07, C-205/08, C-275/09, C-404/09, C-560/08, C-300/13, C-156/07, C-	[18] C-72/95, C-435/97, C-227/01, C-486/04, C-2/07, C-142/07, C-205/08, C-275/09, C-404/09, C-560/08, C-300/13, C-156/07, C-

329/17.

[19] C-156/07, C-275/09.

[20] C-300/13.

329/17.

[19] C-156/07, C-275/09.

[20] C-300/13.

Or. en

Emenda 96
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Huwa importanti li l-isfidi legali jissolvew mingħajr dewmien żejjed filwaqt li jiġi ***ppreservat*** l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali. Il-proċeduri fit-tul jiġġeneraw kostijiet ta' litigazzjoni ikbar, u b'hekk iżidu l-piż finanzjarju fuq il-partijiet għal tilwima legali. Jistgħu jikkawżaw ukoll dewmien fi proġetti u f'attivitajiet ekonomiċi oħra li finalment jiġu kkonfermati bħala legali. Għalhekk, il-proċeduri f'waqthom huma fl-interess tal-atturi kollha tas-soċjetà, inklużi kemm l-operaturi ekonomiċi kif ukoll l-applikanti li jirrappreżentaw l-interess tal-ambjent fi proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji.	(23) Huwa importanti li l-isfidi legali jissolvew mingħajr dewmien żejjed filwaqt li jiġi ***ppreżervat*** l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali***, kif meħtieġ mill-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali***. Il-proċeduri ***ġudizzjarji*** fit-tul jiġġeneraw kostijiet ta' litigazzjoni ikbar, u b'hekk iżidu l-piż finanzjarju fuq il-partijiet għal tilwima legali. Jistgħu jikkawżaw ukoll dewmien fi proġetti u f'attivitajiet ekonomiċi oħra li finalment jiġu kkonfermati bħala legali. Għalhekk, il-proċeduri f'waqthom huma fl-interess tal-atturi kollha tas-soċjetà, inklużi kemm l-operaturi ekonomiċi kif ukoll l-applikanti li jirrappreżentaw l-interess tal-ambjent fi proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji. ***Mod wieħed kif tinkiseb tali riżoluzzjoni f'waqtha huwa li jiġu mħeġġa l-identifikazzjoni bikrija u r-riżoluzzjoni sostantiva tal-argumenti ambjentali matul l-istadju amministrattiv li jwassal għall-awtorizzazzjoni ta' proġett, aktar milli jiġu riżervati għal proċedimenti ġudizzjarji. Għal dan l-għan, u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet fundamentali għal rieżami ġudizzjarju effettiv u aċċess għall-ġustizzja, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li permezz tagħhom argumenti li setgħu raġonevolment jitqajmu u jiġu indirizzati matul l-istadju amministrattiv ma jistgħux***

sussegwentement jitqajmu għall-ewwel darba quddiem qorti, dment li tali regoli ta' preklużjoni jkunu permessi skont id-dritt kostituzzjonali u proċedurali nazzjonali tal-Istat Membru, il-pubbliku kkonċernat kellu opportunità effettiva li jipparteċipa fl-istadju amministrattiv f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, u l-awtorità kompetenti għamlet disponibbli l-informazzjoni meħtieġa fi żmien xieraq biex tippermetti parteċipazzjoni infurmata.

Or. en

Emenda 97
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Huwa importanti li l-isfidi legali jissolvew mingħajr dewmien żejjed filwaqt li jiġi ***ppreservat*** l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali. Il-proċeduri fit-tul jiġġeneraw kostijiet ta' litigazzjoni ikbar, u b'hekk iżidu l-piż finanzjarju fuq il-partijiet għal tilwima legali. Jistgħu jikkawżaw ukoll dewmien fi proġetti u f'attivitajiet ekonomiċi oħra li finalment jiġu kkonfermati bħala legali. Għalhekk, il-proċeduri f'waqthom huma fl-interess tal-atturi kollha tas-soċjetà, inklużi kemm l-operaturi ekonomiċi kif ukoll l-applikanti li jirrappreżentaw l-interess tal-ambjent fi proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji.	(23) Huwa importanti li l-isfidi legali jissolvew mingħajr dewmien żejjed filwaqt li jiġi ***ppreżervat bis-sħiħ*** l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali. Il-proċeduri fit-tul jiġġeneraw kostijiet ta' litigazzjoni ikbar, u b'hekk iżidu l-piż finanzjarju fuq il-partijiet għal tilwima legali. Jistgħu jikkawżaw ukoll dewmien fi proġetti u f'attivitajiet ekonomiċi oħra li finalment jiġu kkonfermati bħala legali. Għalhekk, il-proċeduri f'waqthom huma fl-interess tal-atturi kollha tas-soċjetà, inklużi kemm l-operaturi ekonomiċi kif ukoll l-applikanti li jirrappreżentaw l-interess tal-ambjent fi proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji.

Or. en

Emenda 98
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, ċertezza legali u effiċjenza amministrattiva, jenħtieġ li fis-sistemi nazzjonali rispettivi tagħhom l-Istati Membri jkollhom l-opzjoni li jirrikjedu li l-argumenti rilevanti kollha jitqajmu matul l-istadju amministrattiv tal-proċedura li twassal għall-awtorizzazzjoni ta' proġett qabel kwalunkwe rieżami ġudizzjarju potenzjali, biex b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jindirizzawhom matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jiġi evitat dewmien eċċessiv fil-proċess tal-għoti tal-permessi, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja.	***imħassar***

Or. en

Emenda 99
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, ċertezza legali u effiċjenza amministrattiva, jenħtieġ li fis-sistemi nazzjonali rispettivi tagħhom l-Istati Membri jkollhom l-opzjoni li jirrikjedu li l-argumenti ***rilevanti kollha*** jitqajmu matul l-istadju amministrattiv tal-proċedura li twassal għall-awtorizzazzjoni ta' proġett ***qabel kwalunkwe rieżami ġudizzjarju potenzjali,*** biex b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu ***jindirizzawhom*** matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ***biex*** jiġi evitat dewmien eċċessiv fil-proċess tal-għoti tal-permessi***,***	(24) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, ċertezza legali u effiċjenza amministrattiva, jenħtieġ li fis-sistemi nazzjonali rispettivi tagħhom l-Istati Membri jkollhom l-opzjoni li jirrikjedu li l-argumenti ***li kapaċi*** jitqajmu matul l-istadju amministrattiv tal-proċedura li twassal għall-awtorizzazzjoni ta' proġett ***jiġu indirizzati f'dak l-istadju -*** biex b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu ***jikkunsidrawhom u jwieġbu għalihom*** matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ***u*** jiġi evitat dewmien eċċessiv fil-proċess tal-għoti tal-permessi***.***

mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja.	***Madankollu, jenħtieġ li din il-preklużjoni ma tapplikax għal evidenza jew data xjentifika ġdida dwar l-effetti ambjentali fuq l-ispeċijiet, il-ħabitats, jew ir-riżorsi tal-ilma protetti li saru disponibbli wara l-istadju amministrattiv u li ma setgħux jiġu identifikati jew miksuba b'mod raġonevoli matul dak l-istadju, jew argumenti li valutazzjoni ambjentali kienet fundamentalment inadegwata minħabba n-nuqqas ta' valutazzjoni tal-effetti ambjentali transkonfinali sinifikanti jew in-nuqqas ta' notifika jew konsultazzjoni xierqa lill-pubbliku f'pajjiżi terzi affettwati f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Espoo u l-Protokoll tagħha. L-argumenti relatati mal-ksur proċedurali ta' dan ir-Regolament jew tald-dritt ambjentali applikabbli tal-UE, inkluż il-ksur tar-rekwiżiti tal-parteċipazzjoni pubblika, tat-trasparenza, jew tad-diġitalizzazzjoni, kif ukoll l-argumenti li jikkonċernaw il-ksur tal-Konvenzjoni ta' Aarhus innifisha, inkluż id-dritt għal rieżami ġudizzjarju effettiv jenħtieġ ukoll li ma jaqgħux fl-ambitu ta' din il-preklużjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-preklużjoni ma toperax biex tipprekludi rieżami ġudizzjarju tal-legalità tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-applikazzjoni ta' standards ogħla ta' protezzjoni ambjentali minn dawk meħtieġa mid-dritt tal-UE. Fil-każijiet kollha, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-dritt*** ta' aċċess għall-ġustizzja ***skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiġi ppreżervat fil-prattika, mhux biss fil-forma***.

Or. en

Emenda 100
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) ***Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, ċertezza legali u effiċjenza amministrattiva, jenħtieġ li fis-sistemi nazzjonali rispettivi tagħhom l-Istati Membri jkollhom l-opzjoni li jirrikjedu li l-argumenti*** rilevanti ***kollha jitqajmu matul l-istadju*** amministrattiv ***tal-proċedura li twassal għall-awtorizzazzjoni ta' proġett qabel kwalunkwe rieżami ġudizzjarju potenzjali, biex b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jindirizzawhom matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jiġi evitat dewmien eċċessiv fil-proċess tal-għoti tal-permessi, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja***.	(24) ***Il-preklużjoni ta' argumenti milli jitqajmu quddiem il-qrati jekk ma jitqajmux matul il-proċeduri amministrattivi effettivament tirrestrinġi l-aċċess għall-ġustizzja. Spiss ma jkunx possibbli għal rikorrent li jikseb il-valutazzjonijiet xjentifiċi meħtieġa u jkun jaf ir-raġunijiet kollha possibbli li għalihom deċiżjoni tista' tkun problematika. Barra minn hekk, kif rikonoxxut ukoll mill-QĠUE (C-826/18, il-punt 58), il-valutazzjoni ta' proġett tista' tevolvi skont l-eżitu tal-proċedura amministrattiva. Informazzjoni*** rilevanti ***ġdida tista' ssir disponibbli wara t-tmiem tal-istadju*** amministrattiv***. Il-Kummissjoni u l-QĠUE stabbilew li tali regola timmina d-dritt fundamentali għal rimedju effettiv u tikser l-impenji internazzjonali tal-UE. Wara t-tneħħija ta' tali regola fl-2017 fil-Ġermanja minħabba każ ta' ksur mill-Kummissjoni Ewropea, studju sab li l-abolizzjoni tar-regola ma kellhiex impatt negattiv fuq it-tul tal-proċeduri tal-qorti[1a]. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jintroduċux preklużjoni sostanzjali fis-sistema legali tagħhom u jneħħu din ir-regola fejn teżisti bħalissa***.
	[1a] Wissenschaftliche Unterstützung des Rechtsschutzes in Umweltangelegenheiten in der 20. Legislaturperiode, Band I, Umweltbundesamt

Or. en

Emenda 101
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, ċertezza legali u effiċjenza amministrattiva, jenħtieġ li ***fis-sistemi nazzjonali rispettivi tagħhom*** l-Istati Membri ***jkollhom l-opzjoni li*** jirrikjedu li l-argumenti rilevanti kollha jitqajmu matul l-istadju amministrattiv tal-proċedura li twassal għall-awtorizzazzjoni ta' proġett qabel kwalunkwe rieżami ġudizzjarju potenzjali, biex b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jindirizzawhom matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jiġi evitat dewmien eċċessiv fil-proċess tal-għoti tal-permessi, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja.	(24) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, ċertezza legali u effiċjenza amministrattiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikjedu li l-argumenti rilevanti kollha jitqajmu matul l-istadju amministrattiv tal-proċedura li twassal għall-awtorizzazzjoni ta' proġett qabel kwalunkwe rieżami ġudizzjarju potenzjali, biex b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jindirizzawhom matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jiġi evitat dewmien eċċessiv fil-proċess tal-għoti tal-permessi, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja.

Or. en

Emenda 102
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, ċertezza legali u effiċjenza amministrattiva, jenħtieġ li fis-sistemi nazzjonali rispettivi tagħhom l-Istati Membri jkollhom l-opzjoni li jirrikjedu li l-argumenti rilevanti kollha jitqajmu matul l-istadju amministrattiv tal-proċedura li twassal għall-awtorizzazzjoni ta' proġett qabel kwalunkwe rieżami ġudizzjarju potenzjali, biex b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jindirizzawhom matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jiġi evitat dewmien eċċessiv fil-proċess tal-għoti tal-permessi***, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja***.	(24) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, ċertezza legali u effiċjenza amministrattiva, jenħtieġ li fis-sistemi nazzjonali rispettivi tagħhom l-Istati Membri jkollhom l-opzjoni li jirrikjedu li l-argumenti rilevanti kollha jitqajmu matul l-istadju amministrattiv tal-proċedura li twassal għall-awtorizzazzjoni ta' proġett qabel kwalunkwe rieżami ġudizzjarju potenzjali, biex b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jindirizzawhom matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jiġi evitat dewmien eċċessiv fil-proċess tal-għoti tal-permessi.

Emenda 103
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Apparti d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-2017 dwar il-gvern elettroniku (id-Dikjarazzjoni ta' Tallinn) u d-Dikjarazzjoni tal-2023 dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali, u f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2025 dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni "Ewropa aktar sempliċi u rapida"[21], il-Kummissjoni se tkompli tinkorpora d-"diġitali b'mod awtomatiku" permezz tal-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali u tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u l-prinċipji ta' "darba biss" fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni sabiex jitnaqqsu l-piżijiet tar-rapportar u l-kostijiet tal-konformità. Is-servizzi pubbliċi diġitali bi skambju transfruntier tad-data huma regolati mir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22], filwaqt li l-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (EIF, European Interoperability Framework) jiffaċilita l-iskambju transfruntier tad-data. L-awtoritajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament huma meħtieġa jistabbilixxu ***gradwalment*** proċedura kompletament diġitalizzata għall-valutazzjonijiet ambjentali, inkluż is-sottomissjoni tal-applikazzjoni u l-aċċessibbiltà online tal-informazzjoni.	(25) Apparti d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-2017 dwar il-gvern elettroniku (id-Dikjarazzjoni ta' Tallinn) u d-Dikjarazzjoni tal-2023 dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali, u f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2025 dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni "Ewropa aktar sempliċi u rapida"[21], il-Kummissjoni se tkompli tinkorpora d-"diġitali b'mod awtomatiku" permezz tal-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali u tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju u l-prinċipji ta' "darba biss" fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni sabiex jitnaqqsu l-piżijiet tar-rapportar u l-kostijiet tal-konformità. Is-servizzi pubbliċi diġitali bi skambju transfruntier tad-data huma regolati mir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22], filwaqt li l-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (EIF, European Interoperability Framework) jiffaċilita l-iskambju transfruntier tad-data. L-awtoritajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament huma meħtieġa jistabbilixxu proċedura kompletament diġitalizzata għall-valutazzjonijiet ambjentali, inkluż is-sottomissjoni tal-applikazzjoni u l-aċċessibbiltà online tal-informazzjoni.

[21] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u

[21] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u

lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta’ Frar 2025, ‘‘Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni” (COM/2025/47 final).	lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta’ Frar 2025, ‘‘Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni” (COM/2025/47 final).
[22] Ir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Marzu 2024 li jistipula miżuri għal livell għoli ta’ interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha (Att dwar Ewropa Interoperabbli) (ĠU L, 2024/903, 22.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/903/oj).	[22] Ir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Marzu 2024 li jistipula miżuri għal livell għoli ta’ interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha (Att dwar Ewropa Interoperabbli) (ĠU L, 2024/903, 22.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/903/oj).
	Or. en

Emenda 104
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet għall-iżviluppaturi tal-proġetti biex jikkonformaw mal-obbligi ambjentali tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jġarrbu l-kostijiet amministrattivi (imposti) assoċjati mal-valutazzjonijiet ambjentali għal proġett partikolari, b’mod partikolari fil-każ ta’ żviluppaturi iżgħar. Il-kostijiet għat-tħejjija tar-rapporti ta’ valutazzjoni ambjentali xorta jenħtieġ li jiġġarrbu mill-iżviluppatur tal-proġett. ***Din il-possibbiltà offruta lill-Istati Membri għandha l-għan li tiffaċilita l-applikazzjoni prattika tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mill-iżviluppaturi żgħar u li ssaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-ekonomija tal-Unjoni.***	(26) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet għall-iżviluppaturi tal-proġetti biex jikkonformaw mal-obbligi ambjentali tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jġarrbu l-kostijiet amministrattivi (imposti) assoċjati mal-valutazzjonijiet ambjentali għal proġett partikolari, b’mod partikolari fil-każ ta’ żviluppaturi iżgħar. Il-kostijiet għat-tħejjija tar-rapporti ta’ valutazzjoni ambjentali xorta jenħtieġ li jiġġarrbu mill-iżviluppatur tal-proġett.
	Or. en

Emenda 105
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet għall-iżviluppaturi tal-proġetti biex jikkonformaw mal-obbligi ambjentali tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jġarrbu l-kostijiet amministrattivi (imposti) assoċjati mal-valutazzjonijiet ambjentali għal proġett partikolari, b'mod partikolari fil-każ ta' żviluppaturi iżgħar. Il-kostijiet għat-tħejjija tar-rapporti ta' valutazzjoni ambjentali xorta jenħtieġ li jiġġarrbu mill-iżviluppatur tal-proġett. Din il-possibbiltà offruta lill-Istati Membri għandha l-għan li tiffaċilita l-applikazzjoni prattika tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mill-iżviluppaturi żgħar ***u li ssaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-ekonomija tal-Unjoni***.	(26) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet għall-iżviluppaturi tal-proġetti biex jikkonformaw mal-obbligi ambjentali tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jġarrbu l-kostijiet amministrattivi (imposti) assoċjati mal-valutazzjonijiet ambjentali għal proġett partikolari, b'mod partikolari fil-każ ta' żviluppaturi iżgħar ***- dawk meqjusa bħala SMEs***. Il-kostijiet għat-tħejjija tar-rapporti ta' valutazzjoni ambjentali xorta jenħtieġ li jiġġarrbu mill-iżviluppatur tal-proġett. Din il-possibbiltà offruta lill-Istati Membri għandha l-għan li tiffaċilita l-applikazzjoni prattika tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mill-iżviluppaturi żgħar ***jew intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 361/2003/KE***.

Or. en

Emenda 106
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Tali żviluppaturi żgħar jistgħu jaqgħu f'kategoriji differenti, bħal intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1099[23], jew intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 361/2003/KE[24].	***imħassar***

[23] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1099 tal-21 ta' Mejju 2025 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (ĠU L, 2025/1099).

[24] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003).

Or. en

Emenda 107
Stefan Köhler, Christian Doleschal

Proposta għal regolament
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) L-ambitu tal-kjarifiki previsti f'dan ir-Regolament dwar is-salvagwardji tad-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE għandu jkopri l-istadji kollha tal-ħajja tal-proġetti. B'mod partikolari, ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u manutenzjoni fuq l-infrastrutturi eżistenti xi drabi jistgħu jirriżultaw fil-qtil jew it-tfixkil ta' speċijiet protetti, bl-istess mod bħall-proġetti ġodda ta' kostruzzjoni, mingħajr ma dan ikun ir-riżultat ta' deċiżjoni intenzjonata; il-kjarifika fl-Artikolu 8(1) għalhekk tapplika għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-proġett. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni li għaddejja, iż-żmien ta' "qabel l-intervent" għall-miżuri ta' mitigazzjoni huwa rikonoxxut bħala "xenarju ideali" aktar milli obbligu legali. Sabiex jiġi evitat obbligu ex ante li jmur lil hinn mill-qafas tad-dritt tal-UE u jdewwem b'mod sinifikanti l-proċess tal-għoti tal-permessi, għandu jiġi ċċarat li l-miżuri ta' mitigazzjoni jistgħu jittieħdu wkoll matul jew f'konnessjoni temporali immedjata mal-implimentazzjoni tal-proġett. F'każijiet fejn l-Istati Membri

jistabbilixxu fond għall-protezzjoni tal-ispeċijiet ġestit mill-Istat, tinħoloq alternattiva legalment sigura fejn il-kumpens jingħata fuq bażi kontinwa u aggregata fil-livell taż-żona naturali affettwata, aktar milli fuq bażi speċifika għall-proġett, każ b'każ. L-amministrazzjoni tal-istat, l-allokazzjoni tal-fondi u l-monitoraġġ kontinwu fil-livell tal-popolazzjoni jipprovdu assigurazzjoni istituzzjonali għal implimentazzjoni effettiva. F'dan il-kuntest, għandu jiġi ċċarat li miżura ta' mitigazzjoni, li l-produzzjoni u l-funzjonament tagħha fl-ambitu ta' dan il-varjant x'aktarx iwasslu għal dewmien tal-proġett ta' mill-inqas 12-il xahar wara li d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tkun infurzabbli, ma għandhiex titqies bħala soluzzjoni sodisfaċenti alternattiva raġonevoli skont it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 92/43/KEE u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE. Dawn il-kjarifiki ma jaffettwawx il-livell ta' protezzjoni ambjentali previst fl-Artikoli 12 u 16 tad-Direttiva 92/43/KEE u l-Artikoli 5 u 9 tad-Direttiva 2009/147/KE; permezz ta' miżuri kkoordinati strateġikament fil-livell tal-pajsaġġ, dan jista' saħansitra jiżdied meta mqabbel ma' miżuri individwali fuq skala żgħira.

Or. de

Emenda 108
Stefan Köhler, Christian Doleschal

Proposta għal regolament
Premessa 27b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27b) Fil-ġestjoni tal-fondi minn fond għall-protezzjoni tal-ispeċijiet ġestit mill-Istat, jenħtieġ li tingħata prijorità lil miżuri li jikkombinaw effettività

ambjentali għolja mal-inqas użu addizzjonali possibbli tal-art. Dawn jinkludu, b'mod partikolari, it-titjib tal-artijiet eżistenti u l-użu ta' artijiet b'potenzjal baxx ta' kunflitti, dawk li għandhom valur agrikolu baxx jew diffiċli biex jiġu kkultivati dment li tali art tkun adattata b'mod partikolari għall-konnettività tal-ħabitats jew għall-istabbiliment ta' permeabilità ekoloġika. Dan huwa maħsub biex jimminimizza l-kompetizzjoni għall-art.

Or. de

Emenda 109
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Sabiex jiġi żgurat li l-kompiti allokati lill-awtoritajiet skont dan ir-Regolament jitwettqu bi kwalità għolja biżżejjed, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-punt uniku ta' kuntatt ambjentali u l-awtoritajiet kompetenti kollha responsabbli għal kwalunkwe pass tul il-proċessi ta' skrinjar u ta' valutazzjonijiet ambjentali, inklużi l-passi proċedurali kollha, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u r-riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa.	(28) Sabiex jiġi żgurat li l-kompiti allokati lill-awtoritajiet skont dan ir-Regolament jitwettqu bi kwalità għolja biżżejjed, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-punt uniku ta' kuntatt ambjentali u l-awtoritajiet kompetenti kollha responsabbli għal kwalunkwe pass tul il-proċessi ta' skrinjar u ta' valutazzjonijiet ambjentali, inklużi l-passi proċedurali kollha, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u r-riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa. ***F'dan ir-rigward, l-Istati Membri huma mħeġġa jimmonitorjaw kontinwament il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet tagħhom, u t-tul ta' żmien tal-valutazzjonijiet ambjentali u valutazzjonijiet oħra sabiex jadottaw miżuri konkreti biex itejbu l-proċessi.***

Or. en

Emenda 110
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Sabiex jiġi żgurat li l-kompiti allokati lill-awtoritajiet skont dan ir-Regolament jitwettqu bi kwalità għolja biżżejjed, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-punt uniku ta' kuntatt ambjentali u l-awtoritajiet kompetenti kollha responsabbli għal kwalunkwe pass tul il-proċessi ta' skrinjar u ta' valutazzjonijiet ambjentali, inklużi l-passi proċedurali kollha, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u r-riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa.	(28) Sabiex jiġi żgurat li l-kompiti allokati lill-awtoritajiet skont dan ir-Regolament***, id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2001/42/KE, id-Direttiva 2009/147/KE, id-Direttiva 2011/92/UE u d-Direttiva 92/43/KEE,*** jitwettqu bi kwalità għolja biżżejjed, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-punt uniku ta' kuntatt ambjentali u l-awtoritajiet kompetenti kollha responsabbli għal kwalunkwe pass tul il-proċessi ta' skrinjar u ta' valutazzjonijiet ambjentali, inklużi l-passi proċedurali kollha, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u r-riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa.

Or. en

Emenda 111
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Sabiex jiġi żgurat li l-kompiti allokati lill-awtoritajiet skont dan ir-Regolament jitwettqu bi kwalità għolja biżżejjed, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-punt uniku ta' kuntatt ambjentali u ***l-awtoritajiet*** kompetenti ***kollha*** responsabbli għal kwalunkwe pass tul il-proċessi ta' skrinjar u ta' valutazzjonijiet ambjentali, inklużi l-passi proċedurali kollha, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u r-riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi	(28) Sabiex jiġi żgurat li l-kompiti allokati lill-awtoritajiet skont dan ir-Regolament jitwettqu bi kwalità għolja biżżejjed, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-punt uniku ta' kuntatt ambjentali u ***l-awtorità*** kompetenti responsabbli għal kwalunkwe pass tul il-proċessi ta' skrinjar u ta' valutazzjonijiet ambjentali, inklużi l-passi proċedurali kollha, ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u r-riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti meħtieġa***,***

suffiċjenti meħtieġa.	***inkluż għal proċeduri kompletament diġitalizzati***.

Or. en

Emenda 112
Paolo Inselvini, Sergio Berlato, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29 bis) Il-proċeduri għall-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali jenħtieġ li jiġu żgurati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-obbligi internazzjonali applikabbli, filwaqt li jiġu żgurati ċ-ċertezza legali, il-proporzjonalità u t-twassil f'waqtu tal-proġetti strateġiċi.

Or. it

Emenda 113
Paolo Inselvini, Sergio Berlato, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Premessa 29b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29b) Meta jiġu vvalutati l-effetti ambjentali tal-pjanijiet, tal-programmi u tal-proġetti, jenħtieġ li jitqies ir-rwol tal-attivitajiet ta' ġestjoni attiva tal-organiżmi selvaġġi, inklużi l-attivitajiet tal-kaċċa mwettqa f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali. Dawn l-attivitajiet jistgħu jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tal-ħabitats, il-monitoraġġ tal-ispeċijiet, il-prevenzjoni tal-ħsara lill-għelejjel agrikoli u l-imsaġar u ż-żamma tal-bilanċ bejn id-diversi popolazzjonijiet ta' organiżmi selvaġġi, filwaqt li

jirrispettaw l-objettivi tal-protezzjoni tal-bijodiversità.

Or. it

Emenda 114
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex l-iżviluppaturi u l-investituri jingħataw is-sigurtà u ċ-ċarezza meħtieġa biex jiżdied l-iżvilupp tal-proġetti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-proċess ta' valutazzjoni ambjentali relatat ma' tali proġetti ma jaqbiżx il-limiti ta' żmien stabbiliti minn qabel. Jenħtieġ li jiġu introdotti skedi ta' żmien ċari għad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti tul il-proċess ta' valutazzjoni ambjentali abbażi ta' applikazzjoni kompluta biex jiġi aċċellerat l-iżvilupp tal-proġetti. Jenħtieġ li l-ħin meħud biex jinbena l-proġett proprju ma jingħaddx ma' dawk l-iskedi ta' żmien, ħlief meta jikkoinċidi ma' passi amministrattivi oħra fil-proċess tal-valutazzjoni ambjentali. F'każijiet eċċezzjonali relatati man-natura, mal-kumplessità, mal-post jew mad-daqs tal-proġett propost, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jestendu l-iskedi ta' żmien. Tali każijiet eċċezzjonali ***jistgħu jinkludu*** ċirkostanzi mhux previsti li jiskattaw il-ħtieġa ta' żieda mal-valutazzjonijiet ambjentali relatati mal-proġett jew li dawn jiġu ssupplimentati.	(30) Sabiex l-iżviluppaturi u l-investituri jingħataw is-sigurtà u ċ-ċarezza meħtieġa biex jiżdied l-iżvilupp tal-proġetti, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-proċess ta' valutazzjoni ambjentali relatat ma' tali proġetti ma jaqbiżx il-limiti ta' żmien stabbiliti minn qabel. Jenħtieġ li jiġu introdotti skedi ta' żmien ċari għad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti tul il-proċess ta' valutazzjoni ambjentali***, inkluża d-determinazzjoni ta' jekk il-proġett jirrikjedix valutazzjoni tal-impatt ambjentali,*** abbażi ta' applikazzjoni kompluta***, u sal-għoti, ir-rifjut jew l-adozzjoni tad-deċiżjoni jew tal-awtorizzazzjoni rilevanti wara l-proċedura ta' valutazzjoni ambjentali,*** biex jiġi aċċellerat l-iżvilupp tal-proġetti. Jenħtieġ li l-ħin meħud biex jinbena l-proġett proprju ma jingħaddx ma' dawk l-iskedi ta' żmien, ħlief meta jikkoinċidi ma' passi amministrattivi oħra fil-proċess tal-valutazzjoni ambjentali. F'każijiet eċċezzjonali relatati man-natura, mal-kumplessità, mal-post jew mad-daqs tal-proġett propost, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jestendu l-iskedi ta' żmien***, abbażi ta' kriterji ċari u soġġetti għad-dritt tal-applikant li jikkontesta tali estensjoni f'konformità mad-dritt nazzjonali***. Tali każijiet eċċezzjonali ***jenħtieġ li jkunu limitati għal*** ċirkostanzi mhux previsti li jiskattaw il-ħtieġa ta' żieda

	mal-valutazzjonijiet ambjentali relatati mal-proġett jew li dawn jiġu ssupplimentati.

Or. en

Emenda 115
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Wara t-tlestija tal-konsultazzjonijiet mal-pubbliku kkonċernat, mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u ma' awtoritajiet oħra li x'aktarx ikunu kkonċernati minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom kif ukoll ma' Stati Membri oħra, fejn meħtieġ, il-kompletezza tal-informazzjoni pprovduta mill-iżviluppatur ta' proġett jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti. Qabel ma jinħareġ tali rikonoxximent, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata dwar l-effetti ambjentali tal-proġett. ***Wara rikonoxximent, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi speċifiċi, l-iżviluppatur ma għandux jintalab jissottometti informazzjoni ġdida.***	(32) Wara t-tlestija tal-konsultazzjonijiet mal-pubbliku kkonċernat, mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u ma' awtoritajiet oħra li x'aktarx ikunu kkonċernati minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom kif ukoll ma' Stati Membri oħra, fejn meħtieġ, il-kompletezza tal-informazzjoni pprovduta mill-iżviluppatur ta' proġett jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti. Qabel ma jinħareġ tali rikonoxximent, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata dwar l-effetti ambjentali tal-proġett.

Or. en

Emenda 116
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Sabiex jiġu ssimplifikati u armonizzati l-iskambji bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-iżviluppaturi, dawn l-iskambji jenħtieġ li jkunu permessi permezz tal-użu tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju stabbiliti skont [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok żid il-Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' Kartieri Ewropej tan-Negozju], peress li jipprovdu pjattaforma sigura, standardizzata, u interoperabbli biex l-iżviluppaturi jinteraġixxu mal-awtoritajiet kompetenti, u dan jippermetti sottomissjoni aktar effiċjenti u effettiva tal-informazzjoni meħtieġa, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data, ċibersigurtà, u integrità tal-informazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 117
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Il-kostruzzjoni, l-operat u d-dekummissjonar ta' proġetti jistgħu jwasslu għal qtil inċidentali jew għal disturb ta' speċijiet ta' għasafar protetti skont id-Direttiva 2009/147/KE u ta' speċijiet oħra protetti skont id-Direttiva 92/43/KEE. L-estent tal-qtil jew tad-disturb jista' jvarja skont it-tip ta' proġett u d-disinn tiegħu, l-importanza ekoloġika taż-żona għall-ispeċijiet u l-preżenza tagħhom fiż-żona kkonċernata. Madankollu, jenħtieġ li jiġu inklużi miżuri ta' mitigazzjoni xierqa u li jintużaw l-aħjar teknoloġiji disponibbli fi proġetti bħal dawn biex dawk l-effetti negattivi jiġu evitati jew jitnaqqsu għal	***imħassar***

livelli insinifikanti.

Or. en

Emenda 118
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Il-kostruzzjoni, l-operat u d-dekummissjonar ta' proġetti jistgħu jwasslu għal qtil inċidentali jew għal disturb ta' speċijiet ta' għasafar protetti skont id-Direttiva 2009/147/KE u ta' speċijiet oħra protetti skont id-Direttiva 92/43/KEE. L-estent tal-qtil jew tad-disturb jista' jvarja skont it-tip ta' proġett u d-disinn tiegħu, l-importanza ekoloġika taż-żona għall-ispeċijiet u l-preżenza tagħhom fiż-żona kkonċernata. ***Madankollu***, jenħtieġ li jiġu inklużi miżuri ta' mitigazzjoni xierqa u li jintużaw l-aħjar teknoloġiji disponibbli ***fi proġetti bħal dawn biex dawk l-effetti*** negattivi ***jiġu evitati jew jitnaqqsu għal livelli insinifikanti***.	(34) Il-kostruzzjoni, l-operat u d-dekummissjonar ta' proġetti jistgħu jwasslu għal qtil inċidentali jew għal disturb ta' speċijiet ta' għasafar protetti skont id-Direttiva 2009/147/KE u ta' speċijiet oħra protetti skont id-Direttiva 92/43/KEE. L-estent tal-qtil jew tad-disturb jista' jvarja skont it-tip ta' proġett u d-disinn tiegħu, l-importanza ekoloġika taż-żona għall-ispeċijiet u l-preżenza tagħhom fiż-żona kkonċernata. ***Sabiex jiġi żgurat li tali proġetti jkunu kompatibbli mal-objettivi tad-Direttiva dwar l-Għasafar u tad-Direttiva dwar il-Ħabitats***, jenħtieġ li jiġu inklużi miżuri ta' mitigazzjoni xierqa u li jintużaw l-aħjar teknoloġiji disponibbli ***u l-aħħar għarfien xjentifiku fit-tfassil u fl-operat tal-proġett. Dawn il-miżuri ta' mitigazzjoni jenħtieġ li jitfasslu biex jimminimizzaw kemm jista' jkun il-qtil u t-tfixkil inċidentali u jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-awtorità kompetenti abbażi ta' evidenza oġġettiva, inkluż jekk humiex kapaċi jilħqu l-objettivi protettivi tad-Direttivi u jekk humiex se jipprevjenu effetti*** negattivi ***fuq il-popolazzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati, ivvalutati fid-dawl taż-żamma tagħhom fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom***. ***Il-ġerarkija tal-mitigazzjoni, fejn l-iżviluppaturi l-ewwel jesploraw alternattivi li jevitaw jew ikomplu jnaqqsu l-qtil jew it-tfixkil, jenħtieġ li tibqa' prinċipju fundamentali li jiggwida l-iżvilupp tal-proġett. Barra minn***

hekk, jenħtieġ li jitqiesu l-effetti kumulattivi u sinerġistiċi li jirriżultaw mill-interazzjoni ta' dan il-proġett ma' pjanijiet, proġetti u attivitajiet eżistenti jew approvati oħra fl-istess żona ġeografika, peress li l-impatti inċidentali ta' diversi proġetti jistgħu jheddu l-popolazzjonijiet b'mod kumulattiv anke meta proġetti individwali jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 8.

Or. en

Emenda 119
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Il-kostruzzjoni, l-operat u d-dekummissjonar ta' proġetti jistgħu jwasslu għal qtil inċidentali jew għal disturb ta' speċijiet ta' għasafar protetti skont id-Direttiva 2009/147/KE u ta' speċijiet oħra protetti skont id-Direttiva 92/43/KEE. L-estent tal-qtil jew tad-disturb jista' jvarja skont it-tip ta' proġett u d-disinn tiegħu, l-importanza ekoloġika taż-żona għall-ispeċijiet u l-preżenza tagħhom fiż-żona kkonċernata. Madankollu, jenħtieġ li jiġu inklużi miżuri ta' mitigazzjoni xierqa ***u li jintużaw l-aħjar teknoloġiji disponibbli*** fi proġetti bħal dawn biex dawk l-effetti negattivi jiġu evitati jew jitnaqqsu għal livelli insinifikanti.	(34) Il-kostruzzjoni, l-operat u d-dekummissjonar ta' proġetti jistgħu jwasslu għal qtil inċidentali jew għal disturb ta' speċijiet ta' għasafar protetti skont id-Direttiva 2009/147/KE u ta' speċijiet oħra protetti skont id-Direttiva 92/43/KEE. L-estent tal-qtil jew tad-disturb jista' jvarja skont it-tip ta' proġett u d-disinn tiegħu, l-importanza ekoloġika taż-żona għall-ispeċijiet u l-preżenza tagħhom fiż-żona kkonċernata. Madankollu, jenħtieġ li jiġu inklużi miżuri ta' mitigazzjoni xierqa fi proġetti bħal dawn biex dawk l-effetti negattivi jiġu evitati jew jitnaqqsu għal livelli insinifikanti.

Or. en

Emenda 120
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li l-miżuri ta' mitigazzjoni jkunu xierqa u proporzjonati, filwaqt li jiġi żgurat abbażi tal-aħjar data xjentifika disponibbli li kwalunkwe effett residwu ma jaffettwax b'mod negattiv il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati. Għalhekk, il-livell ta' sforz ta' mitigazzjoni għandu jikkorrispondi mal-grad ta' riskju u mal-vulnerabbiltà tal-ispeċi, mingħajr ma jinqabeż dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv. Filwaqt li l-kost tal-mitigazzjoni jenħtieġ li jitqies ukoll bħala parti mill-valutazzjoni tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-fatturi ekonomiċi waħedhom ma jiġġustifikawx l-ommissjoni tal-miżuri meħtieġa, u jenħtieġ li lanqas ma jservu bħala raġunijiet biex tiġi miċħuda mitigazzjoni effettiva.	***imħassar***

Or. en

Emenda 121
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li l-miżuri ta' mitigazzjoni jkunu xierqa u proporzjonati, filwaqt li jiġi żgurat abbażi tal-aħjar data xjentifika ***disponibbli*** li ***kwalunkwe effett residwu ma jaffettwax b'mod negattiv il-popolazzjonijiet*** tal-ispeċijiet ikkonċernati. Għalhekk, il-livell ta' sforz ta' mitigazzjoni għandu jikkorrispondi mal-grad ta' riskju u mal-vulnerabbiltà tal-ispeċi, mingħajr ma jinqabeż dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv. Filwaqt li l-kost tal-mitigazzjoni jenħtieġ li jitqies ukoll bħala parti mill-valutazzjoni tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-fatturi	(35) Jenħtieġ li l-miżuri ta' mitigazzjoni jkunu xierqa u proporzjonati, filwaqt li jiġi żgurat abbażi tal-aħjar ***teknoloġiji disponibbli u tal-aħħar*** data xjentifika li ***ż-żamma tal-popolazzjonijiet*** tal-ispeċijiet ikkonċernati ***fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom tiġi ppreżervata, minkejja l-eżistenza possibbli ta' impatti negattivi fuq eżemplari individwali ta' dawk l-ispeċijiet***. Għalhekk, il-livell ta' sforz ta' mitigazzjoni għandu jikkorrispondi mal-grad ta' riskju u mal-vulnerabbiltà tal-ispeċi***, b'attenzjoni partikolari għall-ispeċijiet elenkati bħala***

ekonomiċi waħedhom ma jiġġustifikawx l-ommissjoni tal-miżuri meħtieġa, u jenħtieġ li lanqas ma jservu bħala raġunijiet biex tiġi miċħuda mitigazzjoni effettiva.

speċijiet ta' prijorità skont l-Anness II tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, għall-ispeċijiet b'popolazzjonijiet li qed jonqsu, u għall-ispeċijiet soġġetti għall-protezzjoni internazzjonali skont il-Konvenzjoni ta' Ramsar, il-Konvenzjoni dwar l-Ispeċijiet Migratorji, jew ftehimiet internazzjonali oħra, mingħajr ma jinqabeż dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv. Filwaqt li l-kost tal-mitigazzjoni jenħtieġ li jitqies ukoll bħala parti mill-valutazzjoni tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-fatturi ekonomiċi waħedhom ma jiġġustifikawx l-ommissjoni tal-miżuri meħtieġa, u jenħtieġ li lanqas ma jservu bħala raġunijiet biex tiġi miċħuda mitigazzjoni effettiva.

Or. en

Emenda 122
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li l-miżuri ta' mitigazzjoni jkunu ***xierqa u proporzjonati, filwaqt li jiġi żgurat abbażi*** tal-aħjar data xjentifika disponibbli ***li kwalunkwe effett residwu ma jaffettwax b'mod negattiv il-popolazzjonijiet*** tal-ispeċijiet ***ikkonċernati. Għalhekk, il-livell ta' sforz ta' mitigazzjoni għandu jikkorrispondi mal-grad ta' riskju u mal-vulnerabbiltà tal-ispeċi, mingħajr ma jinqabeż dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv. Filwaqt li l-kost tal-mitigazzjoni jenħtieġ li jitqies ukoll bħala parti mill-valutazzjoni tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-fatturi ekonomiċi waħedhom ma jiġġustifikawx l-ommissjoni tal-miżuri meħtieġa, u jenħtieġ li lanqas ma jservu bħala raġunijiet biex tiġi miċħuda mitigazzjoni effettiva.***	(35) Jenħtieġ li l-miżuri ta' mitigazzjoni ***applikati fil-qafas ta' derogi mir-reġim ta' protezzjoni stretta*** jkunu ***bbażati fuq*** l-aħjar data xjentifika disponibbli ***u jenħtieġ li jikkontribwixxu għaż-żamma*** tal-ispeċijiet ***protetti kkonċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli***.

Or. en

Emenda 123
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li l-miżuri ta' mitigazzjoni jkunu xierqa u proporzjonati, filwaqt li jiġi żgurat abbażi ***tal-aħjar data*** xjentifika disponibbli li kwalunkwe effett residwu ma jaffettwax b'mod negattiv il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati. Għalhekk, il-livell ta' sforz ta' mitigazzjoni għandu jikkorrispondi mal-grad ta' riskju u mal-vulnerabbiltà tal-ispeċi, mingħajr ma jinqabeż dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv. Filwaqt li l-kost tal-mitigazzjoni jenħtieġ li jitqies ukoll bħala parti mill-valutazzjoni tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-fatturi ekonomiċi waħedhom ma jiġġustifikawx l-ommissjoni tal-miżuri meħtieġa, u jenħtieġ li lanqas ma jservu bħala raġunijiet biex tiġi miċħuda mitigazzjoni effettiva.	(35) Jenħtieġ li l-miżuri ta' mitigazzjoni jkunu xierqa u proporzjonati, filwaqt li jiġi żgurat abbażi ***tad-data*** xjentifika disponibbli li kwalunkwe effett residwu ma jaffettwax b'mod negattiv il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati. Għalhekk, il-livell ta' sforz ta' mitigazzjoni għandu jikkorrispondi mal-grad ta' riskju u mal-vulnerabbiltà tal-ispeċi, mingħajr ma jinqabeż dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv. Filwaqt li l-kost tal-mitigazzjoni jenħtieġ li jitqies ukoll bħala parti mill-valutazzjoni tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-fatturi ekonomiċi waħedhom ma jiġġustifikawx l-ommissjoni tal-miżuri meħtieġa, u jenħtieġ li lanqas ma jservu bħala raġunijiet biex tiġi miċħuda mitigazzjoni effettiva.

Or. en

Emenda 124
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) L-objettivi tar-razzjonalizzazzjoni u koordinazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali jenħtieġ li ma jirriżultawx fi tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni mogħti lill-ispeċijiet protetti skont id-Direttivi 2009/147/KE u

92/43/KEE. Il-projbizzjonijiet u l-obbligi ta' protezzjoni stabbiliti minn dawk id-Direttivi, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li jkomplu japplikaw bis-sħiħ. Il-miżuri biex tittejjeb l-effiċjenza tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi u għall-valutazzjoni jenħtieġ li jiffukaw fuq l-ippjanar bikri, l-evitar tal-impatti, il-kapaċità amministrattiva mtejba u l-applikazzjoni effettiva tal-miżuri ta' mitigazzjoni, mingħajr ma jimmodifikaw ir-rekwiżiti sostantivi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-natura.

Or. en

Emenda 125
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) Meta l-implimentazzjoni ta' pjanijiet, programmi jew proġetti tirriżulta f'effetti inċidentali fuq il-bejtiet, il-bajd jew il-pjanti protetti, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivvalutaw jekk miżuri ta' mitigazzjoni xierqa u proporzjonati jevitawx impatti negattivi sinifikanti fuq il-popolazzjoni jew l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati.

Or. en

Emenda 126
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Meta jkun qed jiġi stabbilit jekk il-proġetti jistgħux jiġu koperti taħt id-dispożizzjoni dwar il-valutazzjoni ta' interess pubbliku prevalenti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lin-natura strateġika tagħhom, jekk dawn jikkontribwux għall-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni, għall-effiċjenza fir-riżorsi u għar-reżiljenza kif ukoll sa liema punt x'aktarx li jikkawżaw – jew le – effett sinifikanti fuq l-ambjent. Fl-Att futur dwar l-Ekonomija Ċirkolari, il-proġetti li jikkonċernaw il-prevenzjoni, il-ġbir separat, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ tal-iskart jenħtieġ li jiġu definiti wkoll bħala strateġiċi, fid-dawl tal-kontribut importanti tagħhom għall-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, fl-Att futur għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, anke l-proġetti relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija kif ukoll dawk li jinsabu f'żoni ta' aċċellerazzjoni industrijali jenħtieġ li jiġu definiti bħala strateġiċi minħabba l-importanza tagħhom għar-reżiljenza u għad-dekarbonizzazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 127
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Meta jkun qed jiġi stabbilit jekk il-proġetti jistgħux jiġu koperti taħt id-dispożizzjoni dwar il-valutazzjoni ta' interess pubbliku prevalenti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lin-natura strateġika	***imħassar***

tagħhom, jekk dawn jikkontribwux għall-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni, għall-effiċjenza fir-riżorsi u għar-reżiljenza kif ukoll sa liema punt x'aktarx li jikkawżaw – jew le – effett sinifikanti fuq l-ambjent. Fl-Att futur dwar l-Ekonomija Ċirkolari, il-proġetti li jikkonċernaw il-prevenzjoni, il-ġbir separat, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ tal-iskart jenħtieġ li jiġu definiti wkoll bħala strateġiċi, fid-dawl tal-kontribut importanti tagħhom għall-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, fl-Att futur għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, anke l-proġetti relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija kif ukoll dawk li jinsabu f'żoni ta' aċċellerazzjoni industrijali jenħtieġ li jiġu definiti bħala strateġiċi minħabba l-importanza tagħhom għar-reżiljenza u għad-dekarbonizzazzjoni.

Or. en

Emenda 128
Paolo Inselvini, Sergio Berlato, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Meta jkun qed jiġi stabbilit jekk il-proġetti jistgħux jiġu koperti taħt id-dispożizzjoni dwar il-valutazzjoni ta' interess pubbliku prevalenti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lin-natura strateġika tagħhom, jekk dawn jikkontribwux għall-għanijiet ta' ***dekarbonizzazzjoni***, għall-effiċjenza fir-riżorsi u għar-reżiljenza kif ukoll sa liema punt x'aktarx li jikkawżaw – jew le – effett sinifikanti fuq l-ambjent. Fl-Att futur dwar l-Ekonomija Ċirkolari, il-proġetti li jikkonċernaw il-prevenzjoni, il-ġbir separat, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ tal-iskart	(36) Meta jkun qed jiġi stabbilit jekk il-proġetti jistgħux jiġu koperti taħt id-dispożizzjoni dwar il-valutazzjoni ta' interess pubbliku prevalenti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lin-natura strateġika tagħhom, jekk dawn jikkontribwux għall-għanijiet ***ta' kompetittività Ewropea, għas-sigurtà tal-provvista, għar-reżiljenza ekonomika, għas-sigurtà tal-enerġija, għall-użu effiċjenti tar-riżorsi u għad-dekarbonizzazzjoni***, għall-effiċjenza fir-riżorsi u għar-reżiljenza kif ukoll sa liema punt x'aktarx li jikkawżaw – jew le – effett sinifikanti fuq l-ambjent. Fl-Att futur dwar

jenħtieġ li jiġu definiti wkoll bħala strateġiċi, fid-dawl tal-kontribut importanti tagħhom għall-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, fl-Att futur għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, anke l-proġetti relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija kif ukoll dawk li jinsabu f'żoni ta' aċċellerazzjoni industrijali jenħtieġ li jiġu definiti bħala strateġiċi minħabba l-importanza tagħhom għar-reżiljenza u għad-dekarbonizzazzjoni.	l-Ekonomija Ċirkolari, il-proġetti li jikkonċernaw il-prevenzjoni, il-ġbir separat, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ tal-iskart jenħtieġ li jiġu definiti wkoll bħala strateġiċi, fid-dawl tal-kontribut importanti tagħhom għall-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, fl-Att futur għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, anke l-proġetti relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija kif ukoll dawk li jinsabu f'żoni ta' aċċellerazzjoni industrijali jenħtieġ li jiġu definiti bħala strateġiċi minħabba l-importanza tagħhom għar-reżiljenza u għad-dekarbonizzazzjoni.

Or. it

Emenda 129
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Andrea Wechsler, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Meta jkun qed jiġi stabbilit jekk il-proġetti jistgħux jiġu koperti taħt id-dispożizzjoni dwar il-valutazzjoni ta' interess pubbliku prevalenti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lin-natura strateġika tagħhom, jekk dawn jikkontribwux għall-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni, għall-effiċjenza fir-riżorsi u għar-reżiljenza kif ukoll sa liema punt x'aktarx li jikkawżaw – jew le – effett sinifikanti fuq l-ambjent. Fl-Att futur dwar l-Ekonomija Ċirkolari, il-proġetti li jikkonċernaw il-prevenzjoni, il-ġbir separat, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ tal-iskart jenħtieġ li jiġu definiti wkoll bħala strateġiċi, fid-dawl tal-kontribut importanti tagħhom għall-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, fl-Att futur għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, anke l-proġetti relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-	(36) Meta jkun qed jiġi stabbilit jekk il-proġetti jistgħux jiġu koperti taħt id-dispożizzjoni dwar il-valutazzjoni ta' interess pubbliku prevalenti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lin-natura strateġika tagħhom, jekk dawn jikkontribwux għall-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni, għall-effiċjenza fir-riżorsi u għar-reżiljenza kif ukoll sa liema punt x'aktarx li jikkawżaw – jew le – effett sinifikanti fuq l-ambjent. Fl-Att futur dwar l-Ekonomija Ċirkolari, il-proġetti li jikkonċernaw il-prevenzjoni, il-ġbir separat, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ tal-iskart jenħtieġ li jiġu definiti wkoll bħala strateġiċi, fid-dawl tal-kontribut importanti tagħhom għall-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, fl-Att futur għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, anke l-proġetti relatati mad-dekarbonizzazzjoni ***u t-***

industriji intensivi fl-enerġija kif ukoll dawk li jinsabu f'żoni ta' aċċellerazzjoni industrijali jenħtieġ li jiġu definiti bħala strateġiċi minħabba l-importanza tagħhom għar-reżiljenza u għad-dekarbonizzazzjoni.

trasformazzjoni industrijali profonda tal-industriji intensivi fl-enerġija***, speċjalment it-teknoloġija nadifa konġunta u l-proġetti industrijali intensivi fl-enerġija,*** kif ukoll dawk li jinsabu f'żoni ta' aċċellerazzjoni industrijali jenħtieġ li jiġu definiti bħala strateġiċi minħabba l-importanza tagħhom għar-reżiljenza u għad-dekarbonizzazzjoni.

Or. en

Emenda 130
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Meta jkun qed jiġi stabbilit jekk il-proġetti jistgħux jiġu koperti taħt id-dispożizzjoni dwar il-valutazzjoni ta' interess pubbliku prevalenti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lin-natura strateġika tagħhom, jekk dawn jikkontribwux għall-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni***,*** għall-effiċjenza fir-riżorsi ***u għar-reżiljenza*** kif ukoll sa liema punt x'aktarx li jikkawżaw – jew le – effett sinifikanti fuq l-ambjent. Fl-Att futur dwar l-Ekonomija Ċirkolari, il-proġetti li jikkonċernaw il-prevenzjoni, il-ġbir separat, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ tal-iskart jenħtieġ li jiġu definiti wkoll bħala strateġiċi, fid-dawl tal-kontribut importanti tagħhom għall-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, fl-Att futur għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, anke l-proġetti relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija kif ukoll dawk li jinsabu f'żoni ta' aċċellerazzjoni industrijali jenħtieġ li jiġu definiti bħala strateġiċi minħabba l-importanza tagħhom għar-reżiljenza u għad-dekarbonizzazzjoni.	(36) Meta jkun qed jiġi stabbilit jekk il-proġetti jistgħux jiġu koperti taħt id-dispożizzjoni dwar il-valutazzjoni ta' interess pubbliku prevalenti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lin-natura strateġika tagħhom ***rikonoxxuta mil-leġiżlazzjoni tal-UE***, jekk dawn jikkontribwux għall-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni ***jew*** għall-effiċjenza fir-riżorsi kif ukoll sa liema punt x'aktarx li jikkawżaw – jew le – effett sinifikanti fuq l-ambjent. Fl-Att futur dwar l-Ekonomija Ċirkolari, il-proġetti li jikkonċernaw il-prevenzjoni, il-ġbir separat, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ tal-iskart jenħtieġ li jiġu definiti wkoll bħala strateġiċi, fid-dawl tal-kontribut importanti tagħhom għall-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, fl-Att futur għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, anke l-proġetti relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija kif ukoll dawk li jinsabu f'żoni ta' aċċellerazzjoni industrijali jenħtieġ li jiġu definiti bħala strateġiċi minħabba l-importanza tagħhom għar-reżiljenza u għad-dekarbonizzazzjoni.

Emenda 131
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Il-preżunzjoni li ċerti proġetti żviluppati għal setturi jew kategoriji strateġiċi għandhom jitqiesu ta' interess pubbliku u huma preżunti li għandhom interess pubbliku prevalenti u li jservu l-interessi tas-saħħa u s-sikurezza pubblika jenħtieġ li ma tinftiehemx bħala li teżenta tali proġetti mill-valutazzjonijiet ambjentali jew mill-proċeduri ta' skrinjar meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni. Dik il-preżunzjoni tikkonċerna biss il-valutazzjoni tal-interess pubbliku, l-interess pubbliku prevalenti, is-saħħa pubblika u l-kriterji tas-sikurezza pubblika meta, wara l-valutazzjoni ambjentali rilevanti, tkun meħtieġa deroga jew eżenzjoni skont l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Artikolu 9(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2009/147/KE, jew l-Artikoli 6(4) jew 16(1) tad-Direttiva 92/43/KEE biex il-proġett jipproċedi. Jenħtieġ li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu deċiżjonijiet aktar rapidi u aktar legalment ċerti dwar dawk il-kriterji, wara bbilanċjar adegwat tal-interessi fil-każ individwali, filwaqt li ma jiġux affettwati l-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'dawk id-Direttivi. Dawk il-kundizzjonijiet jinkludu, kif rilevanti skont id-Direttiva applikabbli, in-nuqqas ta' soluzzjonijiet alternattivi jew sodisfaċenti, it-teħid ta' passi prattikabbli biex jiġu evitati jew jitnaqqsu l-effetti negattivi, l-adozzjoni ta' miżuri ta' kumpens fejn meħtieġ, il-protezzjoni tal-koerenza ġenerali ta' Natura 2000 u ż-żamma ta' speċijiet protetti fi stat ta'

konservazzjoni favorevoli.

Or. en

Emenda 132
Paolo Inselvini, Sergio Berlato, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36 bis) Meta jimplimentaw dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti proċedurali u dokumentarji imposti fuq is-sidien u d-detenturi tal-azjendi agrikoli jkunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet amministrattivi u l-piżijiet sproporzjonati li jistgħu jdgħajfu l-kompetittività tan-negozji agrikoli Ewropej.

Or. it

Emenda 133
Paolo Inselvini, Sergio Berlato, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Premessa 36b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36b) Fil-kisba tal-objettivi ambjentali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġi żgurat bilanċ xieraq mal-kompetittività tas-settur agrikolu u agroalimentari Ewropew, is-sigurtà tal-ikel u s-sostenibbiltà ekonomika tan-negozji agrikoli, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol essenzjali tal-bdiewa fil-ġestjoni tal-art, il-protezzjoni tal-pajsaġġ u l-konservazzjoni

	tar-riżorsi naturali.

Or. it

Emenda 134
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Huma meħtieġa proċessi prevedibbli, aktar sempliċi u aktar rapidi għall-valutazzjonijiet ambjentali bħala parti mill-proċessi ġenerali ta' awtorizzazzjoni nazzjonali biex jipprovdu s-sigurtà tal-investiment neċessarja għall-iżvilupp effettiv tal-proġetti, li jistgħu jkunu partikolarment importanti f'ċerti setturi tal-ekonomija f'dan il-mument. Għalhekk, bħala parti mis-sett ta' għodod, il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni tista' tipprovdi wkoll, f'konformità ma' dan ir-Regolament, li l-pjanijiet, il-programmi u l-proġetti f'ċerti setturi jew kategoriji jenħtieġ li jitqiesu bħala urġenti fil-livell nazzjonali u għalhekk jenħtieġ li jingħataw status ta' prijorità sa fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi tali proċeduri mħaffa fil-proċeduri ġudizzjarji u ta' soluzzjoni tat-tilwim kollha relatati magħhom, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet ta' aċċess għall-ġustizzja u d-difiża, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi tali proċeduri mħaffa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 135
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) ***Huma meħtieġa proċessi prevedibbli, aktar sempliċi u aktar rapidi għall-valutazzjonijiet ambjentali bħala parti mill-proċessi ġenerali ta' awtorizzazzjoni nazzjonali biex jipprovdu s-sigurtà tal-investiment neċessarja għall-iżvilupp effettiv tal-proġetti, li jistgħu jkunu partikolarment importanti f'ċerti setturi tal-ekonomija f'dan il-mument. Għalhekk, bħala parti mis-sett ta' għodod, il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni tista' tipprovdi wkoll, f'konformità ma' dan ir-Regolament,*** li l-pjanijiet, il-programmi u l-proġetti f'ċerti setturi jew kategoriji ***jenħtieġ li*** jitqiesu bħala urġenti fil-livell nazzjonali u għalhekk jenħtieġ li jingħataw status ta' prijorità sa fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi tali proċeduri mħaffa fil-proċeduri ġudizzjarji u ta' soluzzjoni tat-tilwim kollha relatati magħhom, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet ta' aċċess għall-ġustizzja u d-difiża, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi tali proċeduri mħaffa.	(37) ***Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jenħtieġx*** li l-pjanijiet, il-programmi u l-proġetti f'ċerti setturi jew kategoriji jitqiesu bħala urġenti fil-livell nazzjonali u għalhekk jenħtieġ li jingħataw status ta' prijorità sa fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi tali proċeduri mħaffa fil-proċeduri ġudizzjarji u ta' soluzzjoni tat-tilwim kollha relatati magħhom, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet ta' aċċess għall-ġustizzja u d-difiża, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi tali proċeduri mħaffa.

Or. en

Emenda 136
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Huma meħtieġa proċessi prevedibbli, aktar sempliċi u aktar rapidi għall-valutazzjonijiet ambjentali bħala parti mill-proċessi ġenerali ta' awtorizzazzjoni nazzjonali biex jipprovdu s-sigurtà tal-investiment neċessarja għall-iżvilupp effettiv tal-proġetti, li jistgħu jkunu partikolarment importanti f'ċerti setturi ***tal-ekonomija*** f'dan il-mument. Għalhekk***,***	(37) Huma meħtieġa proċessi prevedibbli, aktar sempliċi u aktar rapidi għall-valutazzjonijiet ambjentali bħala parti mill-proċessi ġenerali ta' awtorizzazzjoni nazzjonali biex jipprovdu s-sigurtà tal-investiment neċessarja għall-iżvilupp effettiv tal-proġetti, li jistgħu jkunu partikolarment importanti f'ċerti setturi ***li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni***

bħala parti mis-sett ta' għodod, il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni tista' tipprovdi wkoll, f'konformità ma' dan ir-Regolament, li l-pjanijiet, il-programmi u l-proġetti ***f'ċerti*** setturi jew kategoriji jenħtieġ li jitqiesu bħala urġenti fil-livell nazzjonali u għalhekk jenħtieġ li jingħataw status ta' prijorità sa fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi tali proċeduri mħaffa fil-proċeduri ġudizzjarji u ta' soluzzjoni tat-tilwim kollha relatati magħhom, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet ta' aċċess għall-ġustizzja u d-difiża, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi tali proċeduri mħaffa.	***u l-awtonomija strateġika, li huma partikolarment rilevanti*** f'dan il-mument. Għalhekk, il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni tista' tipprovdi wkoll, f'konformità ma' dan ir-Regolament, li l-pjanijiet, il-programmi u l-proġetti ***f'tali*** setturi jew kategoriji jenħtieġ li jitqiesu bħala urġenti fil-livell nazzjonali u għalhekk jenħtieġ li jingħataw status ta' prijorità sa fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi tali proċeduri mħaffa ***fi proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali u*** fil-proċeduri ġudizzjarji u ta' soluzzjoni tat-tilwim kollha relatati magħhom***, li jenħtieġ li jkunu kkonċentrati f'forum uniku***, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet ta' aċċess għall-ġustizzja u d-difiża, jekk u sa fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi tali proċeduri mħaffa.

Or. en

Emenda 137
Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tidentifika proġetti strateġiċi li jikkonċernaw il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali affordabbli jew soċjali, kif ukoll l-infrastruttura meħtieġa li sservi direttament lil dak il-bini.	***imħassar***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa tiġġustifika estensjoni mhux ġustifikata tar-rwol tal-Kummissjoni fl-akkomodazzjoni, l-ippjanar urban u l-użu tal-art.

Emenda 138
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tidentifika proġetti strateġiċi li jikkonċernaw il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali affordabbli jew soċjali, kif ukoll l-infrastruttura meħtieġa li sservi direttament lil dak il-bini.	***imħassar***

Or. en

Emenda 139
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tidentifika proġetti strateġiċi li jikkonċernaw il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali affordabbli jew soċjali, kif ukoll l-infrastruttura meħtieġa li sservi direttament lil dak il-bini.	***imħassar***

Or. en

Emenda 140
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tidentifika proġetti strateġiċi li jikkonċernaw il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali affordabbli jew soċjali, kif ukoll l-infrastruttura meħtieġa li sservi direttament lil dak il-bini.	***imħassar***

Or. en

Emenda 141
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) Il-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali jikkostitwixxu salvagwardja essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa, tal-bijodiversità u tal-ambjent. L-istabbiliment ta' reġimi proċedurali speċjali għal kategoriji ta' proġetti iddeżinjati bħala "strateġiċi" jirriskja li joħloq trattament mhux ugwali bejn is-setturi u l-proġetti u jista' jdgħajjef l-applikazzjoni konsistenti tad-dritt ambjentali tal-Unjoni. Minħabba d-diffikultajiet inerenti fid-definizzjoni ta' setturi jew proġetti strateġiċi fid-dritt tal-Unjoni, il-miżuri ta' aċċellerazzjoni jenħtieġ li ma jagħtux trattament privileġġat lil setturi ekonomiċi speċifiċi u jenħtieġ li jibqgħu soġġetti għall-istess salvagwardji ambjentali, rekwiżiti ta'

parteċipazzjoni pubblika u skrutinju ġudizzjarju.

Or. en

Emenda 142
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Andrea Wechsler, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(39a) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-qafas legali applikabbli għall-valutazzjonijiet ambjentali u biex tiġi evitata frammentazzjoni ulterjuri tiegħu, id-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjonijiet ambjentali li jinsabu f'ċerta leġiżlazzjoni settorjali eżistenti tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu inkorporati f'dan ir-Regolament. Il-leġiżlazzjoni settorjali futura tal-Unjoni għandha, meta xieraq, tqis il-qafas stabbilit b'dan ir-Regolament. Għalhekk, sabiex ikunu jistgħu jsiru simplifikazzjoni orizzontali u trikkib regolatorju, ir-Regolament (UE) 2024/1735 [NZIA], ir-Regolament (UE) 2024/1252 [CRMA] u r-Regolament (UE) 2023/1781 [l-Att dwar iċ-Ċipep] jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

Or. en

Emenda 143
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) Fid-dawl tal-ambjent tas-sigurtà mibdul fl-Ewropa, il-prontezza tad-difiża u l-preparatezza ċivili jirrikjedu ċertezza

	legali u flessibbiltà akbar. Il-proġetti, il-pjanijiet u l-programmi li jaqdu d-difiża jew il-preparatezza għal emerġenzi ċivili jew ir-rispons għalihom spiss ikunu b'użu doppju jew integrati mal-infrastruttura ċivili. Ir-referenzi eżistenti għal proġetti, pjanijiet jew programmi li għandhom tali għanijiet bħala l-għan uniku tagħhom huma għalhekk ristretti wisq. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura li r-rekwiżiti tal-valutazzjoni ambjentali tal-Unjoni ma jfixklux tali proġetti, filwaqt li jippreserva l-kapaċità tal-Istati Membri li japplikaw rekwiżiti nazzjonali ta' valutazzjoni, konsultazzjoni jew informazzjoni.

Or. en

Emenda 144
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament japplika għall-valutazzjonijiet ambjentali u għall-iskrinjar tal-pjanijiet, tal-programmi u tal-proġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi ***2000/60/KE,*** 2001/42/KE, 2009/147/KE, 2011/92/UE u 92/43/KEE.	Dan ir-Regolament japplika għall-valutazzjonijiet ambjentali u għall-iskrinjar tal-pjanijiet, tal-programmi u tal-proġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2001/42/KE, 2009/147/KE, 2011/92/UE u 92/43/KEE. ***Xejn f'dan ir-Regolament ma għandu jaffettwa l-valutazzjoni indipendenti meħtieġa skont l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE, inkluża l-valutazzjoni tal-interess pubbliku prevalenti u l-eżami ta' alternattivi fuq bażi ta' każ b'każ.***

Or. en

Emenda 145
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Andrea Wechsler, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament ***japplika għall-valutazzjonijiet*** ambjentali u għall-iskrinjar tal-pjanijiet, tal-programmi u tal-proġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2000/60/KE, 2001/42/KE, 2009/147/KE, 2011/92/UE u 92/43/KEE.	Dan ir-Regolament ***jistabbilixxi r-regoli għall-organizzazzjoni, il-koordinazzjoni u t-twettiq ta' valutazzjonijiet*** ambjentali u għall-iskrinjar tal-pjanijiet, tal-programmi u tal-proġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2000/60/KE, 2001/42/KE, 2009/147/KE, 2011/92/UE u 92/43/KEE.

Or. en

Emenda 146
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "konklużjoni motivata" tfisser l-opinjoni jew id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tiffinalizza l-eżami tagħha tal-effetti ambjentali ta' proġett;	(a) "konklużjoni motivata" tfisser l-opinjoni jew id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tiffinalizza l-eżami tagħha tal-effetti ambjentali ***sinifikanti*** ta' proġett;

Or. en

Emenda 147
Jeannette Baljeu, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Engin Eroglu, Ana Vasconcelos, Ilhan Kyuchyuk, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) "skrinjar fil-kuntest tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE" tfisser il-valutazzjoni preliminari dwar jekk pjan jew proġett huwiex probabbli li

jkollu effetti sinifikanti fuq sit, individwalment jew flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra, fid-dawl tal-objettivi ta' konservazzjoni tas-sit ikkonċernat. Għal modifiki ta' proġetti legali eżistenti, tali skrinjar għandu jirrifletti l-bidla reali meta mqabbla mas-sitwazzjoni bażi legali u għandu jqis il-karatteristiċi tal-proġett, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet jew titjib ieħor, li huma direttament marbuta mal-pjan jew mal-proġett li jkun qed jiġi vvalutat u inerenti fih. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe effett sinifikanti probabbli ieħor fuq is-sit ikkonċernat, inklużi l-effetti kumulattivi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment introduces a clear definition of screening under Article 6(3) of the Habitats Directive in the context of this Regulation. It clarifies that, for modifications of existing lawful projects, screening should reflect the actual change compared to the lawful baseline and may take into account project characteristics that are directly linked to and inherent in the project. This avoids overly abstract assessments that ignore emission reductions or other improvements inherent to the project, while maintaining the precautionary approach, the assessment of cumulative effects and the conservation objectives of the site concerned.

Emenda 148
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) "proċedura konġunta" tfisser proċedura fejn awtorità kompetenti tipprevedi valutazzjoni unika tal-impatt ambjentali ta' proġett partikolari u, fejn rilevanti, pjan jew programm, meħtieġa mid-Direttivi rilevanti u li tirriżulta f'valutazzjoni konsolidata waħda, deċiżjoni unika waħda jew sett ta' deċiżjonijiet adottati fl-istess qafas proċedurali.

Or. en

Emenda 149
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) "subordinazzjoni u koordinazzjoni proċedurali funzjonali" tfisser l-obbligu tal-awtoritajiet u l-korpi kompetenti involuti fi proċeduri ta' skrinjar jew ta' valutazzjoni ambjentali li jaġixxu, għall-finijiet ta' ġestjoni proċedurali, taħt id-direzzjoni proċedurali tal-punt uniku ta' kuntatt ambjentali jew tal-awtorità responsabbli għall-koordinazzjoni proċedurali, filwaqt li jżommu s-setgħat u r-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tas-sustanza, il-kwalità u l-kompletezza tal-valutazzjoni;

Or. en

Emenda 150
Jeannette Baljeu, Olivier Chastel, Katri Kulmuni, Engin Eroglu, Ana Vasconcelos, Ilhan Kyuchyuk, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) "sitwazzjoni bażi legali" tfisser, għal modifika ta' proġett legali eżistenti, is-sitwazzjoni legalment awtorizzata u fattwalment eżistenti ta' dak il-proġett fiż-żmien tal-iskrinjar, inklużi l-pressjonijiet ambjentali li jistgħu jkomplu legalment mingħajr dik il-modifika, u esklużi attivitajiet jew pressjonijiet mhux awtorizzati, skaduti jew purament ipotetiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiddefinixxi s-sitwazzjoni tal-linja bażi legali sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali meta jiġu vvalutati l-modifiki tal-proġetti legali eżistenti. Din tiċċara li jistgħu jitqiesu biss attivitajiet legalment awtorizzati u fattwalment eżistenti, u b'hekk tippermetti li jiġi vvalutat titjib ġenwin fis-sostenibbiltà skont is-sitwazzjoni legali attwali filwaqt li jiġu esklużi attivitajiet mhux awtorizzati, skaduti jew purament ipotetiċi.

Emenda 151
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) "perkors proċedurali uniku" tfisser il-passi proċedurali uniċi u l-mezzi li permezz tagħhom, għal pjanijiet, programmi jew proġetti soġġetti għal proċeduri ta' skrinjar, valutazzjoni ambjentali, għoti ta' permessi u awtorizzazzjoni skont id-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali, l-iżviluppatur jissottometti informazzjoni, jirċievi gwida proċedurali u talbiet għal informazzjoni, u jiġi infurmat dwar il-passi proċedurali u dwar l-eżitu ta' dawk il-proċeduri. ;

Or. en

Emenda 152
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cd) Proġetti Strateġiċi tfisser proġetti li huma rikonoxxuti bħala strateġiċi mid-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 153
Katri Kulmuni, Jeannette Baljeu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. "valutazzjoni ambjentali" tfisser valutazzjonijiet skont l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/42/KE, l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2011/92/UE u l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE. Peress li l-Artikolu 5 huwa propost li jitħassar, id-definizzjoni ta' xogħlijiet ewlenin ukoll (l-Artikolu 2(2)(f)) għandha titħassar. Bl-istess mod, id-definizzjoni għal modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni għandha titħassar peress li l-frażi ma għadhiex tintuża f'dan ir-Regolament (l-Artikolu 2(2)(g)).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Premessa 9/Artikolu 2: Il-premessa 9 telenka l-valutazzjonijiet ambjentali u l-valutazzjonijiet xierqa. Biex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, id-definizzjoni ta' "valutazzjoni ambjentali" għandha tiġi inkluża fid-definizzjonijiet tal-Artikolu 2. Il-valutazzjonijiet ambjentali skont id-Direttivi koperti mir-Regolament għandhom jiġu definiti b'mod espliċitu, jiġifieri għandhom isemmu l-artikoli rilevanti ta' kull Direttiva.

Emenda 154
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal — 6 xhur wara d-	1. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal — 6 xhur wara d-

dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jiddeżinjaw ***punti uniċi*** ta’ kuntatt ambjentali fil-livell amministrattiv rilevanti għall-valutazzjonijiet ambjentali. ***Kull punt*** uniku ta’ kuntatt għandu jkun responsabbli għall-iffaċilitar u l-koordinazzjoni tal-aspetti kollha tal-valutazzjonijiet ambjentali skont dan ir-Regolament, inkluż għall-għoti ta’ informazzjoni dwar meta applikazzjoni titqies li tlestiet f’konformità mal-Artikolu 7 ta’ dan ir-Regolament.

dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jiddeżinjaw ***punt uniku*** ta’ kuntatt ambjentali fil-livell amministrattiv rilevanti għall-valutazzjonijiet ambjentali. ***Il-punt*** uniku ta’ kuntatt ***ambjentali*** għandu jkun responsabbli ***għas-subordinazzjoni proċedurali funzjonali,*** għall-iffaċilitar u l-koordinazzjoni tal-aspetti kollha tal-valutazzjonijiet ambjentali skont dan ir-Regolament, inkluż għall-għoti ta’ informazzjoni dwar meta applikazzjoni titqies li tlestiet f’konformità mal-Artikolu 7 ta’ dan ir-Regolament. ***Il-punt uniku ta’ kuntatt għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni ta’ perkors proċedurali uniku, inkluż billi jipprovdi gwida proċedurali lill-iżviluppaturi matul il-proċess kollu tal-valutazzjoni ambjentali u tal-permessi, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-iżviluppatur għat-tħejjija u l-kontenut tal-valutazzjoni ambjentali u l-proċess tal-għoti tal-permessi.***

Or. en

Emenda 155
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal — 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jiddeżinjaw punti uniċi ta’ kuntatt ambjentali fil-livell amministrattiv rilevanti għall-valutazzjonijiet ambjentali. Kull punt uniku ta’ kuntatt għandu jkun responsabbli għall-iffaċilitar u l-koordinazzjoni tal-aspetti kollha tal-valutazzjonijiet ambjentali skont dan ir-Regolament, inkluż għall-għoti ta’ informazzjoni dwar meta	1. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal — 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jiddeżinjaw punti uniċi ta’ kuntatt ambjentali fil-livell amministrattiv rilevanti għall-valutazzjonijiet ambjentali. Kull punt uniku ta’ kuntatt għandu jkun responsabbli għall-iffaċilitar u l-koordinazzjoni tal-aspetti kollha tal-valutazzjonijiet ambjentali skont dan ir-Regolament, inkluż għall-għoti ta’ informazzjoni dwar meta

applikazzjoni titqies li tlestiet f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.	applikazzjoni titqies li tlestiet f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament. ***Il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali għandu jkun il-punt uniku ta' kuntatt għall-iżviluppatur għall-valutazzjonijiet ambjentali skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jikkoordina u jiffaċilita s-sottomissjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni kollha rilevanti u għandu jinnotifika lill-promotur tal-proġett bl-eżitu tad-deċiżjoni komprensiva.***

Or. en

Emenda 156
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Peter Liese

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun meħtieġ punt ta' kuntatt uniku għal proċess ġenerali għall-għoti tal-permessi skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew nazzjonali, il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun l-istess bħal dak stabbilit għal dik il-proċedura ġenerali għall-għoti tal-permessi.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tippreżerva l-flessibbiltà tal-Istati Membri fl-organizzazzjoni tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi u dawk amministrattivi tagħhom. Filwaqt li punt uniku ta' kuntatt jista' jkun għodda utli biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni mal-iżviluppaturi tal-proġetti, id-dritt tal-Unjoni ma għandux jippreskrivi fid-dettall kif l-awtoritajiet nazzjonali jeħtiġilhom jistrutturaw, jgħaqqdu jew joperaw tali punti ta' kuntatt. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jibnu fuq l-istrutturi amministrattivi u l-għodod diġitali eżistenti, jevitaw id-duplikazzjoni u jadattaw il-proċeduri għas-sistemi legali u istituzzjonali nazzjonali tagħhom.

Emenda 157
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun meħtieġ punt ta' kuntatt uniku għal proċess ġenerali għall-għoti tal-permessi skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew nazzjonali, il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun l-istess bħal dak stabbilit għal dik il-proċedura ġenerali għall-għoti tal-permessi.	2. Meta jkun ***jeżisti jew ikun*** meħtieġ punt ta' kuntatt uniku ***jew punt uniku ta' servizz skont id-dritt nazzjonali għal pjanijiet, programmi jew proġetti, jew*** għal proċess ġenerali għall-għoti tal-permessi skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew nazzjonali, il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun l-istess bħal dak stabbilit għal dik il-proċedura ġenerali għall-għoti tal-permessi.

Or. en

Emenda 158
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Peter Liese

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għodod biex jgħinu lill-iżviluppaturi jidentifikaw il-punt ta' kuntatt stabbilit jew dežinjat xieraq fuq il-portal online stabbilit f'konformità mal-Artikolu 10.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tippreżerva l-flessibbiltà tal-Istati Membri fl-organizzazzjoni tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi u dawk amministrattivi tagħhom. Filwaqt li punt uniku ta' kuntatt jista' jkun għodda utli biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni mal-iżviluppaturi tal-proġetti, id-dritt tal-Unjoni ma għandux jippreskrivi fid-dettall kif l-awtoritajiet nazzjonali jeħtiġilhom jistrutturaw, jgħaqqdu jew joperaw tali punti ta' kuntatt. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jibnu fuq l-istrutturi amministrattivi u l-għodod diġitali eżistenti,

jevitaw id-duplikazzjoni u jadattaw il-proċeduri għas-sistemi legali u istituzzjonali nazzjonali tagħhom.

Emenda 159
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali għandu jwettaq esklużivament funzjonijiet ta' koordinazzjoni u amministrattivi u ma għandux jissostitwixxi, jegħleb jew jillimita r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 160
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Peter Liese

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali stabbilit jew iddeżinjat skont il-paragrafu 1 għandu jkun il-punt uniku ta' kuntatt għall-iżviluppatur għall-valutazzjonijiet ambjentali skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jikkoordina u jiffaċilita s-sottomissjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni kollha rilevanti u għandu jinnotifika lill-promotur tal-proġett bl-eżitu tad-deċiżjoni komprensiva.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tippreżerva l-flessibbiltà tal-Istati Membri fl-organizzazzjoni tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi u dawk amministrattivi tagħhom. Filwaqt li punt uniku ta' kuntatt jista' jkun għodda utli biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni mal-iżviluppaturi tal-proġetti, id-dritt tal-Unjoni ma għandux jippreskrivi fid-dettall kif l-awtoritajiet nazzjonali jeħtiġilhom jistrutturaw, jgħaqqdu jew joperaw tali punti ta' kuntatt. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jibnu fuq l-istrutturi amministrattivi u l-għodod diġitali eżistenti, jevitaw id-duplikazzjoni u jadattaw il-proċeduri għas-sistemi legali u istituzzjonali nazzjonali tagħhom.

Emenda 161
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali stabbilit jew iddeżinjat skont il-paragrafu 1 għandu jkun il-punt uniku ta' kuntatt għall-iżviluppatur għall-valutazzjonijiet ambjentali skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jikkoordina u jiffaċilita s-sottomissjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni kollha rilevanti u għandu jinnotifika lill-promotur tal-proġett bl-eżitu tad-deċiżjoni komprensiva.	***imħassar***

Or. en

Emenda 162
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali stabbilit jew iddeżinjat skont il-paragrafu 1 għandu jkun il-punt uniku ta' kuntatt għall-iżviluppatur għall-valutazzjonijiet ambjentali skont dan ir-Regolament. Huwa	4. Il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali stabbilit jew iddeżinjat skont il-paragrafu 1 għandu jkun il-punt uniku ta' kuntatt għall-iżviluppatur għall-valutazzjonijiet ambjentali skont dan ir-Regolament. Huwa

għandu jikkoordina u jiffaċilita l-preżentazzjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni kollha rilevanti u għandu jinnotifika ***lill-promotur*** tal-proġett bl-eżitu tad-deċiżjoni komprensiva.	għandu jikkoordina u jiffaċilita l-preżentazzjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni kollha rilevanti u għandu jinnotifika ***lill-iżviluppatur*** tal-proġett bl-eżitu tad-deċiżjoni komprensiva***, inkluża l-konklużjoni motivata msemmija fl-Artikolu 2(2)***. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti involuti fil-proċeduri ta' skrinjar jew ta' valutazzjoni ambjentali jikkooperaw mal-punt uniku ta' kuntatt ambjentali u jipprovdulu l-informazzjoni meħtieġa biex jikkoordina l-fluss tax-xogħol proċedurali, jikkonsolida t-talbiet għall-informazzjoni u jikkomunika mal-iżviluppatur sal-iskadenzi applikabbli.***
	Or. en

Emenda 163
Paolo Inselvini, Sergio Berlato, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali stabbilit jew iddeżinjat skont il-paragrafu 1 għandu jkun il-punt uniku ta' kuntatt għall-iżviluppatur għall-valutazzjonijiet ambjentali skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jikkoordina u jiffaċilita l-preżentazzjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni kollha rilevanti u għandu jinnotifika lill-promotur tal-proġett bl-eżitu tad-deċiżjoni komprensiva.	4. Il-punt uniku ta' kuntatt ambjentali stabbilit jew iddeżinjat skont il-paragrafu 1 għandu jkun il-punt uniku ta' kuntatt għall-iżviluppatur għall-valutazzjonijiet ambjentali skont dan ir-Regolament. Huwa għandu jikkoordina u jiffaċilita l-preżentazzjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni kollha rilevanti u għandu jinnotifika lill-promotur tal-proġett bl-eżitu tad-deċiżjoni komprensiva. ***L-Istati Membri għandhom jevitaw li jintroduċu livelli amministrattivi jew proċedurali addizzjonali li mhumiex strettament meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.***
	Or. it

Emenda 164
Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4 bis. Għall-proġetti li jinvolvu sustanzi perikoluż i, faċilitajiet industrijali sensittivi, siti Seveso, attivitajiet kimiċi, riċiklaġġ industrijali jew riskji speċifiċi għas-saħħa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punt uniku ta' kuntatt għall-ambjent ikun jista' jimmobilizza għarfien espert xieraq fis-saħħa pubblika, it-tossikoloġija, is-sikurezza industrijali u l-prevenzjoni tar-riskju.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-punt uniku ta' kuntatt irid ikun għodda operazzjonali li kapaċi tikkoordina l-għarfien espert neċessarju, b'mod partikolari għal proġetti li jippreżentaw riskji għas-saħħa, kimiċi jew industrijali.

Emenda 165
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Peter Liese

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta d-dritt nazzjonali diġà jipprevedi l-konċentrazzjoni tar-responsabbiltajiet proċedurali f'awtorità kompetenti waħda, jew mekkaniżmu ta' koordinazzjoni ekwivalenti fi ħdan il-proċedura rilevanti tal-ippjanar jew tal-għoti tal-permessi, l-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt ambjentali addizzjonali. Tali arranġamenti nazzjonali għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tevita l-ħolqien ta' strutturi amministrattivi addizzjonali fejn l-Istati Membri diġà għandhom sistemi li jiffunzjonaw ta' konċentrazzjoni proċedurali jew mekkaniżmi ta' koordinazzjoni ekwivalenti.

Emenda 166
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta applikazzjoni tiġi sottomessa lil punt uniku ta' kuntatt li ma jkunx kompetenti għall-proġett ikkonċernat, il-punt uniku ta' kuntatt riċeventi għandu jibgħat l-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti fi żmien 10 ijiem ta' xogħol u jinforma lill-iżviluppatur kif xieraq.

Or. en

Emenda 167
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ ta' pjanijiet, programmi, jew proġetti li għalihom l-obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent jew skrinjar jirriżulta simultanjament minn kwalunkwe tnejn jew aktar mid-Direttivi msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċedura koordinata jew konġunta li tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' dawk id-Direttivi.	F'każ ta' pjanijiet, programmi, jew proġetti li għalihom l-obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent jew skrinjar jirriżulta simultanjament minn kwalunkwe tnejn jew aktar mid-Direttivi msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċedura koordinata jew konġunta li tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' dawk id-Direttivi***, filwaqt li jżommu r-rekwiżiti kollha taħt kull valutazzjoni intatti***.

Or. en

Emenda 168
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ ta' pjanijiet, programmi, jew proġetti li għalihom l-obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent jew skrinjar jirriżulta simultanjament minn kwalunkwe tnejn jew aktar mid-Direttivi msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċedura koordinata jew konġunta li tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' dawk id-Direttivi.	F'każ ta' pjanijiet, programmi, jew proġetti li għalihom l-obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent jew skrinjar jirriżulta simultanjament minn kwalunkwe tnejn jew aktar mid-Direttivi msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom ***ikunu jistgħu*** jistabbilixxu proċedura koordinata jew konġunta li tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' dawk id-Direttivi.

Or. en

Emenda 169
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ ta' pjanijiet, programmi, jew proġetti li għalihom l-obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent jew skrinjar jirriżulta simultanjament minn kwalunkwe tnejn jew aktar mid-Direttivi msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċedura ***koordinata jew*** konġunta li tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' dawk id-Direttivi.	F'każ ta' pjanijiet, programmi, jew proġetti li għalihom l-obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent jew skrinjar jirriżulta simultanjament minn kwalunkwe tnejn jew aktar mid-Direttivi msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċedura konġunta li tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' dawk id-Direttivi.

Or. en

Emenda 170
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skont il-proċedura koordinata msemmija fl-ewwel subparagrafu, awtorità kompetenti għandha tikkoordina d-diversi valutazzjonijiet individwali tal-impatt ambjentali ta' pjan, programm jew proġett partikolari meħtieġa mid-Direttivi rilevanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 171
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skont il-proċedura koordinata msemmija fl-ewwel subparagrafu, awtorità kompetenti għandha tikkoordina d-diversi valutazzjonijiet individwali tal-impatt ambjentali ta' pjan, programm jew proġett partikolari meħtieġa mid-Direttivi rilevanti.	Skont il-proċedura koordinata msemmija fl-ewwel subparagrafu, awtorità kompetenti għandha***, meta xieraq,*** tikkoordina d-diversi valutazzjonijiet individwali tal-impatt ambjentali ta' pjan, programm jew proġett partikolari meħtieġa mid-Direttivi rilevanti.

Or. en

Emenda 172
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skont il-proċedura konġunta msemmija fl-	Skont il-proċedura konġunta msemmija fl-

ewwel subparagrafu, awtorità kompetenti għandha tipprevedi valutazzjoni unika tal-impatt ambjentali ta' pjan, programm jew proġett partikolari meħtieġa mid-Direttivi rilevanti.

ewwel subparagrafu, ***meta rilevanti,*** awtorità kompetenti għandha tipprevedi valutazzjoni unika ***li tkopri l-elementi rilevanti kollha*** tal-impatt ambjentali ta' pjan, programm jew proġett partikolari meħtieġa mid-Direttivi rilevanti.

Or. en

Emenda 173
Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Letizia Moratti

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-applikazzjoni ta' proċeduri kkoordinati jew konġunti għandha tibqa' proporzjonata u ma għandhiex tirrikjedi, fl-istadju tal-valutazzjoni ambjentali ta' pjan jew programm, is-sottomissjoni ta' informazzjoni li tikkorrispondi għal livell ta' dettall li jista' jiġi pprovdut b'mod raġonevoli biss fil-livell tal-proġett.

Or. en

Emenda 174
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-koordinazzjoni u għall-kooperazzjoni fil-livell strateġiku u tal-proġett fost l-awtoritajiet kompetenti kollha tagħhom involuti fil-valutazzjonijiet ambjentali jew fl-iskrinjar ta' pjanijiet, programmi jew proġetti. Meta pjan, programm jew proġett ikun soġġett għal proċedura koordinata	2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-koordinazzjoni u għall-kooperazzjoni fil-livell strateġiku u tal-proġett fost l-awtoritajiet kompetenti kollha tagħhom involuti fil-valutazzjonijiet ambjentali jew fl-iskrinjar ta' pjanijiet, programmi jew proġetti. Meta pjan, programm jew proġett ikun soġġett għal proċedura koordinata

għall-valutazzjoni skont kemm id-Direttiva 2001/42/KE kif ukoll id-Direttiva 2011/92/UE, il-passi proċedurali skont dawk id-Direttivi ***għandhom*** jiġu kkombinati.

għall-valutazzjoni skont kemm id-Direttiva 2001/42/KE kif ukoll id-Direttiva 2011/92/UE, il-passi proċedurali skont dawk id-Direttivi ***jistgħu*** jiġu kkombinati.

Or. en

Emenda 175
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-koordinazzjoni u għall-kooperazzjoni fil-livell strateġiku u tal-proġett fost l-awtoritajiet kompetenti kollha tagħhom involuti fil-valutazzjonijiet ambjentali jew fl-iskrinjar ta' pjanijiet, programmi jew proġetti. Meta pjan, programm jew proġett ikun soġġett għal proċedura ***koordinata*** għall-valutazzjoni skont kemm id-Direttiva 2001/42/KE kif ukoll id-Direttiva 2011/92/UE, il-passi proċedurali skont dawk id-Direttivi għandhom jiġu kkombinati.	2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-koordinazzjoni u għall-kooperazzjoni fil-livell strateġiku u tal-proġett fost l-awtoritajiet kompetenti kollha tagħhom involuti fil-valutazzjonijiet ambjentali jew fl-iskrinjar ta' pjanijiet, programmi jew proġetti. Meta pjan, programm jew proġett ikun soġġett għal proċedura ***konġunta*** għall-valutazzjoni skont kemm id-Direttiva 2001/42/KE kif ukoll id-Direttiva 2011/92/UE, il-passi proċedurali skont dawk id-Direttivi għandhom jiġu kkombinati.

Or. en

Emenda 176
Flavio Tosi, Massimiliano Salini, Letizia Moratti

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta proġett ikun inkluż fi pjan jew programm soġġett għal valutazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/42/KE, ir-riżultati ta' dik il-valutazzjoni

għandhom jitqiesu kif xieraq fi proċeduri sussegwenti fil-livell tal-proġett u ma għandhomx jiġu vvalutati mill-ġdid jew idduplikati f'valutazzjonijiet ambjentali sussegwenti skont id-Direttiva 2011/92/UE. Dawk ir-riżultati għandhom jiġu ssupplimentati biss b'valutazzjonijiet dettaljati ulterjuri, li għandhom jiġu sottomessi lill-awtoritajiet ambjentali settorjali rilevanti għal rieżami, sabiex jiġu eżaminati elementi addizzjonali speċifiċi għall-proġett relatati mal-istadji differenti tal-proġett li ma kinux, u ma setgħux raġonevolment jiġu vvalutati fil-livell tal-pjan jew tal-programm.

Or. en

Emenda 177
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu organizzati proċeduri konġunti f'konformità mal-prinċipju ta' darba biss, sabiex l-iżviluppatur ma jkunx meħtieġ jissottometti l-istess informazzjoni jew dokumenti aktar minn darba meta tali informazzjoni jew dokumenti jkunu diġà ġew sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti involuti fil-proċedura, jew ikunu disponibbli għalihom. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għat-talbiet għal aġġornamenti, kjarifiki jew informazzjoni addizzjonali li huma meħtieġa għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 178
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'każ ta' pjanijiet, programmi, jew proġetti li għalihom l-obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent jirriżulta simultanjament minn tnejn jew aktar mid-Direttivi msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom joħorġu opinjoni unika waħda dwar il-kamp ta' applikazzjoni u dwar il-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapport ta' valutazzjoni ambjentali.	3. F'każ ta' pjanijiet, programmi, jew proġetti li għalihom l-obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent jirriżulta simultanjament minn tnejn jew aktar mid-Direttivi msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom joħorġu opinjoni unika waħda dwar il-kamp ta' applikazzjoni u dwar il-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapport ta' valutazzjoni ambjentali. ***Meta tinħareġ tali opinjoni unika, din għandha tiddistingwi, fejn meħtieġ, bejn il-kamp ta' applikazzjoni u l-livell ta' dettall differenti meħtieġa għal kull valutazzjoni rilevanti u ma għandhiex tirrikjedi informazzjoni lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-valutazzjoni kkonċernata.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Valutazzjonijiet paralleli jistgħu jirrikjedu livelli differenti ta' dettall. Opinjoni unika dwar l-ambitu ma għandhiex tagħmel l-aktar proċedura dettaljata stabbilita bħala l-istandard għall-valutazzjonijiet kollha. Din l-emenda tipprevjeni d-determinazzjoni żejda tal-kamp ta' applikazzjoni filwaqt li tippreżerva l-koordinazzjoni.

Emenda 179
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. F'każ ta' pjanijiet, programmi, jew proġetti li għalihom l-obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent jirriżulta simultanjament minn tnejn jew aktar mid-Direttivi msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom joħorġu	3. F'każ ta' pjanijiet, programmi, jew proġetti li għalihom l-obbligu li jitwettqu valutazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent jirriżulta simultanjament minn tnejn jew aktar mid-Direttivi msemmija fl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri għandhom joħorġu

opinjoni unika waħda dwar il-kamp ta' applikazzjoni u dwar il-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapport ta' valutazzjoni ambjentali.	opinjoni unika waħda dwar il-kamp ta' applikazzjoni u dwar il-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapport ta' valutazzjoni ambjentali. ***Madankollu, jekk l-obbligu simultanju jikkonċerna d-Direttivi 2011/92/UE u 2001/42/KE, l-Istati Membri jistgħu joħorġu opinjoni waħda dwar il-kamp ta' applikazzjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'kull pajjiż, l-opinjoni unika dwar il-kamp ta' applikazzjoni għall-VIA u l-VAS mhijiex fattibbli. L-ebda awtorità ma tista' tingħata tali setgħa li toħroġ opinjoni waħda f'xi sistema leġiżlattiva fejn il-muniċipalità tirregola l-ippjanar tal-użu tal-art inkluża l-VAS tagħha.

Emenda 180
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Peter Liese

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta proġett ikun soġġett għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont l-Artikoli 5 sa 10 tad-Direttiva 2011/92/UE u, fl-istess ħin, jikkostitwixxi attività industrijali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li d-dokumentazzjoni sottomessa għall-finijiet tad-Direttiva 2010/75/UE għandha sservi wkoll bħala r-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali meħtieġ skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2011/92/UE. Dan għandu japplika biss meta l-proġett jiġi vvalutat permezz ta' proċedura integrata tal-għoti tal-permessi li tkopri kemm ir-rekwiżiti relatati mal-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis skont id-Direttiva 2010/75/UE kif ukoll il-fatturi ambjentali rilevanti msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/92/UE. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti

għandha tiżgura li dawk il-fatturi jiġu eżaminati, ivvalutati u jitqiesu kif xieraq qabel ma tiġi adottata d-deċiżjoni ta' approvazzjoni. Barra minn hekk, l-iżviluppatur għandu jissottometti sommarju mhux tekniku tad-dokumentazzjoni tal-applikazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment seeks to avoid unnecessary duplication where a project is subject both to Directive 2010/75/EU and to Directive 2011/92/EU. In such cases, the information required for an integrated permitting procedure may already cover the environmental factors relevant under Article 3 of Directive 2011/92/EU, provided that those factors are duly identified, assessed and taken into account before the approval decision is adopted. Requiring a separate environmental impact assessment report in addition to the documentation submitted under Directive 2010/75/EU may therefore create an additional procedural layer without necessarily improving the substantive assessment of environmental effects. Allowing the same documentation to serve both purposes, where the relevant EIA requirements are fully covered, reduces administrative burden, lowers costs for operators and competent authorities, and accelerates permitting procedures while maintaining the level of environmental protection required under Union law. The amendment preserves the safeguards of Directive 2011/92/EU by requiring that all relevant environmental factors are examined within the integrated procedure and that a non-technical summary is provided.

Emenda 181
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Peter Liese

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-pubbliku kkonċernat mill-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali relatata ma' pjan, programm jew proġett soġġett għal valutazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 fl-istess ħin li jikkonsultaw lill-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati minn dak il-pjan, programm jew proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom jew il-kompetenzi lokali u reġjonali msemmija fl-Artikolu 6(2) tad-	4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-pubbliku kkonċernat mill-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali relatata ma' pjan, programm jew proġett soġġett għal valutazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 fl-istess ħin li jikkonsultaw lill-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati minn dak il-pjan, programm jew proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom jew il-kompetenzi lokali u reġjonali msemmija fl-Artikolu 6(2) tad-

Direttiva 2001/42/KE u fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2011/92/UE.	Direttiva 2001/42/KE u fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2011/92/UE. ***Dan il-paragrafu ma għandux jirrikjedi li l-Istati Membri jintroduċu konsultazzjoni pubblika addizzjonali fl-istadju tal-iskrinjar jew tad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni fejn il-parteċipazzjoni pubblika tiġi żgurata fil-proċedura ewlenija tal-ippjanar jew tal-għoti tal-permessi f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE jew mad-Direttiva 2001/42/KE, kif applikabbli.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-parteċipazzjoni pubblika trid tibqa' effettiva u tikkonforma mad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, ir-Regolament ma għandux joħloq stadji addizzjonali ta' konsultazzjoni fejn il-parteċipazzjoni pubblika hija diġà żgurata fi ħdan il-proċedura ewlenija. Konsultazzjoni obbligatorja addizzjonali fl-istadju tal-iskrinjar jew tad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tirriskja li żżid il-kumplessità proċedurali mingħajr ma ttejjeb il-protezzjoni ambjentali.

Emenda 182
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-pubbliku kkonċernat mill-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali relatata ma' pjan, programm jew proġett soġġett għal valutazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 fl-istess ħin li jikkonsultaw lill-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati minn dak il-pjan, programm jew proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom jew il-kompetenzi lokali u reġjonali msemmija fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2001/42/KE u fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2011/92/UE.	4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jagħmlu ħilithom biex*** jikkonsultaw lill-pubbliku kkonċernat mill-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali relatata ma' pjan, programm jew proġett soġġett għal valutazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 fl-istess ħin li jikkonsultaw lill-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati minn dak il-pjan, programm jew proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom jew il-kompetenzi lokali u reġjonali msemmija fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2001/42/KE u fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2011/92/UE.

Or. en

Emenda 183
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-pubbliku kkonċernat mill-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali relatata ma' pjan, programm jew proġett soġġett għal valutazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 fl-istess ħin li jikkonsultaw lill-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati minn dak il-pjan, programm jew proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom jew il-kompetenzi lokali u reġjonali msemmija fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2001/42/KE u fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2011/92/UE.	4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-pubbliku kkonċernat mill-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali ***f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus,*** relatata ma' pjan, programm jew proġett soġġett għal valutazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 fl-istess ħin li jikkonsultaw lill-awtoritajiet li x'aktarx ikunu kkonċernati minn dak il-pjan, programm jew proġett minħabba r-responsabbiltajiet ambjentali speċifiċi tagħhom jew il-kompetenzi lokali u reġjonali msemmija fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2001/42/KE u fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2011/92/UE.

Or. en

Emenda 184
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jiġu magħmula disponibbli għall-iżviluppaturi għat-tħejjija tar-rapporti ambjentali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/92/UE fi skeda ta' żmien raġonevoli, filwaqt li jirrispettaw il-	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jiġu magħmula disponibbli għall-iżviluppaturi għat-tħejjija tar-rapporti ambjentali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/92/UE fi skeda ta' żmien raġonevoli, filwaqt li jirrispettaw il-

limitazzjonijiet fir-rigward tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, inklużi l-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardja tal-interess pubbliku. ***Meta jkun qed iħejji rapport ta' valutazzjoni ambjentali, l-iżviluppatur ta' proġett għandu jitħalla juża data jew informazzjoni li jkollha sa massimu ta' 5 snin, dment li d-data fir-rapport tqis l-objettivi ta' konservazzjoni speċifiċi għas-sit tas-siti ta' Natura 2000 fejn ma tkunx disponibbli data rilevanti aktar reċenti, u li l-kundizzjonijiet ambjentali li fihom tkun inġabret id-data ma jkunux inbidlu sostanzjalment b'mod li x'aktarx jinfluwenza l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.***	limitazzjonijiet fir-rigward tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, inklużi l-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardja tal-interess pubbliku.
	Or. en

Emenda 185
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jiġu magħmula disponibbli għall-iżviluppaturi għat-tħejjija tar-rapporti ambjentali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/92/UE fi skeda ta' żmien raġonevoli, filwaqt li jirrispettaw il-limitazzjonijiet fir-rigward tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, inklużi l-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardja tal-interess pubbliku. Meta jkun qed iħejji rapport ta' valutazzjoni ambjentali, l-iżviluppatur ta' proġett għandu jitħalla juża data jew informazzjoni li jkollha sa massimu ta' 5 snin, dment li d-data fir-rapport tqis l-objettivi ta' konservazzjoni	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jiġu magħmula disponibbli għall-iżviluppaturi għat-tħejjija tar-rapporti ambjentali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/92/UE fi skeda ta' żmien raġonevoli, filwaqt li jirrispettaw il-limitazzjonijiet fir-rigward tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, inklużi l-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardja tal-interess pubbliku***, inklużi r-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali li jirrestringu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar l-ispeċijiet protetti, is-sigurtà nazzjonali, id-difiża, is-sikurezza pubblika jew l-infrastruttura kritika***. Meta jkun qed iħejji

speċifiċi għas-sit tas-siti ta' Natura 2000 fejn ma tkunx disponibbli data rilevanti aktar reċenti, u li l-kundizzjonijiet ambjentali li fihom tkun inġabret id-data ma jkunux inbidlu sostanzjalment b'mod li x'aktarx jinfluwenza l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.

rapport ta' valutazzjoni ambjentali, l-iżviluppatur ta' proġett għandu jitħalla juża data jew informazzjoni li jkollha sa massimu ta' 5 snin, dment li d-data fir-rapport tqis l-objettivi ta' konservazzjoni speċifiċi għas-sit tas-siti ta' Natura 2000 fejn ma tkunx disponibbli data rilevanti aktar reċenti, u li l-kundizzjonijiet ambjentali li fihom tkun inġabret id-data ma jkunux inbidlu sostanzjalment b'mod li x'aktarx jinfluwenza l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu mill-ġdid tad-data ambjentali jista' jnaqqas id-duplikazzjoni, iżda d-data sensittiva trid tibqa' protetta. Din l-emenda tiżgura li l-kondiviżjoni tad-data skont l-Artikolu 4 ma tipprevalix fuq ir-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità, l-ispeċijiet protetti, is-sigurtà jew id-difiża.

Emenda 186
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jiġu magħmula disponibbli għall-iżviluppaturi għat-tħejjija tar-rapporti ambjentali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/92/UE fi skeda ta' żmien raġonevoli, filwaqt li jirrispettaw il-limitazzjonijiet fir-rigward tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, inklużi l-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardja tal-interess pubbliku. Meta jkun qed iħejji rapport ta' valutazzjoni ambjentali, l-iżviluppatur ta' proġett għandu jitħalla juża data jew informazzjoni li jkollha sa	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jiġu magħmula disponibbli għall-iżviluppaturi għat-tħejjija tar-rapporti ambjentali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/92/UE fi skeda ta' żmien raġonevoli, filwaqt li jirrispettaw il-limitazzjonijiet fir-rigward tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, inklużi l-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardja tal-interess pubbliku. Meta jkun qed iħejji rapport ta' valutazzjoni ambjentali, l-iżviluppatur ta' proġett għandu jitħalla juża data jew informazzjoni li jkollha sa

massimu ta’ 5 snin, dment li d-data fir-rapport tqis l-objettivi ta’ konservazzjoni speċifiċi għas-sit tas-siti ta’ Natura 2000 fejn ***ma tkunx disponibbli data*** rilevanti ***aktar reċenti***, u li l-kundizzjonijiet ambjentali li fihom tkun inġabret id-data ma jkunux inbidlu sostanzjalment b’mod li x’aktarx jinfluwenza l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.

massimu ta’ 5 snin, dment li d-data fir-rapport tqis l-objettivi ta’ konservazzjoni speċifiċi għas-sit tas-siti ta’ Natura 2000 fejn rilevanti, u li l-kundizzjonijiet ambjentali li fihom tkun inġabret id-data ma jkunux inbidlu sostanzjalment b’mod li x’aktarx jinfluwenza l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali. ***L-iżviluppatur għandu jitħalla juża data diġà miġbura għal valutazzjonijiet ambjentali oħra.***

Or. en

Emenda 187
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Peter Liese

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta’ valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jiġu magħmula disponibbli ***għall-iżviluppaturi għat-tħejjija tar-rapporti*** ambjentali ***tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/92/UE*** fi skeda ta’ żmien raġonevoli, filwaqt li jirrispettaw il-limitazzjonijiet fir-rigward tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, inklużi l-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardja tal-interess pubbliku. Meta jkun qed iħejji rapport ta’ valutazzjoni ambjentali, l-iżviluppatur ta’ proġett għandu jitħalla juża data jew informazzjoni li jkollha sa massimu ta’ 5 snin, dment li d-data fir-rapport tqis l-objettivi ta’ konservazzjoni speċifiċi għas-sit tas-siti ta’ Natura 2000 fejn ma tkunx disponibbli data rilevanti aktar reċenti, u li l-kundizzjonijiet ambjentali li fihom tkun inġabret id-data ma jkunux inbidlu sostanzjalment b’mod li x’aktarx jinfluwenza l-valutazzjoni tal-	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta’ valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jiġu magħmula disponibbli ***bil-ħsieb li tiġi evitata d-duplikazzjoni billi l-informazzjoni rilevanti tkun tista’ tintuża fil-valutazzjonijiet*** ambjentali ***mwettqa fl-istess proċeduri ta’ ppjanar jew ta’ għoti tal-permessi jew fi proċeduri oħra*** fi skeda ta’ żmien raġonevoli, filwaqt li jirrispettaw il-limitazzjonijiet fir-rigward tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, inklużi l-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardja tal-interess pubbliku. Meta jkun qed iħejji rapport ta’ valutazzjoni ambjentali, l-iżviluppatur ta’ proġett għandu jitħalla juża data jew informazzjoni li jkollha sa massimu ta’ 5 snin, dment li d-data fir-rapport tqis l-objettivi ta’ konservazzjoni speċifiċi għas-sit tas-siti ta’ Natura 2000 fejn ma tkunx disponibbli data rilevanti aktar reċenti, u li l-kundizzjonijiet ambjentali li fihom tkun inġabret id-data ma jkunux inbidlu sostanzjalment b’mod li

impatt ambjentali.	x'aktarx jinfluwenza l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ttejjeb l-aċċess għar-riżultati tal-valutazzjonijiet ambjentali billi tiżgura li l-informazzjoni rilevanti tkun tista' ssir disponibbli aktar faċilment u tintuża b'mod aktar effettiv fi proċeduri sussegwenti.

Emenda 188
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jiġu magħmula disponibbli għall-iżviluppaturi għat-tħejjija tar-rapporti ambjentali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/92/UE fi skeda ta' żmien raġonevoli, filwaqt li jirrispettaw il-limitazzjonijiet fir-rigward tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, inklużi l-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardja tal-interess pubbliku. Meta jkun qed iħejji rapport ta' valutazzjoni ambjentali, l-iżviluppatur ta' proġett għandu jitħalla juża data jew informazzjoni li jkollha sa massimu ta' ***5*** snin, dment li d-data fir-rapport tqis l-objettivi ta' konservazzjoni speċifiċi għas-sit tas-siti ta' Natura 2000 fejn ma tkunx disponibbli data rilevanti aktar reċenti, u li l-kundizzjonijiet ambjentali li fihom tkun inġabret id-data ma jkunux inbidlu sostanzjalment b'mod li x'aktarx jinfluwenza l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jiġu magħmula disponibbli għall-iżviluppaturi għat-tħejjija tar-rapporti ambjentali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/92/UE fi skeda ta' żmien raġonevoli, filwaqt li jirrispettaw il-limitazzjonijiet fir-rigward tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, inklużi l-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardja tal-interess pubbliku. Meta jkun qed iħejji rapport ta' valutazzjoni ambjentali, l-iżviluppatur ta' proġett għandu jitħalla juża data jew informazzjoni li jkollha sa massimu ta' ***3*** snin, dment li d-data fir-rapport tqis l-objettivi ta' konservazzjoni speċifiċi għas-sit tas-siti ta' Natura 2000 fejn ma tkunx disponibbli data rilevanti aktar reċenti, u li l-kundizzjonijiet ambjentali li fihom tkun inġabret id-data ma jkunux inbidlu sostanzjalment b'mod li x'aktarx jinfluwenza l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.

Or. en

Emenda 189
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jiġu magħmula disponibbli għall-iżviluppaturi għat-tħejjija tar-rapporti ambjentali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/92/UE fi skeda ta' żmien raġonevoli, filwaqt li jirrispettaw il-limitazzjonijiet fir-rigward tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, inklużi l-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardja tal-interess pubbliku. Meta jkun qed iħejji rapport ta' valutazzjoni ambjentali, l-iżviluppatur ta' proġett għandu jitħalla juża data jew informazzjoni ***li jkollha sa massimu ta' 5 snin***, dment li d-data fir-rapport tqis l-objettivi ta' konservazzjoni speċifiċi għas-sit tas-siti ta' Natura 2000 fejn ma tkunx disponibbli data rilevanti aktar reċenti, u li l-kundizzjonijiet ambjentali li fihom tkun inġabret id-data ma jkunux inbidlu sostanzjalment b'mod li x'aktarx jinfluwenza l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' valutazzjonijiet ambjentali rilevanti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali jiġu magħmula disponibbli għall-iżviluppaturi għat-tħejjija tar-rapporti ambjentali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/92/UE fi skeda ta' żmien raġonevoli, filwaqt li jirrispettaw il-limitazzjonijiet fir-rigward tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, inklużi l-proprjetà intellettwali, il-protezzjoni tad-data u s-salvagwardja tal-interess pubbliku. Meta jkun qed iħejji rapport ta' valutazzjoni ambjentali, l-iżviluppatur ta' proġett għandu jitħalla juża data jew informazzjoni, dment li d-data fir-rapport tqis l-objettivi ta' konservazzjoni speċifiċi għas-sit tas-siti ta' Natura 2000 fejn ma tkunx disponibbli data rilevanti aktar reċenti, u li l-kundizzjonijiet ambjentali li fihom tkun inġabret id-data ma jkunux inbidlu sostanzjalment b'mod li x'aktarx jinfluwenza l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-data jew l-informazzjoni li l-iżviluppaturi tal-proġetti jitħallew jużaw ma għandhiex tkun limitata għal ċertu perjodu ta' żmien, speċjalment data li ma tinbidilx ta' spiss, eż. ġeoloġija, tbassir tal-għargħar, eċċ. iżda wkoll data li tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija għal raġunijiet oħra.

Emenda 190
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 4 - paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Meta proġett ikun jikkonsisti f'diversi xogħlijiet ta' kostruzzjoni, installazzjonijiet jew skemi, jew interventi oħra fil-madwar u l-pajsaġġ naturali, u meta dawk ix-xogħlijiet jew l-interventi jkollhom objettivi ewlenin distinti jew ikunu funzjonalment separabbli, inkluż meta jkunu jistgħu jiġu żviluppati, awtorizzati jew implimentati b'mod indipendenti minn xulxin, kull wieħed minnhom jista' jkun soġġett għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali anqas kumplessa tiegħu stess, b'mod partikolari meta valutazzjoni waħda għall-proġett kollu kemm hu tkun sproporzjonata jew imprattikabbli fid-dawl tal-iskala, il-kumplessità, id-dispersjoni ġeografika, it-tqassim f'fażijiet, jew l-għadd ta' żviluppaturi jew awtoritajiet kompetenti involuti. Din il-possibbiltà ma għandhiex twassal biex il-proġett jinqasam sa tali punt li x-xogħlijiet jew l-interventi kkonċernati, meta jittieħdu flimkien, jaħarbu mill-obbligu li titwettaq valutazzjoni meta x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent, u għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti relatati mal-kunsiderazzjoni tal-effetti kumulattivi, kif stabbilit fl-Anness IV, il-paragrafu 5(e), tad-Direttiva 2011/92/UE.

Or. en

Emenda 191
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Peter Liese

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Id-data u l-informazzjoni użati għall-finijiet ta' deċiżjoni ta' approvazzjoni għandhom ikunu preżunti li huma kurrenti biżżejjed meta jkunu nkisbu fi żmien 7 snin qabel dik id-deċiżjoni. L-awtorità kompetenti għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq tali data u informazzjoni ħlief jekk, abbażi tal-valutazzjoni tagħha stess jew osservazzjonijiet sostanzjati sottomessi matul konsultazzjonijiet pubbliċi jew tal-awtorità, ikun hemm indikazzjonijiet konkreti li ċ-ċirkostanzi rilevanti nbidlu materjalment u li tali bidla tista' taffettwa l-eżitu tal-proċedura ta' approvazzjoni. Għall-installazzjonijiet tal-enerġija eolika fuq l-art, il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun ta' 5 snin. Id-data u l-informazzjoni miksuba qabel l-iskadenza tal-perjodi msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi jistgħu jiġu invokati wkoll meta l-awtorità kompetenti tkun tista' tikkonkludi b'mod raġonevoli li ċ-ċirkostanzi rilevanti jibqgħu applikabbli, b'mod partikolari meta n-natura tad-data jew tal-informazzjoni kkonċernata ma tissuġġerix li x'aktarx ikunu seħħew bidliet sinifikanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tipprovdi ċertezza legali dwar il-validità temporali tad-data u l-informazzjoni użati fil-proċeduri tal-valutazzjoni ambjentali u tal-għoti tal-permessi. L-awtoritajiet kompetenti u l-iżviluppaturi tal-proġetti jeħtieġu punt ta' referenza ċar biex jiddeterminaw meta d-data eżistenti tista' tkompli tiġi invokata u meta tkun meħtieġa informazzjoni aġġornata.

Emenda 192
Jessika van Leeuwen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-koordinazzjoni jew il-kombinazzjoni tal-proċeduri skont dan l-Artikolu għandha tikkonċerna biss il-valutazzjonijiet meħtieġa skont id-Direttivi msemmija fl-Artikolu 1(1). Din ma għandhiex testendi dawk l-obbligi ta' valutazzjoni għal miżura adottata skont att ieħor tal-Unjoni, jew ma għandhiex tinvolvi rivalutazzjoni tal-validità tagħha, inkluża miżura li tkun ġiet inkluża bħala miżura bażika skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2000/60/KE. Il-kriterji u l-kundizzjonijiet li jirregolaw tali miżura għandhom ikomplu jiġu ddeterminati mill-att li fuq il-bażi tiegħu tkun ġiet adottata.

Or. nl

Emenda 193
Sander Smit, Geadis Geadi, Aurelijus Veryga

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Għall-iskrinjar u l-valutazzjoni xierqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE, għandu jkun hemm preżunzjoni konfutabbli rigward il-probabbiltà li pjan jew proġett ikollu effett sinifikanti, li jwassal għall-preżunzjoni li:
	(i) valutazzjoni xierqa hija meħtieġa biss għal proġetti, jew pjanijiet li jipprevedu proġetti, li jaqgħu taħt l-Artikolu 4(1) flimkien mal-Anness I tad-Direttiva 2011/92/UE;
	(ii) skrinjar huwa meħtieġ biss għal proġetti, jew pjanijiet li jipprevedu proġetti, li jaqgħu taħt l-Artikolu 4(2) flimkien mal-Anness II tad-Direttiva 2011/92/UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Under Article 6(3) of the Habitats Directive, an appropriate assessment is required whenever significant effects on a Natura 2000 site cannot be ruled out. However, the Directive itself does not define what constitutes a "significant" effect. As a consequence, Member States have developed widely diverging approaches regarding screening thresholds and significance determinations. In practice, this has resulted in substantial differences in administrative burdens, permitting timelines and legal certainty across the European Union. In the Netherlands, even negligible nitrogen emissions trigger extensive project-level assessments and litigation following court rulings.

Emenda 194
Paolo Inselvini, Sergio Berlato, Stefano Cavedagna

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5 bis. L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ma għandhiex twassal biex l-Istati Membri jintroduċu jew iżommu proċeduri amministrattivi jew restrizzjonijiet proċedurali addizzjonali li jdgħajfu l-objettiv tas-simplifikazzjoni u l-koordinazzjoni tal-valutazzjonijiet ambjentali. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni ma jippreveduxlivelli multipli ta' valutazzjoni ambjentali għall-istess proġett, u lanqas kundizzjonijiet ta' inammissibbiltà minn qabel li mhumiex previsti fid-dritt tal-Unjoni.

Or. it

Emenda 195
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-miżuri ta' razzjonalizzazzjoni ma jnaqqsux l-opportunitajiet għal parteċipazzjoni pubblika effettiva, aċċess għall-informazzjoni ambjentali, jew aċċess għall-ġustizzja.

Or. en

Emenda 196
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Peter Liese

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Għall-proċeduri tal-għoti tal-permessi li jikkonċernaw proġetti tal-grilja tal-enerġija, proġetti tal-enerġija rinnovabbli, installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE u proġetti tat-trasport, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-informazzjoni ambjentali sottomessa minn partijiet terzi wara skadenza proċedurali speċifikata ma għandhiex tibqa' titqies mill-awtorità kompetenti. Tali skadenza għandha tiġi ddeterminata minn qabel u ma għandhiex tkun aktar kmieni minn 30 jum wara t-tlestija tal-konsultazzjonijiet pubbliċi u tal-awtoritajiet imwettqa f'konformità mal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2011/92/UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija maħsuba biex tagħmel il-proċeduri tal-għoti tal-permessi aktar prevedibbli u effiċjenti billi tippermetti lill-Istati Membri jiddefinixxu skadenza proċedurali finali għas-sottomissjoni tal-informazzjoni ambjentali. Tali skadenza tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jagħlqu l-fażi ta' ġbir ta' informazzjoni tal-proċedura u jipproċedu għall-istadju ta'

valutazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet abbażi ta' fajl stabbilit b'mod ċar.

Emenda 197
Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Il-koordinazzjoni jew il-kombinazzjoni ta' proċeduri skont dan l-Artikolu għandha tikkonċerna biss il-valutazzjonijiet meħtieġa skont id-direttivi msemmija fl-Artikolu 1(1). La għandha testendi dawk l-obbligi ta' valutazzjoni għal, u lanqas ma għandha tinvolvi xi valutazzjoni mill-ġdid tal-validità ta', miżura adottata skont att ieħor tal-Unjoni, inkluża miżura stabbilita bħala miżura bażika skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2000/60/KE. Il-kriterji u l-kondizzjonijiet applikabbli għal tali miżura għandhom jibqgħu jiġu ddeterminati mill-att li taħtu tkun ġiet adottata.

Or. en

Emenda 198
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Peter Liese

Proposta għal regolament
Artikolu 4 - paragrafu 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5c. L-użu mill-ġdid ta' studji, rapporti, data jew informazzjoni ambjentali eżistenti għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali, il-protezzjoni tad-data u, fejn rilevanti, il-kumpens ġust. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni

kummerċjalment sensittiva tkun protetta f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu mill-ġdid tal-informazzjoni ambjentali jista' jnaqqas id-duplikazzjoni u jħaffef il-proċeduri. Fl-istess ħin, tali użu mill-ġdid irid jirrispetta d-drittijiet proprjetarji, il-kunfidenzjalità u l-interessi kummerċjali leġittimi sabiex ikun legalment fattibbli u prattikament applikabbli.

Emenda 199
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Armonizzazzjoni tal-proċessi tal-għoti tal-permessi
	Għall-proġetti msemmija f'dan ir-Regolament, il-perkors proċedurali uniku għandu jkopri l-permessi amministrattivi rilevanti kollha meħtieġa biex jinbena u jitħaddem il-proġett u, fejn meħtieġ, il-valutazzjonijiet ambjentali, u għandu jinkludi l-applikazzjonijiet u l-proċeduri kollha mir-rikonoxximent li l-applikazzjoni hija kompluta san-notifika tad-deċiżjoni komprensiva dwar l-eżitu tal-proċedura mill-punt uniku ta' kuntatt ikkonċernat.
	Il-proċess tal-għoti tal-permessi li jinkludi valutazzjonijiet ambjentali għall-proġetti strateġiċi elenkati fl-Artikolu 14 ma għandux jaqbeż it-18-il xahar.
	F'każijiet speċjali, meta n-natura, il-kumplessità, il-post, id-daqs tal-proġett ikunu jirrikjedu dan jew fuq talba tal-applikant, Stat Membru jista' jestendi darba l-limitu ta' żmien imsemmi fit-tieni

subparagrafu b'massimu ta' 6 xhur qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ, fi żmien 6 xhur mill-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi.

Meta Stat Membru jidhirlu li l-proġett propost iqajjem riskji eċċezzjonali għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jew tal-popolazzjoni ġenerali, u fejn ikun meħtieġ żmien addizzjonali biex jiġi stabbilit li ttieħdu miżuri li jindirizzaw riskji identifikabbli, dan jista' jestendi l-limiti ta' żmien imsemmija b'6 xhur, fi żmien 6 xhur mill-bidu tal-proċess tal-għoti tal-permessi.

Meta tkun meħtieġa valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE, it-tħejjija tal-valutazzjoni ambjentali mill-iżviluppatur tal-proġett imsemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (g)(i), ta' dik id-Direttiva ma għandhiex tiġi inkluża fid-durata tal-proċess tal-ħruġ tal-permessi msemmi fit-tieni subparagrafu.

Or. en

Emenda 200
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Evitar ta' obbligi ta' valutazzjoni ambjentali li jikkoinċidu
	Fejn
	(a) tkun saret valutazzjoni ambjentali strateġika skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/42/KE għal pjan jew programm li jawtorizza espressament l-istabbiliment ta' installazzjoni, u
	(b) dik l-installazzjoni tirrikjedi permess skont id-Direttiva 2010/75/UE, ma

għandha tkun meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE għal dik l-installazzjoni, dment li l-valutazzjoni ambjentali strateġika tkun eżaminat l-effetti ambjentali tat-tip ta' installazzjoni kkonċernata, inklużi n-natura, l-iskala, il-post u l-emissjonijiet prinċipali tagħha, u li l-awtorità kompetenti tikkonferma bil-miktub li dawk il-kundizzjonijiet huma ssodisfati qabel il-bidu tal-proċedura tal-għoti tal-permessi tal-IED.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta VAS tkun diġà vvalutat l-effetti ambjentali ta' pjan jew programm u permess tal-IED jimponi kundizzjonijiet ambjentali vinkolanti speċifiċi għall-installazzjoni, VIA separata fil-livell tal-proġett tista' tidduplika l-valutazzjonijiet diġà mwettqa. Din l-emenda tnaqqas id-duplikazzjoni proċedurali bla bżonn filwaqt li żżomm l-iskrutinju ambjentali kemm fl-istadju tal-ippjanar kif ukoll f'dak tal-għoti tal-permessi.

Emenda 201
Jeannette Baljeu, Olivier Chastel, Christine Singer, Engin Eroglu, Ana Vasconcelos, Ilhan Kyuchyuk, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom	1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni ***u t-tnaqqis tal-emissjonijiet, inklużi l-emissjonijiet tan-nitroġenu***, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar***, inkluż skrinjar fil-kuntest tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE,*** mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent ***jew fuq is-sit ikkonċernat***. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom

fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali.	ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali. ***Meta l-iskrinjar jitwettaq fil-kuntest tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u jikkonċerna modifika ta' proġett legali eżistenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-effetti probabbli ta' dik il-modifika b'referenza għas-sitwazzjoni tal-linja bażi legali u għandhom iqisu l-karatteristiċi tal-proġett, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet, li huma direttament marbuta mal-proġett li qed jiġi vvalutat u inerenti fih. Valutazzjoni xierqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE għandha tkun meħtieġa biss meta, abbażi ta' informazzjoni oġġettiva speċifika għas-sit u fid-dawl tal-objettivi ta' konservazzjoni tas-sit ikkonċernat, l-effetti sinifikanti probabbli fuq dak is-sit ma jkunux jistgħu jiġu esklużi, la individwalment u lanqas flimkien ma' pjanijiet jew proġetti oħra.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment clarifies how changes or extensions of existing projects should be assessed where they contribute to decarbonisation or emission reduction, including the reduction of nitrogen emissions. It ensures that, at screening stage, competent authorities assess the modification against the lawful baseline situation rather than treating it as an entirely new project in isolation. Where the modification reduces the relevant environmental pressure compared to that baseline, this should be taken into account when determining whether likely significant effects can be excluded. The amendment does not exempt projects from Article 6(3) of the Habitats Directive. Screening remains required, including for cumulative effects, and an appropriate assessment remains mandatory where likely significant effects on a Natura 2000 site cannot be excluded on the basis of objective site-specific information. The amendment therefore creates legal certainty for genuine sustainability improvements, while preserving the full protection of Natura 2000 sites.

Emenda 202
Jutta Paulus

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti***, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni,*** għandhom ikunu soġġetti ***biss*** għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk ***humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom*** ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali ***biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti*** tagħhom fuq l-ambjent, ***dawk ippreżentati mill-proġett*** oriġinali.	1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti ***ma għandhomx ikunu soġġetti direttament għal valutazzjoni ambjentali u l-ewwel*** għandhom ikunu soġġetti għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk ***għandhomx*** ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali ***minħabba l-effetti sinifikanti probabbli*** tagħhom fuq l-ambjent, ***waħedhom jew flimkien mal-proġetti oriġinali u kwalunkwe bidla jew estensjoni oħra awtorizzata qabel għall-istess proġett, meta:***
	(a) il-proġett oriġinali ***kien soġġett għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/92/UE jew skrinjar li għalih l-iżviluppatur ipprovda l-informazzjoni elenkata fl-Anness IIA tad-Direttiva 2011/92/UE;***
	(b) jekk ikun meħtieġ għall-proġett oriġinali, il-permess ambjentali jkun għadu validu;
	(c) il-bidliet jew l-estensjonijiet fihom infushom ma jilħqux il-limiti, jekk ikun hemm, stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2011/92/UE;
	(d) il-proġett jikkonforma mal-miżuri ta' mitigazzjoni u kumpens ambjentali applikabbli stabbiliti għall-proġett oriġinali u dawk il-miżuri jirriflettu l-aħjar tekniki disponibbli (BAT) u jibqgħu xierqa għall-fini tal-proġett mibdul;
	(e) l-ambjent tal-madwar ma esperjenzax degradazzjoni mill-bini tal-proġett oriġinali sal-punt li l-bidliet jew l-estensjonijiet jistgħu jwasslu għal livelli

inaċċettabbli ta' degradazzjoni.

Or. en

Emenda 203
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti ***biss*** għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent***.*** Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali ***biss*** meta ***jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom*** fuq l-ambjent, ***dawk ippreżentati mill-proġett*** oriġinali.	1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent***, inkluż flimkien mal-proġett oriġinali u kwalunkwe bidla jew estensjoni oħra awtorizzata qabel għall-istess proġett.*** Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ***tal-impatt*** ambjentali meta ***l-iskrinjar jindika li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti*** fuq l-ambjent, ***kemm jekk individwalment kif ukoll jekk flimkien mal-proġett*** oriġinali ***u kwalunkwe bidla jew estensjoni oħra awtorizzata qabel***. ***Għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-effetti kumulattivi, filwaqt li tindirizza b'mod partikolari l-effetti fuq l-ispeċijiet protetti, il-ħabitats naturali u l-korpi tal-ilma.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament għandu jippermetti l-identifikazzjoni rapida tar-riskji, peress li r-restawr tal-ħsara jkun jiswa aktar flus. L-emenda tinkorpora l-valutazzjoni tal-effetti kumulattivi.

Emenda 204
Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali.	(1) Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni ***u jitnaqqsu l-emissjonijiet tan-nitroġenu***, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar***, inkluża l-valutazzjoni fis-sens tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE,*** mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss ***u għal valutazzjoni xierqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE*** meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali ***fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq l-ambjent***.

Or. de

Emenda 205
Pascal Arimont, Wouter Beke, Liesbet Sommen, Ingeborg Ter Laak, Norbert Lins

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali.	1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni ***u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tan-nitroġenu***, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar***, inkluż skrinjar fil-kuntest tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE,*** mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali ***u valutazzjoni xierqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE*** biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali ***f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent***.

Or. en

Emenda 206
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti ***biss*** għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet	1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet

jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali ***biss*** meta jinvolvu xogħlijiet ***kbar*** li ***jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom*** fuq l-ambjent, ***dawk ippreżentati mill-proġett*** oriġinali.	jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali meta jinvolvu xogħlijiet li ***x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti*** fuq l-ambjent, ***filwaqt li jitqies l-istat kurrenti tal-ambjent fiż-żona li x'aktarx tiġi affettwata u l-effetti kumulattivi mal-proġett*** oriġinali. ***Meta l-proġett oriġinali ma kienx soġġett għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont din id-Direttiva, l-iskrinjar ma għandux ikun limitat għall-effetti tal-bidla jew tal-estensjoni biss.***

Or. en

Emenda 207
Sander Smit, Geadis Geadi, Aurelijus Veryga

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, ***u*** l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn***,*** f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent***, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali***.	1. ***1.*** Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni ***u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tan-nitroġenu***, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar***, inkluż skrinjar fil-kuntest tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE,*** mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali ***u valutazzjoni xierqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE*** biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn ***dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali*** f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Due to the current interpretation of this article only the effects on Natura 2000 areas of the new project may be assessed, while the existing effects of the current activity may not be considered in comparison. As a result, projects that will result in a lower emissions or reduced environmental impacts compared to the existing authorized activity are often not able to obtain permits.Practical example:A dairy farmer who currently has a legal permit for his farming activities under the Habitats Directivewants to install an air scrubber on his barn to reduce his ammonia emissions. Installing this air scrubberwill result in negligible short-term impact, limited to the emissions that will occur when installing the airscrubber(i.e. machinery used for installation, transport). After installation, the farmer is able tosignificantly reduce emissions over time, thereby contributing to nature restoration. Due to the currentimplementation of Article 6(3) of the Habitats Directive, this farmer cannot obtain a permit because theemission reductions compared to the baseline situation may not be considered.

Emenda 208
Mathilde Androuët

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali.	1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni***, l-immodernizzar, is-sikurezza, il-kompetittività, ir-rilokazzjoni, il-kontinwità industrijali, iż-żieda fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni strateġiċi jew it-tnaqqis ta' dipendenzi kritiċi***, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-immodernizzar ta' sit industrijali strateġiku ma għandux jiġi ffaċilitat biss meta jilħaq objettiv ta' dekarbonizzazzjoni. Għandu jiġi ffaċilitat ukoll meta jsaħħaħ il-kompetittività, is-sovranità industrijali, is-sigurtà tal-provvista, ir-rilokazzjoni jew il-kontinwità produttiva fl-Unjoni.

Emenda 209
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Danuše Nerudová

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex ***tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni***, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li ***huma simili jew akbar minn***, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali.	1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex ***jiġi żgurat it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn installazzjonijiet jew proċessi industrijali eżistenti, il-prevenzjoni tat-tniġġis, iċ-ċirkolarità tal-proċessi tal-produzzjoni b'benefiċċji dimostrabbli għat-tnaqqis tal-emissjonijiet***, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li ***għandhom ambitu differenti***, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali.

Or. en

Emenda 210
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali.	1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta ***x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent, b'mod partikolari minħabba n-natura, id-daqs jew il-post tagħhom, jew*** jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali.

Or. en

Emenda 211
Andrea Wechsler, Christian Ehler, Peter Liese

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet ***jew*** l-estensjonijiet ***tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu*** tal-operat ***tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni,*** għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar ***mill-awtoritajiet*** kompetenti ***sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom*** effetti sinifikanti fuq l-ambjent***. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet***	1. Il-bidliet***,*** l-estensjonijiet***, ir-rinnovazzjoni, il-modernizzazzjoni, ir-repowering, it-tisħiħ jew il-miżuri li jippermettu t-tkomplija*** tal-operat ***ta' proġett, installazzjoni, kuritur jew infrastruttura konnessa funzjonalment eżistenti*** għandhom ikunu soġġetti biss għal ***proċedura ta'*** skrinjar***, ħlief jekk l-awtorità*** kompetenti ***tiddetermina, abbażi ta' evidenza oġġettiva, li l-bidla proposta x'aktarx li jkollha*** effetti ***negattivi***

għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ***ippreżentati mill-proġett oriġinali***.	***addizzjonali*** sinifikanti fuq l-ambjent ***meta mqabbla mal-proġett, l-installazzjoni, il-kuritur jew l-infrastruttura eżistenti. Meta jiġu identifikati tali effetti negattivi addizzjonali sinifikanti, il-valutazzjoni sussegwenti għandha tkun limitata għal*** dawk ***l-effetti li x'aktarx jirriżultaw mill-bidla proposta***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tiżgura li l-modifiki tal-proġetti eżistenti jiġu vvalutati abbażi tal-effetti ambjentali addizzjonali tagħhom. Dan jevita li l-miżuri ta' modernizzazzjoni, repowering, tisħiħ jew operazzjoni kontinwa jiġu ttrattati bl-istess mod bħal proġetti kompletament ġodda fejn huma rilevanti biss l-impatti inkrementali.

Emenda 212
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet ***kbar*** li jirrappreżentaw riskji li ***huma simili jew akbar minn,*** f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali.	1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta ***x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent, b'mod partikolari minħabba n-natura, id-daqs jew il-post tagħhom, jew*** jinvolvu xogħlijiet li jirrappreżentaw riskji li ***għandhom ambitu differenti,*** f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali.

Or. en

Emenda 213
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet ***kbar*** li ***jirrappreżentaw riskji*** li huma ***simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent,*** dawk ***ippreżentati mill-proġett*** oriġinali.	1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet li ***jikkawżaw effetti ambjentali negattivi sinifikanti*** li huma ***komparabbli fin-natura u fl-iskala ma'*** dawk ***tal-proġett*** oriġinali. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livelli limitu ċari ta' materjalità għal tipi komuni ta' proġetti biex jiżguraw iċ-ċertezza legali.***

Or. en

Emenda 214
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u	1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u

modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta ***jinvolvu xogħlijiet kbar li*** jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati ***mill-proġett*** oriġinali.	modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jirrappreżentaw riskji li huma simili jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati ***minn proġett*** oriġinali ***kif definit mill-Artikolu 4***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex ċar xi tfisser "xogħlijiet kbar". Il-fattur deċiżiv huwa l-effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Għalhekk, nippropponu li titħassar "jinvolvu xogħlijiet kbar li". Barra minn hekk, mhux il-proġett oriġinali bħala tali (id-daqs, l-effetti fuq l-ambjent) għandu jkun deċiżiv dwar jekk għandhiex titwettaq valutazzjoni ambjentali jew le, iżda l-limiti/kriterji jew fatturi deċiżivi oħra li jwasslu għal valutazzjoni ambjentali ta' proġett oriġinali.

Emenda 215
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma ***simili jew*** akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom	1. Il-bidliet jew l-estensjonijiet tal-proġetti, bħall-adattament tal-pipelines jew tas-siti industrijali għal skop differenti, u l-estensjoni tal-perjodu tal-operat tagħhom u modifiki biex tiġi żgurata d-dekarbonizzazzjoni, għandhom ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex probabbli li jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dawk il-bidliet jew l-estensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni ambjentali biss meta jinvolvu xogħlijiet kbar li jirrappreżentaw riskji li huma akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent,

fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali.	dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali.

Or. en

Emenda 216
Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għall-finijiet ta' bidliet jew estensjonijiet multipli tal-istess proġett jew ta' proġetti konnessi funzjonalment imwettqa f'perjodu ta' 10 snin għandhom jiġu aggregati u vvalutati b'mod kumulattiv mill-awtorità kompetenti. Meta l-valur kumulattiv tal-modifiki jaqbeż ir-riskji li huma simili għal jew akbar minn, f'termini tal-effetti tagħhom fuq l-ambjent, dawk ippreżentati mill-proġett oriġinali, l-awtorità kompetenti għandha tissoġġetta l-modifiki kollha akkumulati matul il-perjodu ta' referenza għal valutazzjoni ambjentali, filwaqt li tittrattahom bħala intervent wieħed.

Or. en

Emenda 217
Jessica Polfjärd

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-bidliet jew l-estensjonijiet ta' proġett li huma primarjament maħsuba biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, iżidu l-effiċjenza enerġetika, itejbu l-prestazzjoni ambjentali, jew isaħħu l-ambjent għandhom, dment li ma

jirriżultawx f'effetti negattivi sinifikanti ġodda fuq l-ambjent, ikunu soġġetti biss għal skrinjar mill-awtoritajiet kompetenti u għandhom normalment ikunu eżentati mir-rekwiżit għal valutazzjoni ambjentali.

Or. en

Emenda 218
Radan Kanev, Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Ħlief jekk il-proġett oriġinali jkun għadda minn valutazzjoni ambjentali u mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni dwar l-iskrinjar mill-awtorità kompetenti, meta ma tkun ġiet inkluża l-ebda miżura ta' mitigazzjoni fil-valutazzjoni ambjentali tal-proġett oriġinali, l-iżviluppatur jista' jaġġorna u jimplimenta l-miżuri ta' mitigazzjoni qabel il-bidla tal-proġett abbażi tad-data xjentifika disponibbli.

Or. en

Emenda 219
Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta ma tkun ġiet inkluża l-ebda miżura ta' mitigazzjoni fil-valutazzjoni ambjentali tal-proġett oriġinali, l-iżviluppatur għandu jaġġorna u jimplimenta l-miżuri ta' mitigazzjoni qabel il-bidla tal-proġett abbażi tal-aktar data xjentifika affidabbli disponibbli u fuq l-aktar riżultati reċenti tar-riċerka

akkademika rilevanti.

Or. en

Emenda 220
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għal bidliet jew estensjonijiet li jaqgħu taħt il-limiti ta' materjalità stabbiliti mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tikkonferma fi żmien 15-il jum ta' xogħol li ma huwa meħtieġ l-ebda skrinjar. In-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza għandu jikkostitwixxi konferma li ma huwa meħtieġ l-ebda skrinjar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mingħajr konferma rapida għal bidliet żgħar, l-iżviluppaturi jiffaċċjaw inċertezza anke għal modifiki żgħar. L-approvazzjoni taċita għal bidliet taħt il-livell limitu tipprovdi ċ-ċertezza legali meħtieġa.

Emenda 221
Jeannette Baljeu, Andreas Glück, Engin Eroglu, Ana Vasconcelos, Ilhan Kyuchyuk

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-adattament għal skop ġdid tal-pipelines eżistenti tal-gass jew taż-żejt għat-trasport tas-CO2 jew tal-idroġenu għandu jiġi preżunt li ma jinvolvix xogħlijiet kbar skont it-tifsira ta' dan l-Artikolu u għandu jkun soġġett biss għall-iskrinjar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għoti ta' skop ġdid lill-kurituri tal-pipelines eżistenti għas-CO2 jew għall-idroġenu huwa rotta ta' dekarbonizzazzjoni b'impatt baxx u kosteffettiva. It-trattament tagħha bħala modifika minuri aktar milli proġett ġdid ineħħi ostaklu bla bżonn, konsistenti mar-referenza eżistenti għall-għoti ta' skop ġdid lill-pipeline fl-Artikolu 5(1).

Emenda 222
Emma Fourreau, Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal bidliet jew estensjonijiet fejn il-proġett oriġinali ma jkunx għadda minn valutazzjoni ambjentali.

Or. en

Emenda 223
Radan Kanev, Susana Solís Pérez, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta proġett ikun meħtieġ biex iwieġeb għal sitwazzjoni ta' emerġenza, inkluż biex jipprevjeni theddida imminenti għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza pubblika, għall-ħtieġa imperattiva għas-sikurezza tal-infrastruttura kkonċernata jew għall-integrità ta' sit ta' Natura 2000, l-Istat Membru kkonċernat jista' jawtorizza mingħajr valutazzjoni ambjentali minn qabel tali proġett, inkluż f'sit ta' Natura 2000 jew qrib tiegħu, dment li l-proġett ikun strettament meħtieġ, debitament ġustifikat, limitat fl-

ambitu u fit-tul ta' żmien, u soġġett għal salvagwardji xierqa. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas legali applikabbli għal tali proġetti jiddefinixxi b'mod ċar, minn qabel, il-kundizzjonijiet li taħthom tista' tiġi invokata emerġenza, l-arranġamenti kompetenti ta' governanza u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, il-limiti temporali tal-awtorizzazzjoni ta' emerġenza, il-kundizzjonijiet għat-terminazzjoni tas-sitwazzjoni ta' emerġenza, u l-obbligi applikabbli wara li jkun twettaq il-proġett. Wara t-tlestija ta' tali proġett, l-awtorità kompetenti għandha twettaq, f'perjodu stabbilit legalment, valutazzjoni ex post komprensiva tal-effetti tiegħu fuq is-sit ta' Natura 2000 ikkonċernat. Meta dik il-valutazzjoni tidentifika ħsara jew deterjorament sinifikanti, l-Istat Membru għandu jiżgura li l-miżuri kollha meħtieġa ta' rimedju, restawr jew kumpens jittieħdu mingħajr dewmien, f'konformità mal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE.

Or. en

Emenda 224
Jeannette Baljeu, Christine Singer, Engin Eroglu, Ana Vasconcelos, Ilhan Kyuchyuk, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għal modifiki ta' proġetti legali eżistenti li mid-disinn iwasslu għal tnaqqis nett tal-emissjonijiet, inklużi l-emissjonijiet tan-nitroġenu jew id-depożizzjoni tan-nitroġenu, jew għal tnaqqis nett ta' sors speċifiku ieħor ta' pressjoni fuq żona speċjali ta' konservazzjoni jew żona ta' protezzjoni speċjali, dan għandu, fil-kuntest tal-istadju ta' skrinjar skont l-Artikolu 6(3)

tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE u fid-dawl tal-objettivi ta' konservazzjoni tas-sit ikkonċernat, jiġi preżunt, fir-rigward biss tal-emissjoni, id-depożizzjoni jew is-sors speċifiku ta' pressjoni kkonċernat, li ma huwa probabbli l-ebda effett sinifikanti fuq is-sit, sakemm evidenza oġġettiva speċifika għas-sit ma tindikax mod ieħor. Ma għandhiex taffettwa r-rekwiżit li jiġi vvalutat kwalunkwe effett sinifikanti probabbli ieħor fuq is-sit ikkonċernat, inklużi l-effetti fuq il-ħabitats protetti, l-ispeċijiet, l-idroloġija, il-kwalità tal-ilma, id-disturb, il-frammentazzjoni jew l-effetti kumulattivi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment addresses the situation where an existing lawful activity is modified in a way that leads to a net reduction in emissions or another specific source of pressure on a Natura 2000 site. In such cases, it should be presumed at screening stage that no significant effect is likely with regard to that specific reduced pressure, unless likely significant effects cannot be excluded on the basis of objective site-specific information. The presumption is carefully limited: the reduction must be sufficiently certain, legally or technically secured, monitorable and relevant in time for the conservation objectives of the site. The amendment explicitly preserves the obligation to assess other possible impacts, including on habitats, species, hydrology, water quality and cumulative effects. This creates a practical incentive for sustainability investments while preventing abuse or paper reductions.

Emenda 225
Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Fil-każ ta' modifiki fi proġetti eżistenti li, skont id-disinn tagħhom, jirriżultaw fi tnaqqis nett ta' emissjonijiet jew sorsi oħra ta' pressjoni fuq żoni speċjali ta' konservazzjoni, fil-kuntest tal-iskrinjar imwettaq skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill92/43/KEE, huwa preżunt li mhumiex mistennija li jkollhom

effetti sinifikanti fuq is-sit sakemm evidenza oġġettiva speċifika għas-sit ma tindikax mod ieħor.

Or. de

Emenda 226
Pascal Arimont, Wouter Beke, Liesbet Sommen, Ingeborg Ter Laak, Norbert Lins

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għal modifiki ta' proġetti eżistenti li mid-disinn iwasslu għal tnaqqis nett ta' emissjonijiet jew sorsi oħra ta' pressjoni fuq żoni speċjali ta' konservazzjoni, għandu, fil-kuntest tal-istadju ta' skrinjar tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, jiġi preżunt li ma huwa probabbli l-ebda effett sinifikanti fuq is-sit, ħlief jekk evidenza oġġettiva speċifika għas-sit tindika mod ieħor.

Or. en

Emenda 227
Sander Smit, Geadis Geadi, Aurelijus Veryga

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għal modifiki ta' proġetti eżistenti li mid-disinn iwasslu għal tnaqqis nett ta' emissjonijiet jew sorsi oħra ta' pressjoni fuq żoni speċjali ta' konservazzjoni, għandu, fil-kuntest tal-istadju ta' skrinjar tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, jiġi preżunt li ma huwa probabbli l-ebda effett sinifikanti fuq is-sit, ħlief jekk evidenza oġġettiva speċifika

għas-sit tindika mod ieħor.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-Artikolu 5(1)

Emenda 228
Stefan Köhler

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Il-miżuri li mhumiex inklużi fi pjan ta' ġestjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 92/43/KEE jew fi pjan nazzjonali ta' restawr skont ir-Regolament dwar il-Konservazzjoni tan-Natura għandhom jitqiesu suffiċjenti għar-rekwiżit ta' addizzjonalità u għalhekk jistgħu jintużaw bħala miżuri ta' mitigazzjoni speċifiċi għall-proġett skont it-tifsira tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE.

Or. de

Emenda 229
Jeannette Baljeu, Engin Eroglu, Ana Vasconcelos, Ilhan Kyuchyuk, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-miżuri li mhumiex inklużi fi pjan ta' ġestjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 92/43/KEE, jew fi pjan nazzjonali ta' restawr skont ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura, għandhom jiġu preżunti li jissodisfaw ir-rekwiżit ta' addizzjonalità u jistgħu

għalhekk jiġu invokati bħala miżuri ta' mitigazzjoni speċifiċi għall-proġett skont it-tifsira tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE.

Or. en